# Ħeħen il-Qala

Festa 2011



**Fl-okkażjoni tal-40 sena mill-Inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari ta' San Ġużepp**



Malta: 15/2 St.Luke's Road, Guardamangia PTA 1025, Malta • Tel/Fax: (+356) 2123 5558
Gozo: 16, Ghajn Qatet Street , Victoria VCT 2100, Gozo, Malta • Tel: (+356) 2155 6021 • (+356) 2755 6021
e-mail: mail@afellis.com.mt • malta@afellis.com.mt

AF ELLIS HOME DECOR LTD.

**HIGH QUALITY MATTRESSES - We do not supply shops (wholesale prices)**

Channel Trade Marketing - BergHOFF (Malta) Spring Str., Mosta **Tel:** 21411990 / 79300135 / 99827800 **Email:** vmlog@global.net.mt **www.yatsan.com**




| SIZE | 80x190 | 90x190 | 140x190 | 150x190 | 160x190 | 180x190 | Thickness |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Holiday Flat Mattress | (NEW soon available phone for price) | | | | | | 18cm |
| Semi Orthopaedic | €90 | €96 | €145 | €157 | €164 | €185 | 20cm |
| Fully Orthopaedic | €95 | €102 | €152 | €160 | €169 | €200 | 20cm |



# Il-Kelma tal-Arċipriet

**Rev. Kan. Dr Joe Zammit**

# Dan l-aġġornament

Dan l-aħħar smajna ħafna l-kelma aġġornament, li l-Knisja għandha taġġorna ruħha, li għandha timxi maż-żminijiet... Li l-Knisja għandha tagħmel dan, tafu hi diġa' għax fil-fatt dejjem hekk għamlet. Il-Knisja qatt ma baqgħet staġnata, iffossilizzata fl-antik. U dan l-ewwel u qabel kollox għax min imexxiha mhux bniedem imma l-Ispirtu Divin, Dak jiġifieri li joħloq kontinwament realtajiet ġodda u dan mhux biss fil-Knisja, għax hu permezz tiegħu li l-ħajja hi ħajja, kemm tal-bnedmin u kemm tal-univers li jgħixu fih.

Huwa l-Ispirtu s-Santu li ma jaqta' qatt li jġedded il-ħolqien. Huwa minnu li l-Ispirtu s-Santu jaġixxi permezz tal-bnedmin u fil-każ tagħna, permezz ta' bnedmin minnu kkonsagrati l-ewwelnett fis-Sagrament tal-Magħmudija. Billi aħna nibqgħu bnedmin u allura suġġetti għall-iżball, aħna nistgħu niġġeddu kontinwament permezz tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni li d-demm għażiż ta' Kristu, il-Fundatur tal-Knisja, għamel possibbli. Jiskantawni dawk l-insara li minflok ma jieħdu ħsieb li jaraw li ħajjithom tkun taqbel ma' dak li huma suppost ikunu permezz ta' din il-ħajja tal-grazzja li huma għandhom fihom, jippuntaw subgħajhom lejn l-Istituzzjoni tal-Knisja Ommhom biex tkun hi li tirriforma ruħha. Hu minnu li din l-Istituzzjoni bħal kull istituzzjoni oħra trid tagħraf tinterpreta s-sinjali taż-żminijiet u tadegwa magħhom, imma qatt ma tista' toħroġ barra mill-parametri tal-Liġi ta' Alla miktuba fin-Natura u fl-Iskrittura.

Il-Liġi t'Alla hija perfetta bħalma Alla hu perfett u jiżbalja bis-sħiħ min jaħseb li jekk tinbidel, il-bniedem sejjer jasal x'imkien. Min tbiegħed minn Alla tbiegħed minnu nnifsu, mill-ġid veru li jista' qatt ikollu. Min jitbiegħed minn Alla li fuq ix-xbieha tiegħu l-bniedem hu maħluq, ikun jitbiegħed mir-raġuni u b'konsegwenza ta' dan, jiġġennen. Barra minn dan, għalkemm dan l-argument waħdu għandu jkun biżżejjed biex ifiehem lil min forsi jifhem hu imma ma jridx lil ħaddieħor jifhem u allura jiżra sikrana tal-qerq fit-tagħrif, Alla għadda lill-Knisja s-setgħa li tħoll u torbot jiġifieri għadda lilha u prinċipalment lilha biss dak li jissejjaħ id-depożitu tal-fidi u f'ċerti ċirkostanzi addirittura l-infallibbiltà fit-tagħlim. Għidna 'prinċipalment' għar-raġuni li Alla, anki fir-reliġjonijiet il-kbar magħrufa mill-Knisja, xeħet dawk li jissejħu 'I semi del Verbo' (żerriegħa tal-Għerf Divin), li minnhom ukoll il-bniedem jista' jasal biex iħobbu u jgawdih. Aġġornament meħtieġ, u żgur, però fid-dawl ta' dan it-tagħlim, li mhux għajr minn dak miġbur minn Kristu nnifsu meta jgħid bla tlaqliq: 'Min mhux miegħi huwa kontra tiegħi u min ma jiġborx miegħi ixerred'.

Nistaqsi lil dawk kollha li perċu tant fehmiethom dan l-aħħar f'dan ir-rigward: lesti intom għal aġġornament bħal dan? Lesti li tħallu lilkom infuskom l-ewwelnett li tiġġeddu biex ma jiġrilkomx li taraw it-tibna f'għajn il-Knisja waqt li tinsew it-travu li jista' jkun hemm f'għajnejkom? Lesti li tirrikonoxxu lil Alla b'dak li hu u għalhekk li intom minnu maħluqa? Għax din il-ħeġġa tista' taħbi xewqa li dehret f'qalb il-bniedem mal-ewwel mument tal-ħolqien meta għat-tnassis tat-tentatur 'U le ma tmutux... Dak għax jekk tieklu minnha ssiru allat', il-bniedem tal-lum ħa jerġa' jfattarha u jaqa' għat-tentazzjoni fina tal-ambizzjoni, tal-poter, tal-flus u f'ħakka t'għajn isir dittatur tal-ħsieb, tat-tagħrif, tat-tagħlim... minflok ma jkun dettatur tar-Rieda t'Alla għall-bnedmin. ■




## Errata Corrige

| Ħarġa ta' | Sena | Ħarġa N°. | Serje E N°. |
|---|---|---|---|
| April 2005 | It-33 Sena | 90 | 1 |
| Festa 2005 | It-33 Sena | 91 | 2 |
| Milied 2005 | It-33 Sena | 92 | 3 |
| Għid 2006 | Il-34 Sena | 93 | 4 |
| Festa 2006 | Il-34 Sena | 94 | 5 |
| Milied 2006 | Il-34 Sena | 95 | 6 |
| Għid 2007 | Il-35 Sena | 96 | 7 |
| Festa 2007 | Il-35 Sena | 97 | 8 |
| Jannar 2008 | Is-36 Sena | 98 | 9 |
| Għid 2008 | Is-36 Sena | 99 | 10 |
| Festa 2008 | Is-36 Sena | 100 | 11 |
| Jannar 2009 | Is-37 Sena | 101 | 12 |
| April 2009 | Is-37 Sena | 102 | 13 |
| Festa 2009 | Is-37 Sena | 103 | 14 |
| Jannar 2010 | It-38 Sena | 104 | 15 |
| April 2010 | It-38 Sena | 105 | 16 |
| Festa 2010 | It-38 Sena | 106 | 17 |
| Jannar 2011 | Id-39 Sena | 107 | 18 |
| Għid 2011 | Id-39 Sena | 108 | 19 |
| Festa 2011 | Id-39 Sena | 109 | 20 |

# F'Din il-Ħarġa

Il-Kelma tal-Arċipriet 1
40 Sena Inkurunat 3
Editorjal 6
Messaġġ tas-Sindku 7
San Ġużepp Fostna 9
Frak ta' Storja 13
Simboli Bibliċi tal-Ispirtu s-Santu 15
L-Impenn tan-Nisrani fil-Ħajja tal-Lum 17
San Ġużepp u x-xogħol 19
To Our English Speakins Residents 20
Katekeżi Luqa 9: Versi 28-36 - It-Transfigurazzjoni 21
San Ġużepp - Ix-xogħol u l-familja llum 25
Kelina Xerri - Ħajja ta' Qdusija 26
Radju Leħen il-Qala - 15-il Sena ta' Storja 27
Qala Online 34
Għaqda Mużikali - 15-il Sena mit-twaqqif tagħha 35
Il-Festa f'għajnejn it-tfal 38
Mid-Djarju ta' Ġużepp Debono 39
Ġnien il-Ħajja 43
Programm - Festa 2011 45
"Ser nibqa' ngħożż f'qalbi dawn il-ħwejjeġ kollha..." 49
48 Kungress Djoċesan tax-Xirka 53
Australian Qala Association 57
Żjara tal-Prim Ministru fil-Qala 61
Gozo International Celebration 63
Persunaġġi Qalin 69
Għaqda tan-Nar San Ġużepp 72
Mil-Għaqda armar San Ġużepp 73
Id-Devozzjoni ta' Dun Ġorġ Preca lejn San Ġużepp 74
Azzjoni Katolika - Fergħa Ommijiet 75
Il-Leġjun ta' Marija - Sezzjoni Rġiel 76
O Żmien Ħelu 77
Il-Qala ta' żmien ilu 79
Kronaka tal-Parroċċa 83
Radju Leħen il-Qala - Programmi 89
Ritratt tal-Ħarġa 91

Leħen il-Qala

Id-39 Sena • N°. 109 - Serje E - N°. 20 • Festa 2011

- Direzzjoni u Amministrazzjoni: Uffiċċju Parrokkjali, Pjazza San Ġużepp, Qala, Għawdex. Tel/Fax: 2155 6684 • Mobile: 9940 3612
- Toħroġ tliet darbiet fis-sena, fix-xhur t'April, Awwissu u Diċembru, u titqassam b'xejn iżda kull offerta tiġi aċċettata.
- Il-fehmiet li jistqarru l-awturi u l-korrispondenti tal-artikli li jiġu ppublikati m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.
- Kull korrispondenza għandha tintbagħat lill-Bord Editorjali, "Leħen il-Qala", Dar Parrokkjali, Pjazza San Ġużepp, Qala, Għawdex, jew e-mail: lehenilqala@gmail.com
- Isettjat: Mario Bugeja. Mob: 7956 0992
- Stampat: A&M Printing Ltd. Qala. Tel: 2155 3217



# "40 Sena Inkurunat"

Kien it-tieni Ħadd 8 t'Awwissu 1971, ġimgħa fuq Jum il-Festa proprja, meta saret l-Inkurunazzjoni Sollenni tal-Kwadru Titulari famuż u tant għażiż għalina l-Qalin, impitter b'sengħa u abbiltà kbira minn idejn l-Artist Professur Malti Ġiuseppe Calì. Kwadru li juri l-Patroċinju tal-Kbir Patrijarka San Ġużepp, imwennes u appoġġjat minn Ġesù fuq ix-xellug u martu Marija fuq il-lemin tiegħu. Kwadru li jżid mal-Persunaġġi ġa msemmija, lir-Ruħ il-Qodos taħt forma ta' Ħamiema hemm fin-nofs bejn Ġesù u Marija, li jissimbolizza l-milja tal-Ispirtu Qaddis li bih kien mogħni l-Qaddis tagħna Ġużeppi. Kif ukoll Anġlu bit-Trerenju qed joffrieh lil San Ġużepp – simbolu ta' Protettur tal-Knisja Universali, waqt li fuq ix-xellug l-Arkanġlu Gabriel jisħaq lix-xitan u l-għemejjel kollha tiegħu.

Il-Festi Ċentinarji f'ġieħ il-Patroċinju ta' San Ġużepp, kienu organizzati fuq medda ta' ħmistax-il ġurnata - mis-Sibt 24 ta' Lulju sal-Ħadd 8 t'Awwissu. L-ewwel ġimgħa ntemmet bil-purċissjoni tal-Istatwa Titulari u Devotissima ta' San Ġużepp bħal ma jsir is-soltu. It-tieni ġimgħa ġiet fi tmiemha bl-Inkoronazzjoni Sollenni tal-Kwadru Titurali ta' San Ġużepp, li tniżżel minn postu u wara li ħareġ proċessjonalment u dar id-dawra tal-pjazza tal-knisja, tpoġġa fuq palk apposta fejn saret iċ-Ċerimonja tant mistennija u mixtieqa mill-Qalin u mill-Ġużeppini kollha ta' Malta u Għawdex.

Dawn il-festi kienu jinkludu diversi attivitajiet oħra lkoll b'konnessjoni ma' dan l-avveniment hekk importanti u mistenni. Il-Festi nfetħu b'quddiesa pontifikali sollenni mill-Isqof Nikol Cauchi, nhar il-Ħadd 24 ta' Lulju 1971. Wara l-quddiesa ġew inawgurati u mbierka z-Zokklu l-ġdid tal-Irħam u l-Gallerija tal-Orgni. Il-President



tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex, is-Sur Anton Vassallo, inawgura Esibizzjoni Soċjo-Artistika fuq San Ġużepp u l-Qala dritt wara l-quddiesa fis-sede tal-Mużew tal-Irġiel. Imbagħad kull jum kien iddedikat għal xi kategorija u b'suġġett differenti u dejjem kien immexxi minn Arċiprieti, Kappillani u Isqfijiet differenti. Fost dinjitarji oħra ħadu sehem, l-Isqfijiet Mons. Nikol Ġużeppi Cauchi - Amministratur għal Għawdex, Mons. Ġużeppi Pace Isqof ta' Għawdex, Mons. Emanuel Galea – Vigarju Ġenerali, l-Isqof Mons. Dino Romoli – Isqof Taljan, Mons. Mikiel Ċefai – Vigarju Ġenerali għal Għawdex, il-Kapitlu tal-Katidral, u l-Kapitli tal-Kolleġġjati u Bażiliċi ta' San Ġorġ tar-Rabat, tal-Għarb, tan-Nadur u tax-Xagħra.



Din id-darba l-protagonist kien San Ġużepp, fejn il-Qala messa dan il-privileġġ hekk kbir u singulari, li tkun hi li tmur tpoġġi fuq ir-Ras Għażiża tal-Patrijarka Ġużeppi, kuruna ta' Deheb u Djamenti bħala sinjal ċar u sinċier tal-imħabba kbira u l-istima tal-Poplu tagħna lejn dan il-Persunaġġ hekk privileġġat u singulari wara martu, l-Imqaddsa Verġni Marija. Din il-Kuruna nħadmet mid-Ditta "Rossetti" ta' Milan fl-Italja, fuq disinn tas-Sur Carmelo Tonna, disinjatur magħruf mir-Rabat ta' Malta.

Ċerimonja hekk nobbli, serja u sollenni kienet titlob li titmexxa minn Prelat għoli tal-Knisja Kattolika. Fil-fatt l-Arċipriet ta' dak iż-żmien, il-mibki Dun Ġużepp Borg Attard mill-Fontana, kien stieden lill-Kardinal Ġiovanni Colombo, Arċisqof ta' Milan, biex jinkuruna lil San Ġużepp. Hu kien akkompanjat mill-Isqfijiet Mons. Nikol G. Cauchi, dak iż-żmien Amministratur Appostoliku għal Għawdex u minn Mons. Dino Romoli, Isqof Taljan.



L-Eminenza tiegħu l-Kardinal Colombo qasam minn Malta għal Għawdex nhar il-Ġimgħa 6 t'Awwissu 1971, fuq il-lanċa personali tal-Gvernatur ta' Malta Sir Anthony Mamo fil-5.30pm. Kien milqugħ fil-Port tal-Imgarr mill-Banda Ċittadina "La Stella" bid-daqq tal-Innu Pontifiċju. Wara li ltaqa' mal-Awtoritajiet kemm Reliġjużi kif ukoll Ċivili huwa kompla t-triq lejn il-Qala b'*Carcade,* fejn folla mdaqqsa ta' nies kienet tistennieh fi Pjazza Isqof Buttiġieġ, u tagħtu merħba kbira. Minn hawn huwa telaq lejn il-Knisja Arċipretali bl-akkompanjament tal-Banda u kant u għajjat ta' Viva l-Papa, Viva l-Kardinal Colombo u Viva l-Magnus.



Kbir kien dan il-Jum u ta' sinifikat straordinarju kemm għall-Qalin, kif ukoll għall-Knisja kollha ta' din id-Djoċesi. Bi preparamenti għall-Inkurunazzjoni, waħda unika fil-Gżejjer Maltin, għax qatt ma saret qabel u lanqas wara, inkurunazzjoni jekk mhux tal-Madonna jew ta' Ġesù taħt titlu jew ieħor, lejlet l-Inkurunazzjoni ttellgħet Akkademja Musico-Letterarja taħt il-presidenza tal-Kardinal Giovanni Colombo assistit mit-tliet Isqfijiet l-Eċċellenza tagħhom Mons. Ġużeppi Pace, Mons. Nikol Ġ.Cauchi u Mons. Dino Romoli li ġie apposta mill-Italja għal din l-Inkurunazzjoni. Għal din l-Akkademja kienu preżenti bosta mistednin distinti, sew Reliġjużi kif ukoll Ċivili. Il-parti mużikali kienet immexxija mill-Kor "Cantate Domino" taż-Żurrieq Malta. Fil-għaxija nżamm lejl ta' talb u Adorazzjoni fil-Knisja Arċipretali tal-istess Parroċċa tal-Qala.

F'Jum l-Inkurunazzjoni filgħodu, l-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Colombo mexxa Pontifikal Sollenni assistit mill-Kapitlu tal-Knisja Katidrali ta' Għawdex, fejn niseġ Paneġirku kollu tifħir ad Unur tal-Kbir Patrijarka San Ġużepp. Wara l-Vanġelu sar il-kuntratt tal-Inkurunazzjoni min Nutar Ġużeppi Cauchi LL.D. Dan il-kuntratt kellu bħala xhieda tiegħu lill-ex Maġistrat Salvu Attard u s-Sur Anton Buttiġieġ, ex-Spettur tal-Edukazzjoni għal Għawdex. Il-Kuntratt kien iffirmat ukoll mill-Arċipriet tal-Qala, l-W.R. Kan. Ġużeppi Borg Attard, Mons. Isqof Nikol G. Cauchi u sintendi n-Nutar Ġużeppi Cauchi. Waqt il-Quddiesa żewġ Pulizija ta' Malta lebsin l-Uniformi Ċerimonjali kienu fuq il-Presbiterju, wieħed kull naħa tal-artal Maġġur.

Wasal imbagħad il-mument l-aktar mistenni u Sollenni ta' dawn il-festi Ċentinarji. Filgħaxija, fil-5.00, bdiet ħierġa l-Purċissjoni bil-Kwadru Titulari ta' San Ġużepp li daret dawra mal-knisja u ħadet postha fuq palk imhejji apposta f'nofs il-pjazza tal-knisja. F'din il-purċissjoni ħadu sehem il-korpi kollha kostitwiti tad-Djoċesi, sew dawk Reliġjużi kif ukoll dawk Ċivili. Il-Kuruna ġiet merfugħa mill-Onor. Dr. Anton Buttiġieġ, dakinhar Ministru tal-Ġustizzja u li wara sar it-tieni President ta' Malta, li kien akkompanjat mill-Eċċ. Tiegħu Sir Anthony Mamo, Gvernatur Ġenerali ta' Malta u s-Sinjura Tiegħu. Il-Purċissjoni tmexxiet mill-Kavallerija tal-Pulizija.

Fis-6.30pm, imbagħad bdiet iċ-Ċerimonja proprja tal-Inkurunazzjoni b'diskorsi qosra tal-okkażjoni, il-qari tal-Kuntratt u t-tberik mill-ġdid tal-Kuruna. U hekk wasal il-mument l-aktar mistenni mill-folla li minn kmieni kienet ippakkjat il-pjazza tal-knisja. Imbagħad waqa' skiet kbir u l-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Colombo ħa f'idejh kemm xejn jirtogħdu l-Kuruna u beda tiela' t-taraġ sa ma wasal fil-post u poġġiha darba għal dejjem fuq ir-Ras Mirakuluża ta' San Ġużepp. F'dan il-mument hekk sollenni u f'dik il-hemda kbira, bħal



bard ħakem lill-folla miġbura u bħal demm ġdid inħass jiġri fil-vini tagħna u lkoll splodejna b'ċapċip li jtarrax u d-dmugħ beda jġelben ma' ħaddejna, fejn ħarġet spontanja minn fommna l-għajta ta' Viva l-Manjus, Viva San Ġużepp, Viva Ġużeppi Tagħna. U kif konna mitlufa f'dagħdigħa ta' ferħ u eċċitament l-idejn resqu lejn ix-xufftejn u tajna bewsa kbira u sinċiera, ħierġa verament mill-qalb lill-Patrun tagħna San Ġużepp, fost l-isparar tal-murtali u d-daqq ferrieħi tal-qniepen sbieħ tal-knisja tagħna li mlew l-arja b'dawk in-noti sbieħ u melodjużi tagħhom.

Matul dawn il-ħmistax-il ġurnata ta' festi, apparti l-funzjonijiet fil-knisja, saru attivitajiet ta' festi esterni kważi kull filgħaxija u kienu mferrxin mar-raħal kollu. Ħadu sehem il-baned kollha ta' Għawdex li bejniethom taw mhux inqas minn 20 servizz u f'Jum l-Inkurunazzjoni ħadet sehem ukoll il-Banda Ġużeppina, L-Isle Adam tar-Rabat ta' Malta. Għal dawn il-festi mijiet ta' Emigranti Qalin ġew fostna sabiex huma wkoll igawdu dan iċ-Ċentinarju hekk uniku u speċjali.

Biex dan l-avveniment memorabbli jibqa' għal dejjem imfakkar, fuq talba tas-Sur Anton Buttigieg, ir-rappreżentant tal-Qala fil-Kunsill Ċiviku t'Għawdex, il-Posta ħarġet żewġ Bolli Kommemorattivi, waħda taż-żewġ soldi (2d) u oħra tal-għaxar soldi (10d). Dawn il-Bolli kienu juru t-Titular riprodott f'ċirku tond bi *frame* rettangulari, bil-bordura *blue* u oħra ħadra. Dawn ħarġu għall-bejgħ fl-24 ta' Lulju 1971 u kienu ddisinjati minn Emvin Cremona.

Matul dawn il-festi u anke wara, saru għadd kbir ta' Pellegrinaġġi minn Għawdex kollu u anke minn Malta.

Għaddew 40 sena. Iżda matulhom il-Qala ġarrbet episodji sbieħ u anke koroh li lkoll b'xi mod għandhom x'jaqsmu ma' din l-Inkurunazzjoni. Fl-1980 kien ġie mżanżam Pavaljun mimli rakkmu tad-deheb, imdendel ma' sopraporta skolpita fl-injam u wkoll indurata fid-deheb ta' 18-il karat. Fl-1981, il-Parroċċa tagħna fakkret b'ferħ u kburija l-10 Anniversarju tal-Inkurunazzjoni ta' dan il-Kwadru. Mument fejn erġajna fakkarna dak li kien ġara dakinhar tat-8 t'Awwissu 1971. Però s-sena ta' wara, fl-1982, il-Parroċċa ġarrbet l-agħar Settembru li għadda minn fuqna, meta id faħxija u ħalliela wettqet dik "is-serqa Sagrilega tal-Kuruna tad-Deheb minn fuq ir-Ras Għażiża tal-Patrun tagħna San Ġużepp". Dan ġara fil-lejl ta' bejn id-29 u t-30 ta' Settembru, waqt li r-raħal kien qiegħed jistrieħ wara ġurnata xogħol, biex ikun jista' jerġa' jirritorna għal ġurnata oħra tax-xogħol. F'dawn il-jiem koroh kont tibża tħares lejn il-Kwadru li tant konna ferħanin u kburin bih. Għalhekk temporanjament il-Kwadru tpoġġietlu Kuruna oħra li għalkemm ma kinitx tad-deheb, imma kienet waħda maħduma b'sengħa kbir minn Michael Camilleri Cauchi.

Xahrejn biss wara, meta konna għadna taħt xokk kbir, ħadna daqqa oħra akbar minn dik tas-serqa tal-Kuruna. Matul il-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Novembru, l-aħwa Spiteri Mikieli u Manweli, żewġ ġuvintur serji li qatt ma taw fastidju lil ħadd, sfaw maqtula f'soddthom u f'darhom stess. Ir-raġuni tal-assassinju tagħhom ħadd għadu ma jafha, però xnigħat persistenti dak iż-żmien kienu jgħidu li kien hemm xi suspett li dawn it-talin setgħu lemħu lil xi ħadd għaddej f'dak il-lejl infami tas-serqa tal-Kuruna. Min jaf? Alla biss jaf. Li nafu żgur hu li żewġ persuni ġew assassinati u oħthom ħelsitha bil-ħniena t'Alla.

Imbagħad saret festa oħra kbira fl-1996, f'għeluq il-25 sena mill-avveniment tal-Inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari ta' San Ġużepp. Festa kbira oħra li turi li l-Qalin, imħabbithom lejn San Ġużepp hija bla limiti.

Illum dan il-Kwadru Mirakoluż reġa' jinsab fl-istat oriġinali tiegħu bil-Kuruna tad-Deheb u ħaġar prezzjuż (it-tieni waħda) fuq Ras San Ġużepp. Din it-tieni Kuruna saret fi żmien l-Arċipriet Carmelo Refalo. Hija tpoġġiet fuq il-Kwadru Titulari f'Awwissu tal-1999 mill-ET Mons. Josè Saraira Martins, Prefett tas-Sagra Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin – illum Kardinal, waqt festi speċjali li kienu organizzati apposta għal dan il-għan. Din il-Kuruna kienet manifatturata ġewwa l-Amerika u nġarret proċessjonalment mis-Saċerdot Zelanti Dun Mikiel Buttigieg, u miċ-ċkejknin tewmin Frankie u Joseph Magro mill-Qala li jiġu n-neputijiet tal-manifattur tal-Kuruna li jgħix fl-Amerika.

Għalhekk f'dan l-Anniversarju ta' 40 Sena mill-Inkurunazzjoni ta' San Ġużepp tal-Qala, nistedinkom u nistieden lill-Ġużeppini kollha sabiex ningħaqdu lkoll flimkien f'ringrazzjament lil Alla ta' dak kollu li għamel magħna bl-interċessjoni tal-Missier Putattiv Tiegħu Ġużeppi. Nitolbuh biex kif għamel dejjem huwa jkompli jindokra, iħares u jgħasses fuqna, fuq il-familji tagħna u fuq is-soċjetà tagħna u hekk jeħlisna mill-assalti tal-għedewwa u minn kull hemm. Nitolbuh iberikna biex ġurnata għad insibuh jistenniena flimkien ma' Ġesù u ma' Marija, fejn inkunu nistgħu ngawduhom wiċċ imb'wiċċ għall-eternità. ■



*L-Editorjal*

# San Ġużepp reġa' magħna.....40 Sena Inkurunat! (1971–2011)

Il-Festa reġgħet magħna. Ix-xahar ta' Awwissu f'Għawdex jibda dejjem bil-Festa tal-Patrijarka San Ġużepp fil-Qala. Avveniment annwali, mistenni mill-Qalin kollha, mhux biss, iżda anke mill-Ġużeppini kollha. Festi kbar li ta' kull sena jiġu organizzati b'sollennità u bi programm impenjattiv u ppreparat minn xhur qabel, mill-Presbiterium Parrokkjali u mid-diversi Kumitati mwaqqfa fi ħdan l-istess Parroċċa Arċipretali tal-Qala, li b'kollegament sħiħ u kontinwu jaħdmu mal-Arċipriet tagħna l-maħbub Kan. Dr. Joseph Zammit. Din is-sena qed infakkru wkoll l-40 Anniversarju mill-Inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari tagħna, xogħol tal-famuż Pittur Malti Ġiuseppe Calì.

Il-Festa tal-Patrijarka San Ġużepp hija festa ħelwa, modesta u bbażata fuq l-ispiritwal kif ukoll fuq l-element Soċjali u divertenti. Għal dan il-għan din il-festa tiġbed numru kbir ta' viżitaturi. Fost dawn il-ħlejjaq, insibu numru sostanzjali minnhom devoti ta' San Ġużepp. Oħrajn huma dilettanti tal-knisja, sew mill-att ta' funzjonijiet u ċerimonji li jsiru matul il-ħmistax-il ġurnata tal-Festa, kif ukoll ammiraturi tal-armar u dekorazzjonijiet li bihom tkun imżejna l-knisja tagħna fil-jiem tal-Festa. Ma nkunx neżaġera jekk ngħid li l-knisja tal-Qala armata għall-festa hija għaxqa ta' min iżurha u ssaħħar lil kull min jidħol idurha, l-aktar filgħaxija meta tkun mixgħula għall-okkażjoni.

Element ieħor tal-Festa tagħna huwa l-organizzazzjoni u l-ħarsien tal-liġi u tad-diċenza pubblika. Huwa punt kruċjali li l-mexxejja tar-raħal tagħna, kemm dawk reliġjużi kif ukoll dawk ċivili joqogħdu ħafna attenti sabiex kemm jista' jkun kulħadd jiddeporta ruħu kif inhu xieraq u mistenni. Dan l-aktar li japplika għal waqt il-briju tal-marċijiet li fih innifsu ma' fih xejn ħażin sakemm dak li jkun ma' jmurx *oltre*.

Fuq kollox il-koperazzjoni, l-għajnuna u l-għaqda li teżisti fil-Qala hija xi ħaġa li jinnotaha kull min ikun preżenti jgawdi l-festa magħna.

L-Għaqdiet tan-Nar, tal-Armar, tal-*fund raising*, kif ukoll tal-briju, jaħdmu lkoll id f'id u b'kunsens u kollaborazzjoni sħiħa bejniethom. B'hekk il-prodott li jagħtu huwa wieħed tajjeb u ta' valur. L-istess jiġri mill-Kumitat tal-Liturġija, tad-tindif tal-knisja u anke tal-armar u daqq tal-qnieqen tal-knisja, lkoll jaħdmu flimkien f'għaqda sħiħa mas-sagristana, naturalment dejjem bl-approvazzjoni tal-Arċipriet u l-membri l-oħra tal-Kleru tagħna.

Sehem importanti ieħor fil-festa u anke matul is-sena kollha huwa s-sehem siewi tal-Kor Parrokkjali San Ġużepp li huwa mmexxi mill-Organista s-Sur Mario Portelli. Il-Grupp tal-Kitarri taż-Żgħażagħ jagħti wkoll is-sehem tiegħu matul is-sena kollha.

Qabel nagħlaq, irrid nifraħ lis-Saċerdot il-ġdid tagħna Fr. Krystof Buttigieg, li għadu kif irċieva l-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu minn idejn l-Isqof Djoċesan, L-Eċċellenza Tiegħu Mons. Mario Grech u li żamm il-Prima Messa proprju l-Ħadd ta' qabel il-Festa Titulari ta' San Ġużepp. Minn qalbna nifirħulu, nawgurawlu u filwaqt li nitolbu dejjem għalih, nixtiqulu missjoni saċerdotali li tagħmel ħafna frott u ngħidulu "Ad Multos Annos".

F'ismi u f'isem il-Bord Editorjali tar-Rivista Leħen il-Qala nagħtu lill-Qalin kollha, tal-Qala u ta' barra mill-Qala, lill-Morda u l-Anzjani tagħna, u lill-Emigranti kollha tal-Qala nagħtu lil kulħadd il-Festa t-Tajba u San Ġużepp iberikna lkoll.

**Euchar Mizzi.**
**Editur.**

## Appell: Rivista Leħen Il-Qala

Il-Bord Editorjali tar-rivista "Leħen Il-Qala" għandu pjaċir jikkonferma li qed jagħmel kull ma jista' sabiex ikompli jikkonsolida l-kwalità ġa tajba tar-Rivista. Mhux biss, iżda qed isir dak kollu possibbli sabiex din il-kwalità tkompli togħla u titjieb.

Kif wieħed jista' jifhem dan isir b'żewġ modi;

- b'investiment ta' ħsieb, ippjanar u ħidma, u dan kollu qed isir fuq bażi volontarja,
- b'investiment finanzjarju kemm f'dik li hija kwalità ta' stampar kif ukoll kwalità tal-karta u l-preżentazzjoni. Dan qed isir ukoll.

Għalhekk il-Bord jappella lilkom għeżież qarrejja regolari ta' din ir-rivista, sabiex bħala apprezzament ta' dan kollu, b'mod volontarju toffru xi ħaġa żgħira biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż involuti. Il-ġenerożità tal-Qalin m'hemmx għalfejn tistaqsi għaliha. Kunu ġenerużi mar-Rivista tagħkom.

Grazzi.
Il-Bord Editorjali.

**Messaġġ Festa 2011:**



# Messaġġ tas-Sindku tal-Qala Is-Sur Paul Buttigieg

**Għeżież Qalin**

Reġa' wasal iż-żmien li flimkien bħala komunità magħquda, għal darba oħra, ser niċċelebraw il-festa tal-Patrun tagħna San Ġużepp. Festa mill-isbaħ li tixraq lil San Ġużepp. Festa li ġġib ħafna ħidma volontarja. Festa li ġġib ħafna sagrifiċċju minn xi uħud, sabiex meta jasal il-waqt, ilkoll flimkien niċċelebraw b'tant pompa l-festa tagħna. Festa li toffri spettaklu kemm reliġjożament kif ukoll materjalment u dan kollu huwa frott il-ħidma għaqlija ta' tant nies li jaħdmu għal dan il-għan – li l-Qalin huma kburin bil-festa li jiċċelebraw.

U allura xtaqt naqsam dawn il-ftit ħsibijiet tiegħi dwar il-volontarjat.

Għeżież Qalin, jekk m'aħniex ser insibu spazju ta' ftit ħin matul il-ħajja mgħaġġla tal-lum u noffruh għal oħrajn, f'kull qasam - fil-qasam soċjali, fil-qasam reliġjuż, fil-qasam kulturali, fil-qasam filantropiku, fil-qasam sportiv - jien naħseb li ser naslu fi żmien fejn ħafna għaqdiet li jaħdmu kompletament permezz tal-volontarjat, ser imutu ftit ftit b'mewta naturali. Iva, għad jasal iż-żmien meta anke l-festi tradizzjonali, ftit ftit għad jispiċċaw. Għax kif tista' torganizza festa, bħal tagħna l-Qalin li aħna tant magħrufa għaliha, jekk ma jkollokx ammont ta' persuni li jaħdmu u jagħtu ħinhom għall-festa? Iva, trid nies li lesti li joffru l-ħsieb, lesti joffru ħinhom, lesti joffru l-ħidma tagħhom, lesti jxammru l-kmiem ħalli flimkien ikollna komunità b'saħħitha mifruxa fid-diversi oqsma, kemm reliġjożament, kif ukoll kulturalment, soċjalment u sportivament.

Għall-grazzja t'Alla fil-lokalità tagħna għadna nsibu nies li lesti jaħdmu kemm jifilħu għall-Qala u l-Qalin, imma b'daqshekk kuntenti? Le, irridu flimkien nimmotivaw u nħeġġu aktar persuni sabiex jagħtu daqqa t'id fil-ħidma volontarja li komunità bħal ma hi l-Qala hi mibnija fuqha. U dan jiddependi minna lkoll. Żgur li min joqgħod ġol-pjazez jikkritika kull ħaġa li tiġri u li ssir, minflok ma jmidd idejh hu l-ewwel wieħed, żgur li ma jgħinx sabiex ikollna komunità magħquda anzi, jien nazzarda nistqarr li dawn ikunu, forsi apposta jew forsi le, ħsiebhom kif ser ifixklu l-mixja li hi miexja fiha din il-komunità.

Imma b'wiċċi minn quddiem nistqarr li dawn ma jbeżżgħuniex għax il-verità u s-sewwa, dejjem jitilghu f'wiċċ l-ilma u r-risposta lil dawn it-talin hi sempliċi ħafna – tagħmlu kemm tagħmlu ħsara u tippruvaw kemm tippruvaw toskuraw il-ħidma komunitarja - mhux ser jirnexxielkom tegħlbu l-ħafna tajjeb li joħroġ mill-parroċċa u mill-komunità inġenerali, għax il-maġġoranza assoluta tal-Qalin tapprezza kull ħidma li ssir f'kull qasam, f'kull żona u ma' kull settur, mit-tfal, studenti, żgħażagħ, adulti u anzjani.

Dan hu hekk, għax fil-parroċċa l-ħidma komunitarja tinħass u l-unjoni bejn l-għaqdiet, bejn il-kumitati, bejn il-Parroċċa u l-Kunsill Lokali, tmissha b'idejk u li kieku mhux hekk, kieku nitfarrku u nitkissru, imma għax il-maġġoranza assoluta tar-residenti Qalin taħdem għall-ġid komuni tal-komunità tagħna, irnexxielna naslu sabiex flimkien inġibu 'l quddiem il-Qala u l-Qalin.

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nilqa' fostna lill-emigranti Qalin li ġew fostna sabiex magħna jiċċelebraw il-Festa ta' San Ġużepp. Insellem lil dawk l-emigranti li għal din is-sena ma rnexxilhomx ikunu magħna u ngħidilhom li huma kienu u jibqgħu parti minn din il-familja Qalija. Nawgura lill-morda kollha fejqan ta' malajr, konvint li ser ikunu magħna fl-ispirtu festiv. Fl-aħħarnett nawgura lill-Qalin kollha l-Festa t-Tajba filwaqt li nappella biex flimkien, komunità b'saħħitha u poplu magħqud niċċelebraw festa sabiħa, festa li verament tixraq lill-Patrun tagħna San Ġużepp. ■

**Paul Buttigieg**
**Sindku Qala**






Mario Portelli
WOODWORKS

5 St Joseph Street, Qala, Gozo
Tel / Fax: 2156 2985

Manufacturers of High Quality Furniture and Interior Fitments.

**WE GUARANTEE EXCELLENT CRAFTSMANSHIP**

Zeppi's Pub

St. Joseph Square, Qala, Gozo
Tel: 2156 0069

# "SAN ĠUŻEPP FOSTNA"

**L-Ewwel Parti:**

**© kitba ta' VICTOR GALEA**



*Dan huwa artiklu miktub mis-Sur Victor Galea, studjuż tal-letteratura l-aktar b'tema reliġjuża, li jitratta l-figura Paterna ta' San Ġużepp skont kif dokumentata mis-Santi Padri mal-medda ta' mijiet ta' snin li jiffurmaw l-elfejn sena ta' Kristjaneżmu. Ma jonqosx li nsibu anke xi referenzi lejn rakkonti meħuda mill-kitba 'Apokrifa' kif ukoll numru ta' leġġendi, li ovvjament ġejjin mit-tradizzjoni li hija kitba vvintata u allura mhux vera. Dan kollu jagħmel din il-kitba kompleta u ferm interessanti l-aktar mad-Devoti ta' San Ġużepp, ir-raġel ta' Marija u Missier putattiv ta' Ġesù Kristu l-Feddej tagħna lkoll. L-artiklu huwa wieħed komprensiv ħafna u għaldaqstant ser naqsmuh f'seba' partijiet li jibdew minn din il-ħarġa u jispiċċaw fil-ħarġa tal-Festa tas-sena 2013.*
*L-Editur.*

**A. IL-PATROĊINJU TA' SAN ĠUŻEPP.**

**1. San Ġużepp patrun tal-mastrudaxxi.**

Skont il-vanġeli, is-sengħa ta' San Ġużepp, barra li kienet ta' mastrudaxxa, setgħet kienet ukoll ta' ħaddied jew bennej. Mhux hekk biss, imma Sant'Ambroġ, ma' Teofilu ta' Antijokja, jgħidulna li kien ikollu jaħdem ir-raba' biex ikun jista' jgħajjex lil familtu. Nafu li meta, ħabta tas-sena 95, l-Imperatur Domizjanu kien bagħat jara lil nies Ġesù, malli ralhom il-kallijiet li kellhom f'idejhom bix-xogħol fir-raba', malajr neħħa kull ħsieb ħażin li kienu bellgħulu fuqhom, li nies bħal dawn setgħu kienu ta' theddida għat-tron, avolja stqarru li kienu ta' nisel David.



Hu xinhu, il-kittieba qodma Griegi u l-kotba apokrifi, kollha jaqblu li San Ġużepp kien mastrudaxxa. Fuq quddiem nett niltaqgħu ma' San Ġustin, filosofu u martri, li kien twieled Nablus, il-Palestina, ħabta tas-sena 100, u miet Ruma, mal-istudenti tiegħu, martri, ħabta tas-sena 165. Dan fid-Djalogu ma' Trifun, il-Lhudi qallu li San Ġużepp kien ilaqqax xi madmad u jgħaqqad xi moħriet. Ma' dan jaqbel il-vanġelu apokrifu ta' San Tumas, li jpinġilna lil San Ġużepp jagħmel l-istrippi ta' sodda, waħda iqsar minn l-oħra, li Ġesù ġabhom indaqs.

Waħda mill-eqdem xbihat ta' San Ġużepp liebes ta' mastrudaxxa, narawha fil-mużajk tal-ħames seklu, fl-ark trijunfali ta' Santa Marija Maġġura. San Ġużepp liebes ta' ħaddiem ta' dak iż-żmien, b'libsa mħażżma f'qaddu, kemm tgħattilu rkupptejh, bi kmiem qosra u b'mantell fuq spalltu. F'idu l-waħda għandu lupa, serrieq kbir bi snien ara wiċċek, u fl-oħra furmatur.

Malta, l-eqdem xbiha ta' San Ġużepp li ltqajt magħha jien, qiegħda, jew aħjar kienet, fil-kripta ta' Sant'Agta, ir-Rabat tal-Imdina. Fi ktieb li ħarġu Annettu Caruana fl-1899, li xtrajt b'żewġ xelini, €0.23, żmien ilu, fuq il-kwani tal-kripta ta' Sant'Agta, fost l-erbgħa u għoxrin kona tal-qaddisin li fih, għaraft li hemm waħda ta' San Ġużepp. Din kienet qiegħda m'oħra ta' Sant'Agta, bl-arma tal-familja Falzon, bejniethom.

Il-familja Falzon issemmiet l-ewwel darba fl-1299 fit-testment ta' Guliermu ta' Malta, in-neputi tal-konti ta' Malta. Matul il-ħmistax-il seklu, u wara, taħt il-Kavalieri ta' San Ġwann, kisbet l-aħjar postijiet tal-Knisja u tal-Gvern ta' Malta, kif ukoll ħafna artijiet. Ngħidu aħna Dun Niklaw Falzon kien wasal biex laħaq arċidjaknu tal-katidral tal-Imdina. Barra oħrajn li laħqu mħallfin u ġurati, lil Brajġu Falzon insibuh laħaq ħakem. Ix-xorti ħalliethom meta lil Mattew Falzon, mħallef u ħakem, xlewh li kien Luteran, ħarab Sqallija biex ma jaħarquhx ħaj, u l-granmastru u l-ingiżitur qabdulu ħwejġu, u qasmu kollox bejniethom.

Filwaqt li fix-xbihat l-oħra li hemm fil-kripta, il-qaddisin libsin kif soltu narawhom illum, San Ġużepp liebes ta' mastrudaxxa ta' żmien il-pittur, fil-ħmistax-il seklu. Naraw lil San Ġużepp liebes barnuż f'rasu biċċa waħda mal-pellegrina bħall-patrijiet ta' Ġieżu, imma maqluba wara dahru biex ma ttellfux fix-xogħol. Għandu libsa tasal sa taħt irkupptejh fuq qalziet li ma jasalx sa għarqbejh, qisu l-qalziet ta' taħt ta' dari. Xedd f'saqajh donnu liebes żarbun bit-tromba.

Lil San Ġużepp narawh jagħmel ix-xogħol ta' mastrudaxxa, sewwasew kif jgħidilna San Ġustin, għax f'idu x-xellugija qed iżomm it-tarf ta' wara ta' bejta ta' moħriet u jlaqqaxha bil-lexxuna f'idu l-oħra. It-tarf ta' quddiem, fejn tidħol is-sikka jidher diġa' maħdum sura ta' lsien. Barra sikka, fil-bejta ta' moħriet jidħlu wkoll is-saħam u d-driegħ.

Safejn naf jiena, Malta, qaddis liebes skont sengħetu, il-libsa ta' żmien il-pittur, għandna biss il-kona ta' San Tumas, li hemm il-knisja ta' Santa Katerina, iż-Żejtun. Dan liebes bħal Majsi l-bennej, kif kien jilbes fis-sittax-il seklu.

Barra, l-eqreb li naf fiż-żmien għall-kona ta' San Ġużepp tal-kripta ta' Sant'Agta, huma l-illuminazzjonijiet li fih il-Ktieb tas-Sigħat tad-Duka ta' Berry, li twieled fl-1340, xogħol li mhux tal-istess żmien jew id. Fost dawn hemm l-illumazzjonijiet marbuta ma' tnejn mil-leġġendi fuq San Ġużepp hu u sejjer l-Eġittu.

F'waħda minnhom naraw lil San Ġużeppp jaqta' t-tamar minn palma li tmejlet f'ħoġor il-Madonna, xħin biha l-ġuħ. San Ġużepp liebes ta' kampanjol Franċiż tal-ħmistax-il seklu, b'libsa sal-pexxun, b'kalzetti twal u b'kappell fuq il-barnuż bil-pellegrina.

Din il-libsa wieħed jista' jqabbilha ma' tal-bidwi li hemm fl-illuminazzjoni li hemm taħt l-ewwel waħda, fejn hemm il-leġġenda ta' meta Erodi kien bagħat is-suldati jfittxu lill-familja ta' Nazaret fi triqtha għall-Eġittu u jaqbduha. Fit-triq lemħu bidwi jiżra' t-tgħam bil-keff. Resqu fuqu u staqsewh jekk kienx ra raġel għaddej minn hemm isuq ħmara b'mara u tarbija f'ħoġorha rekbin fuqha.

Dan qalilhom li kien rahom għaddejjin minn għalih kif kien mehdi jiżra'. Imma sadattant, iż-żara' mhux biss kien nibet u kiber, imma żammar u sebbel u laħaq għall-ħsad, kollox f'ħakka t'għajn. Is-suldati kif raw dak il-qamħ m'ogħla raġel imewweġ maż-żiffa, lest għall-minġel, qabdu u telqu mnejn kienu ġew. Il-bidwi li qed jiżra' t-tgħam liebes bħal San Ġużepp fl-istampa ta' fuqu.

Hawn Malta, se nsemmi żewġ inkwatri biss, għax barra li juru lil San Ġużepp liebes ta' ħaddiem, juruh ukoll jaħdem zokk ta' siġra bħal tal-kripta. F'inkwatru ta' Mattija Preti, li qabel kien fil-kappella ta' San Ġużepp tar-Rabat, naraw lil San Ġużepp, liebes libsa li tasal taħt irkupptejh, b'għonq miftuħ, bil-kmiem imxammrin u b'fardal imħażżem quddiemu, qed ixerraħ zokk b'mannara.

Fi nkwatru ieħor, did-darba ta' Rafiel Bonnici Cali', li hemm il-Marsa fil-knisja ta' Marija, Sultana tas-sema u l-art, hemm San Ġużepp wara bank tax-xogħol, ilaqqax zokk ta' siġra bil-lexxuna.

La San Ġużepp kien il-patrun tal-mastrudaxxi, wieħed ma jistagħġibx li l-fratellanzi tagħhom kienu fuq quddiem nett li mexxew il-kult tiegħu 'l quddiem fil-medju evu. Malta, insibu li l-eqdem fratellanza li għandna, twieldet fost il-mastrudaxxi tar-Rabat tal-Imdina, f'xi żmien qabel il-Knisja u l-Gvern ta' Malta waqqfu l-festa ta' San Ġużepp, fl-1508.

Il-fratelli ta' din ix-xirka, kienu jkunu tassew mastri jew mgħallmin, jaħdmu għal rashom. Ma għandniex xi ngħidu, magħhom kienu jqabbdu wkoll il-lavranti bil-ġurnata, nies li kienu jgħaddu minn eżami wara snin ta' apprendistat.

Dawn il-fratelli kienu mhux biss kburin f'sengħethom, imma kienu għassa biex ħadd ma jmur inaqqsilhom mill-ġieħ bħala l-ewwel fratellanza ta' Malta. Naqraw, li meta l-Granmastru de Paule, (1623-1636), kien ta s-sensja biex il-mastrudaxxi tal-Belt iwaqqfu xirka għalihom u tahom is-setgħa biex jintaxxaw kull mastrudaxxa tal-gżira, il-fratellanza tar-Rabat waqfitlu bis-sħiħ.

**2. San Ġużepp patrun tal-Moribondi.**

**a. Il-Vanġelu ta' San Mattew.**

It-tradizzjoni tgħidilna li San Mattew kiteb il-vanġelu tiegħu għall-Insara Lhud, bl-ilsien li kienu jitkellmu dak iż-żmien, jiġifieri l-Aramajk. Fil-bidu tal-vanġelu tiegħu, fejn jitkellem fuq nisel Ġesù ta' Nazaret u twelidu, tmienja u erbgħin vers b'kollox, San Mattew, lil San Ġużepp isemmih mhux inqas minn tmien darbiet. Meta tqis li San Luqa, fil-bidu tal-vanġelu tiegħu, li jitkellem fuq it-twelid u t-tfulija ta' Ġesù, f'mija u tnejn u tletin vers, isemmih tliet darbiet biss, wieħed malajr



jifhem kemm l-Insara Lhud kienu jgħożżu t-tifkira ta' San Ġużepp, il-mastrudaxxa ta' Nazaret.

**b. L-Insara Lhud.**

Fost it-tifkiriet ta' San Ġużepp li l-Insara Lhud għożżew, kienet id-dar li kellu Nazaret. Hawnhekk irridu niftakru li nies Ġesù kienu għadhom fosthom. Diġa' semmejt li meta l-Imperatur Domizjanu ħabat jitlef rasu bil-biża' li xi ħadd, jew kien se joqtlu, inkella jeħodlu s-setgħa minn idejh, ħabta tas-sena 95, kien bagħat għal nies Ġesù, billi baża' li xi ħadd minnhom kien se jilħaq sultan. Meta ġew quddiemu, kif ra l-kefef ta' jdejhom kollha kallijiet bix-xogħol tar-raba', malajr ħeles minnhom u bagħathom lura lejn pajjiżhom. U Eġesippu, kittieb tat-tieni seklu li kien jafhom sewwa, igħidilna li l-Knisja Nisranija fost il-Lhud sa żmien l-Imperatur Trajanu, (98- 117), kienu jmexxuha huma.

Barra d-dar ta' Nazaret, xhieda oħra tal-qima li l-Insara Lhud kellhom lejn San Ġużepp, huma tliet kotba leġġendarji li ħallewlna. Dawn issemmew, wieħed il-Protovanġelju ta' San Ġakbu, ieħor il-Vanġelu ta' San Tumas u fl-aħħarnett, imma l-aqwa wieħed għas-suġġett li qed nikteb fuqu, billi barra li l-awtur qabad u ħa mit-tnejn l-oħra, wara li kien ġie f'idejn l-Insara Kopti tal-Eġittu, żidulu r-rakkont tal-mewt ta' San Ġużepp, mimli lwien tat-twemmin tal-Eġizzjani fuq il-mewt. Dan jismu l-Istorja ta' Ġużeppi l-Mastrudaxxa.

**ċ. Il-Leġġenda tal-Mewt ta' San Ġużepp, skont il-Kopti.**

L-Istorja ta' Ġużeppi l-Mastrudaxxa kienet tinqara waqt il-liturġija fil-monasterji Kopti tal-Eġittu matul ir-raba' u l-ħames sekli. Billi l-Knisja Griega kienet warrbet ir-rakkonti leġġendarji mħabba l-biża' li kienu bagħbsuhom l-eretiċi, kienet il-Knisja Latina li ġabret b'għożża dawn il-fdalijiet tal-ewwel Insara tal-Lvant u daħħlithom fil-kult u l-arti tagħha billi sabithom ħielsa mill-iċken dell ta' ereżija.

Kien ir-rakkont tal-agunija u l-mewt ta' San Ġużepp li hemm f'din l-istorja l-għajn li minnu xorbot id-devozzjoni lejn San Ġużepp bħala patrun tal-moribondi, miġbura fil-qosor fit-talba li ħafna tgħallmu jgħidu: Ġesù, Ġużeppi, Marija, assistu miegħi waqt is-siegħa tal-agunija. Għalhekk inħoss li għandi intenniha fil-qosor.

Għalkemm San Ġużepp kien baqa' jbigħ is-saħħa sa l-aħħar, meta wasal biex għalaq il-mija u ħdax-il sena, ħass il-mewt qrib u qabad u mar jitlob fit-tempju ta' Ġerusalemm. Kif kien hemm fil-bitħa tal-Lhud, talab biex jeħles mill-biża' tal-mewt, l-iktar hu u għaddej mix-xmara tan-nar qabel ma ruħu tara l-glorja t'Alla.

Xħin ħass li saħħtu kienet marret għall-agħar xteħet fuq friex u nfexx isemmi kull parti tal-ġisem u jitbekka n-nuqqasijiet li kienet għamlet kull waħda minnhom matul dawk is-snin kollha. Xħin Ġesù semgħu jmarmar u jirmonta qisu tiġieġa li ħadha l-ġuħ, daħal ħdejh, tah daqqa t'għajn, u kif rah f'dik is-sura nfaqa' jibki bikja waħda. Ommu daħlet warajh u staqsietu jekk missieru kellux imut, hu wieġeb "iwa" b'rasu.

Għalhekk Ġesù xteħet bilqiegħda ħdejn rasu u ommu birket ħdejn saqajh. Ġesù, imbagħad, ħasslu t-taħbit ta' qalbu u qalilha li ruħu kienet fi griżmejh. Il-Madonna messitlu saqajh u riġlejh u sabithon kiesħa silġ.

Sadattant il-Mewt kienet resqet inkiss inkiss, imma kif rat lil Ġesù ma riditx tidħol u baqgħet kieda wara l-bieb. Wasal ukoll Amente mal-qaddejja tiegħu bin-nar. Kif rahom, Ġesù tkexkex, ċanfarhom u ħarbu.

Ġesù, imbagħad beda jitlob biex ruħ Ġużeppi tibqa' bla mittiefsa sakemm tkun għaddiet is-sebat iżmna bla qies tad-dlam. Talab ukoll ħalli x-xmara tan-nar, għal missieru, tkun qisha ilma u l-baħar tax-xjaten ma jdejquhx. Wara dan waslu l-anġli. Ġisem San Ġużepp kien intelaq għal kollox u qabditu l-ħurħara. Għalhekk Ġesù qabad u ħareġ biex tkun tista' tidħol il-Mewt. Abbaton, l-anġlu tal-Mewt, daħal jiġri u ħadlu ruħu hi u tielgħa x-xemx, nhar is-sitta u għoxrin ta' Epep, wieħed mix-xhur tal-Kopti.

L-Arkanġli San Mikiel u San Grabiel sarrew ruħ San Ġużepp f'mindil u tawha lill-anġli li qabdu jkantaw u telgħu biha lejn is-sema. Ġesù bierek il-ġisem bla ħajja ta' missieru biex ma jitħassarx fil-qabar fejn qegħduh ħdejn Ġakobb, missieru. Ġesù bierek ukoll lil dawk kollha li jfakkruh bl-opri tajba jew li jiktbu l-istorja ta' mewtu. Bierek ukoll lil dawk kollha li jsemmu 'l uliedhom għalih. ■







Spoil yourself with our vast selection of dishes
starting from our... Soup, Antipasto dishes
leading you all the way to our crispy Salad Bowls,
enjoying our selection of Pasta Dishes.
From the Chafing dishes, Fish, Beef, Pork & Chicken
complimented with chef's sauces,
vegitables & potatoes.
Enjoy your selection of Cheeses served with galetti,
Bread Table and our assortments of desserts,
Fresh Fruits and Fruit Salad from or Sweet Table



# GEORGE ZAMMIT & SONS

**dealer & supplier of religious articles**

**Opening Hours:**
**Monday to Saturday 09.00 - 13.00**
**Friday open all day**

**146, Old Bakery Street, Valletta - Malta**
**Shop: 2123 2933 • Mob: 9985 6842**

Cera dell'Erom - Xema Likwida



## Fil-Parroċċa tal-Qala (1937)

# Frak ta' Storja (2)

**Winston L. Zammit** B.A.,(Hons.), P.G.C.E., M.A.

Filwaqt li kont qiegħed inqalleb xi pubblikazzjonijiet fil-Biblijoteka Provinċjali tal-Patrijiet Kapuċċini l-Furjana, ġie f'idejja ktejjeb stampat mid-Djoċesi ta' Għawdex li jagħti tagħrif dwar id-djoċesi u l-parroċċi ta' Għawdex fl-1937. Sfortunatament din il-pubblikazzjoni m'għandhiex kopertina, iżda jidher biċ-ċar li ġiet stampata fl-aħħar xhur tal-1937.

Se nġib hawnhekk dan it-tagħrif, b'xi żidiet żgħar minn naħa tiegħi.

### PARROĊĊA TAL-QALA



**Titular:**
1. Immakulata Kunċizzjoni tal-BVM u l-Patrijarka San Ġużepp.
2. Knisja tal-lum ġiet magħżula mill-Knisja Matriċi tan-Nadur fl-1872. Ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Ġiovanni M. Camilleri O.S.A. fit-8 ta' Mejju 1904.

**Festa ta' San Ġużepp:** Fl-ewwel Ħadd t'Awwissu.

**Kleru tal-Parroċċa:**
Kappillan: Il-W.R. Dun Ġużepp Vella, li ħa l-pussess fl-1927.
Dun Mikiel Mercieca
Dun Salv Vella
Dun Karm Camilleri (1)
Dun Manwel Xerri (2)
Dun Franġisk Camilleri (3)
Dun Karlu Vella - Viċi Parroku (4)
Dun Franġisk Azzopardi (5)
Dun Anġ Camilleri (6)
Dun Ġużepp Portelli (7)

**Konfraternitajiet:**
- Tas-Santissimu Sagrament
- Tal-Immakulata Kunċizzjoni
- Ta' San Ġużepp.

**Kongregazzjonijiet:**
- Tas-Sagra Familja
- Tal-Appostolat tat-Talb
- Tal-Isem Imqaddes t'Alla
- Tas-Siegħa Mqaddsa
- Il-Mużew tax-Xebbiet

**Popolazzjoni:** 1850 ruħ.

**Knejjes oħra:** Santwarju ta' Santa Marija tal-Qala.
Festa: Fit-8 ta' Diċembru.
Prokuratur: Dun Salv Vella.



**Knisja tal-Blat:** Titular: L-Immakulata Kunċizzjoni.
Rettur: Il-Kappillan Dun Ġużepp Vella.

**Kappella tal-Monasteru tas-Sorijiet Franġiskani:**
Titular: San Ġużepp.
Knisja mbierka fl-1889.



Superjura: Suor. M. Veronica del SMO REDENTORE
Sorijiet: Koristi 7 – Konversi 2.
Kappillan: Dun Salv Vella.
Konfessuri: Straordinarju - W.R. Arċipriet Dun Ġużepp Cassar.
Ordinarju: W.R. Kappillan Dun Ġużepp Vella.

Dawn is-Sorijiet jieħdu ħsieb l-iskola tal-Gvern. Din id-dar ġiet miftuħa fl-1881. [8]

**Żidiet:** F'paġna oħra tal-istess rivista nsibu li fil-Qala, kien hemm Ċirkolu tal-Azzjoni Kattolika, li kellu bħala Assistent Ekkleżjastiku lil Dun Karlu Vella. [9]

Mir-Rivista Ġesù Eukaristija, maħruġa minn Mons. Pawlu Cauchi, Rettur tal-Knisja ta' Savina, nafu li fl-1937, fil-parroċċa tal-Qala, tqaddsu 2,280 quddiesa u saru 115,700 tqarbina. L-istatistika tat-tqarbin ma tinkludix iżda t-tqarbin li sar fil-kappella tas-Sorijiet Franġiskani. [10] ■

Referenzi:


(1) Rivista ta' tagħrif dwar id-djoċesi ta' Għawdex (1937) - p.15.
(2) Ibid. Nafu li f'dik is-sena Dun Manuel Xerri kien Membru tal-Opri tal-Missjoni. Ara l-istess rivista p.18.
(3) Ara r-rivista dwar id-Djoċesi ta' Għawdex (1937) p.15. Mir-Rivista "Lucerna" Dic. 1937 p.262, nafu li Dun Franġisk Camilleri kien għalliem fil-Kulleġġ San Alwiġi f'B'Kara.
(4) Ara r-rivista ta' tagħrif dwar id-djoċesi ta' Għawdex (1937) – p.15.
(5) Ibid.
(6) Ara r-rivista ta' tagħrif dwar id-djoċesi ta' Għawdex (1937) p.15. Mir-rivista Lucerna ta' Diċembru. 1937, p.262 nafu li Dun Anġ Camilleri kien ukoll għalliem fil-Kulleġġ San Alwiġi.
(7) Ara r-rivista ta' tagħrif dwar id-djoċesi (1937) – p.15. Mir-Rivista "LUCERNA" ta' Diċembru 1937 p, 262, nafu li Dun Ġużepp Portelli kien il-Viċendarju ta' Selmun f'Malta fil-limiti tal-Mellieħa.
(8) Ara r-Rivista ta' tagħrif dwar id-djoċesi ta' Għawdex (1937) – p. 15, 16.
(9) Ibid p. 18.
(10) Ġesù Ewkaristija, Lulju 1938, No 7 p. 53.


Sliema, Malta. 23 . IV . 2011.




*"U nroxx fuqkom ilma safi, u tissaffew mit-tinġis kollu tagħkom; mill-idoli kollha tagħkom insaffikom"* (Eżekjel 36:25).



# Simboli Bibliċi tal-Ispirtu s-Santu

**Fr Charles Buttigieg**

**Simboli Bibliċi**
Fil-Bibbja niltaqgħu ma' diversi simboli bibliċi li jgħinuna ħafna nifhmu lill-Ispirtu s-Santu u l-ħidma tiegħu.

L-ewwel fost dawn is-simboli hu l-ilma. L-ilma hu simbolu tal-ispirtu li jaħsel, inaddaf u jippurifika: "U nroxx fuqkom ilma safi, u tissaffew mit-tingis kollu tagħkom; mill-idoli kollha tagħkom insaffikom'' (Eżekjel 36:25). L-ilma għalhekk ifisser il-ħajja, fejn m'hemmx ilma m'hemmx il-ħajja bħalma naraw fin-nixfa tad-deżert. L-Ispirtu s-Santu għalhekk jagħti l-ħajja u jippurifika.

Simbolu ieħor huwa dak tan-nar li fil-bibbja jesprimi dejjem il-preżenza, il-ħidma u l-azzjoni tal-Ispirtu ta' Alla, kif naraw tajjeb fil-kolonna tan-nar: "u l-Mulej binhar kien jimxi quddiemhom f'kolonna ta' sħab biex jurihom it-triq u billejl f'kolonna ta' sħab biex jagħtihom id-dawl, u b'hekk setgħu jimxu billejl u binhar'' (Eżodu 13:21). Is-serafini li jinsabu quddiem Alla huma marbuta ukoll man-nar, infatti l-kelma Ebrajka: 'saraf' tfisser 'taħraq'. In-nar li joħroġ mit-tron ta' Alla (ara Danjel 7:10). Dan huwa n-nar tal-preżenza u tal-imħabba tal-Ispirtu. Hekk ukoll naraw fl-ewwel laqgħa ta' Mose' ma' Alla fis-siġra taqbad bla ma tinħaraq. In-nar jintuża fuq kollox biex jippurifika u jġedded, bħal per eżempju fil-purifikazzjoni tal-metalli. In-nar hu għalhekk simbolu tal-qawwa tal-Ispirtu s-Santu li jġedded u jippurifika. Ġesù stess jgħid: "nar ġejt inqabbad fuq l-art u kemm nixtieq li ġa qabad'' (Luqa 12:49). L-Ispirtu s-Santu jinżel taħt forma tal-ilsna tan-nar fil-Pentekoste (Atti 2:3-4).

Iżda s-simbolu l-iktar importanti u marbut mal-Ispirtu s-Santu huwa r-riħ. Fl-Ebrajk għandna l-kelma 'ruah' li tfisser 'riħ', 'nifs', 'qawwa', u 'ħajja'. Din il-kelma insibuha 378 darba fl-Antik Testment u diversi drabi bħala riferiment għall-Ispirtu ta' Alla, kif naraw per eżempju fil-ħolqien: "Fil-bidu Alla ħalaq is-sema u l-art; u kienet l-art taħwid u baħħ; u d-dlam kien fuq wiċċ l-abbissi u fuq wiċċ l-ibħra kien jittajjar riħ ta' Alla'' (Ġen 1:1-2). Ir-riħ li naraw ukoll nhar Pentekoste: "F'daqqa waħda ġie mis-sema ħoss bħal ta' riħ qawwi u mela d-dar kollha fejn kienu qegħdin'' (Atti 2:2). Ir-riħ huwa importanti biex jagħti ħajja u moviment fl-ilma, ilma mingħajr riħ, ikun qiegħed, jibda jinten u jmut. Hekk mela jagħmel l-Ispirtu s-Santu jagħti l-ħajja, janima, jagħti n-nifs u jkompli jżommha dejjem ħajja.

Għandna ukoll l-isħaba u d-dell fil-mixja tal-poplu Lhudi fid-deżert bħala simboli oħra ta' min isemmihom. Naraw li d-dell jissemma fit-tħabbira tal-anġlu lil Marija: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis, u jissejjaħ Bin Alla (Luqa 1:35); l-isħaba tissemma fit-Trasfigurazzjoni tal-Mulej fuq it-Tabor (Luqa 9:34-35) u fit-Tlugħ tal-Mulej fis-sema quddiem id-dixxipli tiegħu (Atti 1:9). L-isħaba ukoll għad turi lil Bin il-Bniedem fil-glorja tiegħu fil-jum tat-tieni miġja tiegħu (Luqa 21:27).

Il-ħamiema li ttir hija simbolu ieħor tal-Ispirtu s-Santu. Naraw il-ħamiema li tajjar Noe' u reġgħet lura b'werqa friska taż-żebbuġa bħala sinjal li l-art li setgħet titgħammar mill-ġdid (Ġenesi 8:8-12). Il-ħamiema bħala simbolu tal-paċi hija tassew simboli tal-Ispirtu tar-Rikonċiljazzjoni u tal-paċi. Naraw l-Ispirtu s-Santu li niżel taħt forma ta' ħamiema fil-magħmudija ta' Ġesù. Anke f'ħafna immaġni tat-Tħabbira tal-Madonna naraw l-Ispirtu s-Santu li nissel fil-ġuf ta' Marija jidher dejjem taħt forma ta' ħamiema.

Insemmu ż-żejt u l-unzjoni jew id-dilka biż-żejt. Iż-żejt huwa sinjal ta' abbundanza (Dewteronomju 11:14) u ta' ferħ (Salm 23:5). Iż-żejt jintuża bħal tindif, juri qawwa u sbuħija iżda fuq kollox jintuża bħala mediċina għall-fejqan (Isaija 1:16). Iż-żejt ukoll juri s-sens tas-sagru u tal-konsagrazzjoni, kif naraw fil-konsagrazzjoni tal-oġġetti sagri u ta' diversi personaġġi bibliċi, bħala appartenenza lil Alla u li huma tiegħu. Ir-rejjiet fl-Eġittu u fil-Persja kienu jiġu kkonsagrati biż-żejt. Ġakobb jikkonsagra biż-żejt il-ħaġra li kien qiegħed taħt rasu fil-post fejn kellu l-ħolma tas-sellum tiela' mill-art sas-sema (Ġenesi 28:18); Mose' kkonsagra l-għamara tal-Mulej biż-żejt (Eżodu 40:9); id-dilka ta' Aron (Eżodu 40:13); il-profeta Samwel jikkonsagra lil Sawl bħala l-ewwel re ta' Iżrael (1 Samwel 10:1); id-dilka ta' David minn Samwel (1 Samwel 16:13); dik ta' Salamun (1 Slaten 3:6-12); u l-profeti Eliżew (1 Slaten



19:16); Eżekjel (Eżek 11:5) u Danjel (Dan 4:4). Fil-Ġdid Testment, Kristu l-Messija jsir il-Midluk per eċċellenza mill-Ispirtu ta' Alla b'mod li m'hemmx ieħor bħalu.

Fl-aħħarnett insemmu l-ġest tat-tqegħid tal-idejn bħala l-għotja tal-Ispirtu s-Santu u bħala fejqan. Bit-tqegħid tal-idejn Ġesù fejjaq il-morda (Mark 6:5); u bierek it-tfal (Mk 10:16). Naraw ukoll l-għotja tal-Ispirtu s-Santu bħala dilka jew konsagrazzjoni: "Madankollu fikom qiegħda tgħammar l-unzjoni li rċevejtu mingħandu, u għalhekk intom ma għandkomx bżonn min joqgħod igħallimkom. Għax l-unzjoni tiegħu tgħallimkom hi dwar kollox, u t-tagħlim tagħha hu veru, u m'huwiex xi gidba. U ladarba hu hekk, mela ibqgħu dejjem fih kif għallmitkom hi.'' (1 Ġwanni 2:27).

**Il-Ħidma tal-Ispirtu s-Santu :**

Il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu hija kontinwa fil-bibbja, tkompli fil-knisja u fil-ħajja ta' kull nisrani. Huwa Spirtu li jaħlaq kif naraw fil-ħolqien. Huwa Spirtu ta' Ħelsien u Rivelatur, kif naraw fil-ġrajja tal-Eżodu u fil-Magħmudija ta' Ġesù. L-Ispirtu s-Santu għandu sehem importanti fl-Ispirazzjoni tal-Kelma t'Alla. Huwa Spirtu ta' tiġdid bħalma naraw fix-xena tal-profeta Eżekjel, tal-għadam mejjet fil-wied li jerġa' jieħu l-ħajja. Huwa Spirtu ta' Rikonċiljazzjoni, ta' Paċi u Mħabba, kif naraw fil-moviment tat-tgħanniqa tal-Missier u l-Iben il-Ħali. Huwa Spirtu Difensur u Konsolatur, li jgħinna tassew fil-ħajja tagħna u permezz tas-sagramenti. Fuq kollox ma ninsewx li l-bniedem hu nnifsu huwa tempju ħaj tal-Ispirtu s-Santu u għalhekk il-bniedem jeħtieġ li jirrispetta l-persuna tiegħu u dik tal-oħrajn. ■

**Biblijografija**

Alonso-Schokel, L., *Vieni Spirito Santo*, Roma 1998.
Lanfrance, J., *Vieni Spirito Santo*, Milano 1997.
Lurker, M., *Dizionario delle Immagini e dei Simboli Biblici*, Cinisello Balsamo (Milano) 1990.
Spidlik, T., *Conosci lo Spirito?,* Roma 1997.

Salvu Camilleri
& Sons Ltd.
(Tan-Najsi)
Suppliers of Ready Mix
Concrete, Crane Hire
Ready Mix Plant: 2156 0346
Residence: 2155 1485
Mobile: 9949 5378
"Camilleri House"
Belveder Street, QALA



Raymond Bonello
Marmista (Marbler)
Marble Sculpturing,
Marble Inlay, Granite design,
Fire Places, Monuments &
Memorial Stones.
Plot 24, Qasam Ta' Dun Anton,
Xagħra, Gozo.
Tel: 2156 3457
Fax: 2156 4285
Mob: 9945 0523



Sejħa għaż-Żieda:

# L-Impenn tan-Nisrani fil-Ħajja tal-Lum

Mons. Salv Grima

"Il-Mulej għandu modi differenti kif jifthilna għajnejna dwar aspetti differenti tal-Pjan ta' Alla…. Din is-sena rridu neħduha bħala grazzja tal-Mulej għax lilna l-Insara fetħitilna missjoni kbira…. Din hija parti mill-Evanġelizzazzjoni l-ġdida li tant qed jisħqu fuqha l-Papiet…."

Dan il-messaġġ għaddewhulna l-Isqfijiet tagħna fil-Pastorali tagħhom tar-Randan (22 ta' Frar 2011). Qaluhulna f'ċirkostanzi ta' Referendum dwar id-divorzju li sar f'Mejju, iżda l-iktar f'rabta mal-Familja u ż-Żwieġ fejn il-bniedem isib postu u ma jgħaddix mingħajrhom. Huwa messaġġ pożittiv minkejja dak kollu li għaddejna minnu u li jista' jtaqqlilna ħajjitna.

Importanti li niftakru li l-bniedem jibqa' ċ-ċentru f'kull komunità u xejn inqas f'dik Nisranija, alavolja ħajtu tista' tisfa mhedda minn tant tfixkil ta' kull xorta. Għajnejn Alla ser jibqgħu mitfugħin fuqu f'kull triq li jgħaddi minnha tul ħajtu. Hekk għamel u hekk jibqa'. Soltu ngħidu li t-toroq tiegħu huma misterjużi, iżda waqt li jridna ngħaddu minnhom ma jridniex nabbandunaw lill-oħrajn .

Il-ħajja tal-bniedem inxebbhuha ma' mixja jew ma' pellegrinaġġ b'destinazzjoni, iktar u iktar meta għandu x'jagħmel tajjeb għalih it-twemmin Nisrani. Dan ma jfissirx li waqt li qed iterraq ser ikollu kollox kif jixtieq, anzi jista' jsib ruħu fl-istess sitwazzjoni li sabu ruħhom fiha żewġ dixxipli tal-Vanġelu dakinhar tal-Għid il-Kbir. Skont ir-rakkont li nsibu f'San Luqa (ara kap. 24, 13-35) għandna li wieħed kien jismu Kleofa u l-ieħor jibqa' anonimu. Dan tal-aħħar hu kull wieħed minna! Mela ħadd ma jista' jġib skuża li mhux fi bżonn xi għajnuna.

Il-pellegrin anonimu, li jista' jkun min ikun, iħaddan dawk l-Insara li qabdu triq bogħod mill-komunità li minnha kienu jagħmlu parti. Inqatgħu minnha u mexjin bi problemi serji huma u jitkellmu, imħassbin serjament dwar x'inhu jiġri madwarhom. Jistgħu jkunu studenti li waslu biex jagħżlu l-istat ta' ħajjithom u forsi jsibu ruħhom fi kriżi. Jistgħu jkunu żgħażagħ ikbar li għax laħqu dik l-età jibdew iħossu li għandhom jitħallew ħielsa minn dak kollu li qabel kienu mdorrijin bih f'darhom.

Dawk li qabdu mixja għal rashom jistgħu jkunu adulti, oħrajn ta' kull kategorija li ma jridux jibqgħu iktar taħt l-influwenza ta' ħaddieħor, ta' kull awtorità, li tista' tkun il-Knisja, l-Istat, ta' min iħaddimhom jew anki tal-imsieħba fiż-żwieġ. Jista' jkun għax ikollhom xi diffikultà morali jew fehmiet li xejn ma jkunu jaqblu mal-bqija tal-komunità li magħha kienu jaqsmnu l-istess twemmin.

Insara oħra li qed iterrqu jistgħu jinkludu dawk li niltaqgħu magħhom jew jgħixu magħna li mhumiex neqsin minn sens reliġjuż li writna mingħand ta' qabilna, iżda huma wisq marbutin ma' stil ta' ħajja



nieqsa minn pedamenti sodi. Forsi ssibhom jinqalgħu u huma ġenerużi biex joffru għajnuna f'organizzazzjoni parrokkjali, armar jew ċelebrazzjonijiet oħra, li xħin jgħaddi l-istaġun tagħhom dritt tarahom jerġgħu jħabirku għal sena ħidma oħra, u jehdew biss biex jimlew ħinhom bihom. Hija serja ċ-ċanfira ta' Kristu: "Lilkom qatt ma kont nafkom!" (Mt. 7, 23), alavolja mingħalina nkunu wettaqna opri kbar imma warrabna r-rieda tal-Missier li tiswa għas-salvazzjoni tagħna.

Dan jista' jiġri jekk fihom ma tarax l-istess premura k'ikollok tistaqsihom hux qed jgħixu bl-istess ritmu, ħeġġa u ħsieb fejn tidħol il-ħajja Nisranija, jekk iħossuhomx imħeġġa għall-appostolat tal-lajċi fil-parroċċa, jekk hux qed jissaħħu fil-prinċipji Nsara permezz ta' taħriġ li jinkiseb fl-għaqdiet reliġjużi, jew kemm lesti li jagħtu dik ix-xhieda ta' twemminhom meta jinsabu ma' sħabhom fuq ix-xogħol jew f'postijiet ta' rikreazzjoni. Dan biex ma nsemmux ukoll jekk għandhomx għal qalbhom l-għożża tal-ħajja tal-grazzja u l-frekwenza għas-sagramenti fit-tisħiħ tal-ħajja kif jixtieqna Kristu, li jridna ħaġa waħda fih. It-triq tagħhom tista' twassalhom biex ikunu Nsara tal-isem u dawn ukoll jeħtieġu minn jiftħilhom għajnejhom, bħalma sar ma' dawk ta' Emmaus.

**QABEL XEJN JEĦTIEĠU MIN JAKKOMPANJAHOM**
Matul il-mixja tagħhom, iż-żewġ dixxipli Kristu ħallihom jgħidu dak kollu li kien qed jinkwetahom. L-ewwel ried jismagħhom qabel ma setgħu jisimgħu lilu. Dan jitlob sens ta' skiet, paċenzja u ħsieb fit-tul. Dawk li llum tbiegħdu mill-għajn tal-ħajja, li minnha għandhom stedina biex jixorbu huma wkoll bħall-bqija tal-komunità , jistgħu jkunu dawk li sfaw imqarrqa mill-kurrent materjalista, relativista jew opportunista. Mhux bilfors li kollha jkunu lajċi li qed jgħixu f'kontestazzjoni mat-twemmin Nisrani, iżda faċli jaslu għal atteġġjament ostili għall-Knisja. Hawn jista' jkollna l-każ tan-nagħġa l-mitlufa, apposta jew bi żball, li xorta waħda Kristu wriena l-bżonn li jrid ifittixha.

Kemm tista' sserraħ rasek li Nsara bħal dawn ser jaslu għat-tweġiba korretta weħidhom, kemm-il darba jkomplu jitbiegħdu mill-komunità li tgħaqqadhom fil-fidi waħda? L-esperjenza ġdida tagħhom tista' toħloq iktar konfużjoni għalihom jekk ma jkunx hemm minn ħuthom stess li b'sens ta' mħabba jaraw kif jaqbżu għalihom billi jinteressaw ruħhom fihom, jersqu lejhom, isegwuhom, jisimgħuhom, u joffrulhom il-verità li għandhom kull dritt għaliha.

Realtajiet bħal dawn kulma jmur qed dejjem jiżdiedu. Daqstant ieħor hemm bżonn x'isir min-naħa ta' dawk l-Insara lajċi li għall-grazzja ta' Alla għarfu jgawdu mid-don profetiku li rċivew mingħand Kristu. Għal dan il-għan hija ta' għajnuna kbira l-Evanġelizzazzjoni ġdida, kemm bħala dmir għal dawk li għarfu li l-Mulej qed isejħilhom għall-appostolat tal-Kelma, kif ukoll lejn dawk ħuthom li jinsabu f'salib it-toroq u għandhom kull dritt li jkunu mmexxijin fis-sewwa biex jerġgħu lura fi ħdan il-komunità oriġinali tagħhom. Huwa impenn u dmir meħtieġ għaż-żewġ naħiet, għal min jiggwida u għal min għandu bżonn li jkollu l-gwida.

**KRISTU JOFFRI L-EŻEMPJU U L-GĦAJNUNA**
Hawn tidher is-siegħa ta' grazzja li l-Knisja trid tfiehem lil uliedha kollha f'pajjiżna bħala parti mill-missjoni għaqlija tagħha bl-għajnuna tal-Imgħallem u fuq l-istess eżempju li wera fuq l-art. Kien Kristu stess li kemm-il darba stieden il-kuntatt personali ma' dawk li kellu messaġġ x'iwasslilhom: Nikodemu, Żakkew, Mattew, ulied Żebedew, is-Sammaritana, Pietru, Tumas, u tant oħrajn.

Mhux biżżejjed li jiżdiedu l-membri fil-komunità permezz tal-magħmudija, jekk titħalla barra r-responsabbiltà ewlenija tal-ġenituri li jittrasmettu l-fidi fi ħdan il-familji tagħhom. Dan m'għandux ikun traskurat la mill-ġenituri u lanqas mill-oħrajn, tant li minħabba f'hekk wieħed jispiċċa ma jagħmel xejn. Il-katekisti huma minn tal-ewwel li jidħlu f'dal-qasam flimkien ma' lajċi oħrajn organizzati f'għaqdiet reliġjużi. Dejjem f'kollaborazzjoni sħiħa u bil-permess tal-awtoritajiet konċernati jżommu kuntatt mill-kbar saż-żgħar anki jekk hemm bżonn billi jżuruhom fi djarhom biex jerġgħu jnisslu interess mill-ġdid fihom u fil-familja kollha.

Mhix missjoni ħafifa u forsi għalhekk setgħet ġiet traskurata minn ħafna mil-lajċi Nsara. Il-Papa Benedittu XVI esprima li trid tkun din x-xhieda minn ta' quddiem fost l-Insara biex titwassal l-Aħbar it-Tajba lil dawk li jgħixu magħhom. Ma ninsewx li fl-istqarrija ta' ħtijietna hemm dawk in-nuqqasijiet minħabba t-tħollija tal-għemil. Jiġifieri dak kollu li stajna għidna, wissejna, għinna jew segwejna bis-sabar u bl-imħabba lil dawk li jinsabu ħosbenin, imnikktin, ma jagħrfux il-verità, fiż-żball jew imfixkla minn oħrajn. L-opri tal-ħniena jindirizzaw lill-bniedem sħiħ, mhux lill-ġisem biss.

Quddiemna hemm Saltna importanti x'nissieħbu fiha. Nafu kemm Kristu nsista dwarha. Xebbagħha ma' teżor, ġawhra, festa, u stedinna biex infittxu l-ewwel din is-Saltna u l-ġustizzja ta' Alla (ara Mt. 6, 33). Huwa appell li nisimgħuh ripetut anki waqt li niċċelebraw il-Misteri Qaddisa f'Jum il-Mulej. Huwa Kristu li jibgħatna b'impenn biex naħdmu għaliha kemm għalina u kemm biex naqsmuha mal-oħrajn. Min mod u min ieħor. Dan ukoll hu żmien ta' grazzja għalina. ■

# San Ġużepp u x-xogħol



Minn: Angelo Xuereb

Għalkemm ma nsibu l-ebda kelma fl-Iskrittura mlissna minn San Ġużepp, madankollu nistgħu nagħmlu ħafna riflessjonijiet fuqu. U waħda minnhom hija fuq ix-xogħol.

San Ġużepp la kien profeta u lanqas appostlu. Xogħlu kien li jieħu ħsieb il-familja ta' Nazaret u jmantniha permezz tax-xogħol ta' mastrudaxxa. Kienet ħajja moħbija iżda l-frott li ħareġ minnha tant kien kbir li ma nistgħux nimmaġinawh.

**Effetti pożittivi tax-xogħol**
Ix-xogħol inħalaq minn Alla. Jekk inqallbu l-Bibbja naraw il-kmand tiegħu li ta fil-bidu; "Nisslu u oktru, u mlew l-art, u aħkmuha u saltnu fuq il-ħut tal-baħar u t-tajr tal-ajru u l-ħlejjaq kollha li jitkaxkru fuq l-art" (Ġen 1,28).

Ix-xogħol fih bosta valuri pożittivi għall-bniedem. L-ewwel nett joffri l-paga jew qligħ materjali, li huma importanti biex wieħed jgħix diċenti u jmantni lil dawk li jiddependu minnu. It-tieni nett fix-xogħol wieħed jaħli l-enerġiji fiżiċi u spiritwali u hekk iħossu aktar kuntent. It-tielet nett ix-xogħol joffri varjetà u jippermetti li wieħed iwessa' ċ-ċirku soċjali tiegħu. Ir-raba' nett ix-xogħol huwa mezz biex wieħed iqassam ħinu sewwa u hekk wieħed ikollu skop preċiż ta' x'għandu jagħmel. Il-ħames valur pożittiv tax-xogħol huwa li wieħed ikollu kuntatti soċjali u hekk ma jingħalaqx fih innifsu. Ix-xogħol jgħin lill-bniedem isib postu fis-soċjetà u jħossu parti minnha filwaqt li jħaddem it-talenti tiegħu.

Meta l-bniedem jaħdem ikun qiegħed jixbah lil Alla. Il-ktieb tal-Ġenesi jippreżentalna lil Alla bħala ħaddiem li ħalaq l-univers u l-bniedem f'sitt ijiem iżda fis-seba' jum strieħ. Dan jurina l-importanza tax-xogħol u tal-mistrieħ. Veru li x-xogħol huwa importanti iżda dan ma għandu bl-ebda mod itellef il-ħin liberu. Meta l-bniedem jaħdem bla ma jaqta' ma jkollux ħin għalih innifsu, għal ħbiebu u l-familja tiegħu u lanqas biex jitlob.

Ix-xogħol huwa mezz u mhux skop fih innifsu. Għalhekk ix-xogħol ma għandux ikun ta' okkażjoni fejn wieħed ma jwettaqx l-obbligi tiegħu lejn Alla, lejh innifsu u lejn il-proxxmu.

Ix-xogħol inħalaq minn Alla qabel ma l-bniedem dineb. Jiżbalja min jaħseb li x-xogħol huwa kastig tad-dnub. Iżda d-dnub ġab konsegwenzi wkoll fuq ix-xogħol. Il-bniedem beda jara fix-xogħol kif ser joqgħod sewwa u beda ma jagħtix kas tal-oħrajn u tal-ambjent.

**Ix-xogħol huwa ta' servizz**
Sewwa li naraw x'inhuwa l-pjan ta' Alla għax-xogħol. L-ewwel nett għalkemm ix-xogħol iġib il-qligħ tal-flus miegħu, dawn mhumiex kollox. Il-bniedem jiżbalja meta jara fix-xogħol il-flus biss. Jibda jaħdem aktar milli suppost, jew jasal anki biex jagħmel xogħol ħażin. Alla ħalaq il-bniedem biex permezz tax-xogħol jinfetaħ għall-oħrajn, iżda meta persuna ma tkunx tagħmel dan, hija ġġib fuq l-oħrajn tbatija. U jekk inħarsu lejn l-istorja tal-umanità naraw kemm saru sfruttamenti tal-ħaddiema.

Ix-xogħol huwa karità lejn il-proxxmu. Jekk wieħed jagħmel xogħlu sewwa jkun qiegħed jgħin lill-oħrajn forsi bla ma jinduna. Anki l-aktar xogħol insinifikanti għandu dan l-iskop. Illum li qegħdin fl-era teknoloġika, hawn xogħlijiet quddiem *computers* li jidhru li huma monotoni. Iżda xorta waħda dawn ix-xogħlijiet huma ta' servizz.

Peremezz tal-paga li wieħed jaqla' mix-xogħol imantni lilu nnifsu u lill-familja tiegħu. Dan huwa mhux biss servizz

lejn il-familja tiegħu iżda anki lejn is-soċjetà. B'dan il-mod wieħed ikun qiegħed jeqred il-faqar mid-dinja.

Kif rajna permezz tax-xogħol il-bniedem jehda u jżomm ruħu mbiegħed mill-vizzji u mit-tentazzjonijiet. Dan fehmuh sewwa l-awturi spiritwali li raw fix-xogħol mezz ta' kif wieħed għandu ruħu 'l bogħod mill-ħażen. Ta' min isemmi li San Benedittu waqqaf ir-regola Benedittina fuq il-motto: "Ora et labora" jiġifieri fuq ix-xogħol u fuq it-talb.

**It-tbatija fuq ix-xogħol**

Dan li għedna fuq ix-xogħol bl-ebda mod ma jfisser li l-bniedem ma jgħaddix minn tbatija. Jista' jbati mill-elementi tan-natura, jew nuqqas ta' ftehim ma' sħabu. Iżda hawnhekk wieħed għandu jiftakar li x-xogħol huwa mezz u mhux skop fih innifsu.

Għalhekk wieħed għandu jieħu t-tbatija fuq ix-xogħol bħala ġejja minn Alla u jgħaqqadha ma' dik ta' Kristu. Jiftakar li anki Ġesù fuq din l-art kien jaħdem ta' mastrudaxxa u li fdiena permezz tal-passjoni, mewt u qawmien.

Il-bniedem ma jistax isib il-hena perfetta fix-xogħol li qiegħed jagħmel. Fid-dinja kulħadd ibati tant li fil-Malti għandna proverbju: "Min ma għandux salib għandu domna." Iżda jekk wieħed jinfetaħ għal Alla u jqis li x-xogħol huwa mezz fit-triq tiegħu lejn Ġerusalemm tas-Sema, iġarrab aktar paċi fix-xogħol li jkun qiegħed jagħmel. ■

**<u>To our English Speaking Residents</u>:**

**Ladies and Gentlemen,**

Welcome. How time flies. Here we are back in August, a very important month for our Parish, where Qala will be celebrating the Titular Feast of St. Joseph on its first Sunday. As you may know, this is a very important and much awaited time of the year for our Community, a time when life starts moving a bit faster than usual and as a Catholic Community, we express our love and affection for our Patron Saint in a religious way, by preparing ourselves spiritually in the best possible manner to please Him, while uniting together to give our support and help wherever it's needed. This is a time where all the Parish will be united as one whole family, without any divisiveness whether political, religious or any other.

In this spirit of feast and pleasant environment I invite you all to come forward, and enjoy this special time of enjoyment and friendship and to participate in all the activities being organized during these days, both in Church and outside. Apart from the religious aspect, the "village feast" has its traditional and cultural aspects as well, which are most certainly an attraction to non Maltese and Gozitan people. As an example, we can mention our Band Marches which will take place almost daily during the last six days, mainly in the evenings. Even the fireworks, especially the colour petards are a Maltese characteristic which are not easily found outside our shores, with the exception of Sicily and perhaps in some Spanish Cities. Even the ringing of bells (sometimes perhaps they are rung rather too enthusiastically) are another Maltese Catholic tradition, which although by some, are considered as boring and frustrating, especially at noon time, for locals these moments of melodious ringing are well accepted and also expected.

To organize and hold such a feast which will cost the parish something around €70,000 to €80,000, is not an easy task. A lot of work has to be done and most of it will be carried out by locals on a voluntary basis. If it were not for these people who sacrifice a lot of their personal and families' free time to do such work, it would definitely not be possible to achieve such a wonderful performance being carried out for a good number of consecutive days in Church functions and celebrations, as well as the outside festivities. The street decorations alone will deploy a good number of volunteers mainly youths and also older men for about four weeks prior to the festa week, meeting daily in the evenings to put everything up in place and in time.

So, while inviting each and everyone of you to participate fully in all activities being organized during the Feast of St. Joseph – "IL-MANJUS", I wish you all a wonderful feast. May our Patron saint, Saint Joseph watch over on us all and on our peaceful village of Qala. Any financial donation will be greatly appreciated. Thank you. ■

I wish you all a very happy and pleasant Feast.
Euchar Mizzi
The Editor.

*Katekeżi*



# It-Trasfigurazzjoni

# LUQA 9: Versi 28-36

*Minn:* **Josette Buttigieg**

***(Nota. Il-Knisja tiċċelebra l-festa tat-Trasfigurazzjoni fis-6 ta' Awwissu)***

Fir-rakkont tat-Trasfigurazzjoni niltaqgħu ma' episodju fil-ħajja pubblika ta' Kristu li hu uniku u għal kollox distatt mill-avvenimenti li jseħħu tul it-tliet snin li Ġesù għadda jippriedka u jgħallem. Hu fil-fatt previżjoni tal-glorja li kellu jikseb Kristu wara li jqum mill-imwiet. Importanti li nħarsu lejn it-trasfigurazzjoni ta' Kristu fid-dawl ta' dak li ġara eżatt qabel . Skont San Luqa ftit ġranet qabel Ġesù kien qiegħed jitlob waħdu meta dar lejn id-dixxipli u staqsihom, 'Min igħidu n-nies li jien?' ir-risposti kienu differenti; min Ġwanni l-Battista, min Elija u min wieħed mill-profeti. U minnufih reġa' staqsihom; 'U intom min tgħidu li jien?' Mill-ewwel qabeż Pietru u qallu: 'Int il-Messija ta' Alla.' Kif naraw mill-evanġelju ta' San Mattew, Pietru kien imnebbaħ minn Alla biex jagħti din ir-risposta; 'Imbierek int Xmun Pietru għax mhux bniedem tad-demm u l-laħam uriek dan, imma Missieri li hu fis-smewwiet' Dritt wara Ġesù wissa lid-dixxipli biex ma jgħidu lil ħadd li Hu l-Messija u fl-istess ħin kompla jħabbrilhom li kien jeħtieġ li jbati minn idejn ix-xjuħ u l-qassisin il-kbar li joqtluh, imma wara tlitt ijiem Hu jerġa' jqum. Kienet l-ewwel darba li kellimhom fuq il-passjoni li kellu jgħaddi minnha, fuq il-mewt u l-irxoxt tiegħu. Dawn iż-żewġ avvenimenti ħawdu moħħ id-dixxipli u sewdulhom qalbhom. Kienu għadhom ma rċevewx l-Ispirtu s-Santu u ma setgħux jifhmu kif Kristu kien il-Messija però Messija li kellu jbati u jmut. Insibu f'San Mattew li Pietru dar lejn Ġesù u qallu: 'Allaħares Mulej; ma jkun qatt li dan igħaddi minn għalik.' u Ġesù ċanfru u qallu: 'Itlaq minn quddiemi ja xitan, int tfixkil għalija' u kompla jgħidlu li kien qiegħed jaħseb b'moħħ ta' bniedem u ma kienx qiegħed iqis l-affarijiet ta' Alla. Dan kollu jagħti skop għat-Trasfigurazzjoni li skont San Luqa seħħet tmint ijiem wara.

Fit-Trasfigurazzjoni Kristu jidher fil-glorja Tiegħu, glorja li kellu jikseb wara li jirxoxta mill-imwiet. Kristu kien jaf li l-appostli kienu mħawda bl-aħbar li Hu kellu jbati u jmut u li ma setgħux jifhmu kif jerġa' jqum. Kien jaf ukoll li f'għajnejhom kif ukoll f'għajnejn kulħadd, il-passjoni kienet se tkun umiljanti għalih u wkoll għalihom li emmnu fih; li sa ma jerġa' jirxoxta jkun jidher li kien tellief u r-rebħa kienet tal-għedewwa tiegħu. Għalhekk kien jeħtieġ li jkunu jafu liema glorja kienet se tkun tiegħu għalkemm ħa miegħu biss tliet appostli li 'l quddiem kellhom ikunu xhieda ta' dak li seħħ fuq it-Tabor. Hemm waqt li Ġesù kien qiegħed jitlob rawh jinbidel għal kollox. 'Id-dehra ta' wiċċu tbiddlet u l-ilbiesi tiegħu saru ta' bjuda li tgħammex.' L-appostli raw ukoll ħdejh wieħed kull naħa, żewġt irġiel, li kienu Mosè u Elija, jitħaddtu miegħu u huma wkoll dehru fil-glorja jiġifieri jiddu. San Luqa jgħidilna li Pietru u sħabu kienu mejtin bin-ngħas imma baqgħu mqajmin jaraw din ix-xena li kienet qiegħda tiżvolġi quddiem għajnejhom. U semgħu wkoll dak li kien qiegħed jingħad bejn Mosè u Elija u Kristu. Kienu qegħdin jitħaddtu fuq it-tmiem tal-ħajja tiegħu li kellu jseħħ f'Ġerusalemm. Imbagħad ix-xena tinbidel. Meta ż-żewġt irġiel kienu se jinfirdu minnu, f'daqqa waħda sħaba għattiethom ilkoll, lill-appostli wkoll u leħen il-Missier instema' jgħid: 'Dan Hu Ibni l-maħtur, isimgħu lilu'. Hawnhekk id-dehra spiċċat u l-appostli raw lil Ġesù waħdu kif kien qabel. It-trasfigurazzjoni kienet id-dehra l-iżjed glorjuża u l-iżjed misterjuża ta' Kristu Feddej meta kien għadu fid-dinja. Tinqasam f'żewġ partijiet. L-ewwel parti Kristu jidher jitkellem ma' Mosè u Elija, filwaqt li t-tlieta kienu mdawrin bi glorja. Kienu qegħdin jitkellmu fuq il-ħajja ta' Kristu u t-tmiem tagħha

li kellu jseħħ f'Ġerusalemm. Mosè l-missier tal-Liġi u Elija l-ewwel fost il-profeti kienu qegħdin jagħtu xhieda li Kristu kien verament il-Messija u li bil-mewt Tiegħu fuq is-Salib seħħet il-milja kollha tal-Liġi u l-profezija. Dak kollu li kien tħabbar fil-Liġi l-Qadima, dwar is-Salvatur mwiegħed minn Alla l-Missier, kien twettaq sal-aħħar fil-persuna ta' Kristu Bin Alla. Pietru, Ġakbu u Ġwanni, l-ewwel fost l-appostli jisimgħu u jħarsu mistagħġba għalkemm kienu għadhom ma jistgħux jifhmu u fl-istess ħin mhumiex parti mix-xena. Fit-tieni parti l-appostli jsiru parti mix-xena meta s-sħaba li ġiet, għattiet lilhom ukoll flimkien ma' Kristu, Mosè u Elija. Anzi saru huma l-figuri ewlenin għaliex il-kliem tal-Missier li nstema' fis-sħaba kien għalihom u mhux għall-oħrajn. Il-Missier jikkonferma li Kristu Hu verament is-Salvatur, il-Messija mwiegħed li fih l-umanità kellha ssib l-Imgħallem u l-Feddej u t-tliet appostli saru xhieda biex 'il quddiem ikomplu jwasslu l-Kelma ta' Kristu lill-ġnus kollha.


*It-trasfigurazzjoni - Saint Catherine's Monastery, Sinai (Egypt), c. Nofs is-Seklu 12*

Fiż-żmien li seħħet it-trasfigurazzjoni Ġesù kien ġa għadda żmien igħallem u wkoll jagħmel il-mirakli. Kien għad baqagħlu x'jgħallem u jagħmel sa ma jasal il-waqt tal-Passjoni. Skont San Luqa, it-tliet appostli żammew is-skiet u ma qalu xejn lil ħadd dwar dak li kienu raw u semgħu fuq it-Tabor. Però kemm skont San Mattew kif ukoll skont San Mark dan għamluh fuq twissija ta' Kristu nnifsu. Skont San Mark qalilhom ukoll biex ma jgħidu xejn lil ħadd qabel ma Bin il-Bniedem ikun qam mill-imwiet, imma huma ma setgħux jifhmu xi tfisser 'iqum mill-imwiet'. Kienet it-tieni twissija fi ftit ġranet biex iżommu s-skiet dwar il-persuna ta' Kristu. Ir-raġunijiet għala Kristu jwissi lill-appostli biex ma jitkellmux huma tnejn. L-ewwel, l-appostli kien għad baqgħalhom ħafna x'jitgħallmu. Dan nistgħu nikkonfermawh minn kliem il-Missier li nstema' fis-sħaba, 'Isimgħu lilU'. Kieku kienu ġa semgħu kollox u tgħallmu, allura għaliex il-Missier jordnalhom jisimgħu? Fil-fatt mir-rakkont tat-trasfigurazzjoni sa dak tal-passjoni kemm San Luqa kif ukoll San Mattew u San Mark kitbu ħafna dwar dak li seħħ fil-ħajja pubblika ta' Kristu, dwar it-tagħlim tiegħu lill-appostli u lill-folol u dwar il-mirakli li wettaq. It-tieni, ix-xena li raw l-appostli fuq it-Tabor kienet għadha viżjoni u kellha ssir realta' wara li Kristu jkun qam mill-imwiet u hekk jikseb ir-rebħa fuq il-mewt u jidħol fil-glorja tiegħu. Għalihom kienet ġa ħaġa diffiċli biex jifhmu kif Kristu kellu jbati u jmut; li jqum kien fatt li assolutament ma setgħux jifhmuh. Kien wara li Kristu miet u rxoxta u kienu rċevew l-Ispirtu s-Santu li mbagħad dak li kienu raw u semgħu fehmuh u sar ċar f'għajnejhom u hekk setgħu iwassluh lill-oħrajn. Dan nistgħu nikkonfermawh minn kliem Pietru. Fuq it-Tabor, maħsud u skantat għal dak li kien għadu kemm ra, jgħid lil Ġesù: 'Mulej kemm hu sew li aħna hawn! Ħa ntellgħu tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè u l-oħra għal Elija.' San Luqa jirrimarka li Pietru 'Ma kienx jaf x'inhu jgħid'. Jekk kienx jaf jew le narawh iżjed 'il quddiem però żgur li dak il-ħin kien hemm konfużjoni f'moħħu, konfużjoni ġejja mill-fatt li kien għadu kif sema' lil Kristu ftit jiem qabel iħabbar il-passjoni u l-mewt tiegħu minn idejn ix-xjuħ u l-qassisin il-kbar, kien għadu kemm sema' dak il-ħin lil Mosè u lil Elija jitkellmu dwar it-tmiem tal-ħajja ta' Kristu li kellha sseħħ f'Ġerusalemm u fl-istess ħin ra lil Kriistu f'tant glorja. Imma meta kien għadda ż-żmien, meta Kristu kien bata, miet u rxoxta, meta l-appostli kienu rċevew l-Ispirtu s-Santu u ħarġu jippriedkaw u jgħallmu dak li huma kienu tgħallmu minn Kristu, kliem Pietru hu differenti. Issa hu kliem ta' wieħed li jaf x'inhu jgħid. Fit-tieni ittra tiegħu lill-Insara kollha jgħidilhom: 'Aħna ma konniex qegħdin nibnu fuq ħrejjef maħluqa minn moħħna meta għarrafniekom dwar il-qawwa ta' Sidna Ġesù Kristu u dwar il-miġja tiegħu.' U biex jikkonferma li tassew kliemu u dak tal-appostli kollha hu verita' u mhux qlajja jkompli jgħid li huma jafu li Kristu Hu l-Iben t'Alla minn għand il-Missier stess meta instema' jgħid għalih: 'Dan Hu ibni il-għażiż, li bih jien nitgħaxxaq.' Pietru jkompli, 'Aħna smajnieh dan il-leħen meta konna miegħu fuq il-muntanja mqaddsa.' Kliem Pietru issa mhux iżjed konfuż, imma kliem ta' wieħed li fehem wara li kien ra b'għajnejh u għalhekk issa jista' jwassal dak it-tagħlim u dik il-verità lil ħaddieħor. Imma qabel ma setax jagħmlu dan u għalhekk kien jeħtieġ li għal dakinhar meta seħħet it-trasfigurazzjoni l-appostli jżommu s-skiet.

Għal dakinhar però, it-trasfigurazzjoni kienet laħqet l-iskop tagħha. Jekk meta ftit jiem qabel kienu semgħu lil Kristu jħabbar li kellu jkun miċħud mix-xjuħ u l-qassisin il-kbar li saħansitra joqtluh, u f'għajnejn l-Appostli kien ħa d-dehra ta' bniedem skonfitt, u forsi wkoll kienet qiegħda tonqoshom il-fidi fih għax ħassew li mhux dik il-figura ta' qawwa li kienu raw fit-tagħlim u l-mirakli tiegħu, issa d-dehra glorjuża tiegħu tikkonferma mill-ġdid il-fidi tal-Appostli fi Kristu. Dak Kristu glorjuż fuq it-Tabor ma jistax ikun bniedem tellief u għalhekk id-dubji li setgħu sewdulhom moħħhom u qalbhom għebu għalkemm ma setgħux jifhmu. Niftakru wkoll li ftit qabel, Pietru kien stqarr lil Kristu bħala 'l-Messija ta' Alla' u ma riedx jemmen li Kristu jiġi ttradut u maqtul mix-xjuħ u l-qassisin il-kbar tant li Kristu ċanfru. Allura f'moħħ Pietru seta' kien hemm dan il-konflitt; veru jew le li Kristu hu l-Messija? Issa permezz tat-trasfigurazzjoni ġiet



*It-trasfigurazzjoni - Giovanni Bellini, c. 1487*

ikkonfermata l-persuna ta' Kristu. Alla l-Missier jistqarru bħala Ibnu filwaqt li Mosè u Elija juruh bħala l-veru Messija u li bil-mewt tiegħu fuq is-Salib wassal għal milja sħiħa dak kollu li kien tħabbar dwaru mill-Liġi l-qadima u mill-profeti. Anke hawnhekk , it-tliet appostli avolja ma jistgħux jifhmu, jaċċettaw u jemmnu li Kristu hu tassew il-Messija ta' Alla.

It-trasfigurazzjoni ta' Kristu kienet verament ġrajja misterjuża kemm bil-mod kif twettqet u kemm fit-tifsira tagħha fil-ħajja ta' Kristu fid-dinja. Wara l-mewt u l-qawmien ta' Kristu tieħu xejra oħra. L-appostli mimlijin bid-dawl tal-Ispirtu s-Santu jifhmu x'ġara fuq it-Tabor u jistgħu jitkellmu kemm fuq il-ġrajja nnifisha u kemm fuq dak li tgħallimna u turina. Fuq il-ġrajja tat-Tabor l-appostli jibnu l-predikazzjoni tagħhom u Pietru jixhed il-verità tagħha. Mhix xi storja ivvintata 'rajna b'għajnejna l-kobor tiegħu' u 'smajnieh il-leħen ġej mis-sema meta konna miegħu fuq il-muntanja mqaddsa'. Fid-dawl tal-qawmien ta' Kristu mill-imwiet inħarsu lura lejn din il-ġrajja u naraw x'tagħlim toffrielna. Inħarsu lejn iż-żmien ta' meta seħħet skont il-Vanġelu ta' San Luqa. Sa dakinhar ġa rajna lil Kristu fil-ħajja pubblika tiegħu, iqajjem konflitt f'moħħ dawk li jiltaqgħu miegħu. Fil-bidu tal-predikazzjoni tiegħu beda biex iddikjara lilu nnifsu bħala l-mibgħut ta' Alla kif kien imħabbar mill-profeta Isaija biex iwassal il-bxara t-tajba lill-bnedmin, u ssokta jgħaddi minn post għall-ieħor jippriedka u jagħmel il-mirakli. Fejjaq kull xorta ta' mard, keċċa xjaten, qajjem mejtin, tema' l-folol u għaġġeb lil kull min rah u semgħu. Fl-istess ħin kien jiġbed fuqu l-korla tal-kittieba u l-Fariżej meta kien iħalli d-dixxipli tiegħu jagħmlu dak li kien projbit għal Lhud bħal meta qatgħu ż-żbul fil-ġurnata tas-Sibt u wkoll meta ma ħarsux is-sawm. Tkażaw bih għax daħal jiekol għand pubblikani li f'għajnejhom kienu midinbin, u nkurlaw għalih għax ħafer id-dnubiet u wkoll għax għamel mirakli nhar ta' Sibt. Sikwit kienet toħroġ id-domanda, 'Min hu dan?' Għalkemm id-dixxipli tiegħu ma jurux dubji, però l-fidi tagħhom fih tħawdet meta ħabbrilhom għall-ewwel darba l-passjoni, il-mewt u l-qawmien tiegħu. Kien ftit jiem wara dan li seħħet it-trasfigurazzjoni. Seħħet fil-preżenza ta' tlieta biss mill-appostli u ħadd iżjed, però kien biżżejjed biex tilħaq l-iskop tagħha, li turi l-verità ta' Kristu bħala l-Iben ta' Alla u l-mibgħut tiegħu. Din il-verità ġiet ikkonfermata l-ewwel fid-dawl tal-liġi l-qadima permezz tal-preżenza ta' Mosè u Elija li tkellmu ma' Kristu fuq il-ħajja tiegħu u t-tmiem tagħha u hekk taw xhieda li Kristu kien il-Messija mwiegħed minn Alla u li ssodisfa dak kollu mħabbar dwaru mill-profeti. It-tieni, il-verità ġiet ikkonfermata fid-dawl tal-liġi l-ġdida permezz ta' kliem il-Missier, 'Dan hu Ibni l-maħtur, isimgħu lilu.' Kien għad baqa' ż-żmien sal-passjoni u l-qawmien ta' Kristu u sa dakinhar il-ġrajja tat-trasfigurazzjoni fuq ordni ta' Kristu stess baqgħet mistura. Imma għalissa laħqet l-iskop tagħha billi kkonfermat il-verità ta' Kristu f'għajnejn l-appostli preżenti, verità li kellhom jixhdu iżjed 'il quddiem wara' li Kristu jkun qam mill-imwiet. Verità wkoll għal dawk kollha tul is-sekli li emmnu u għad jemmnu fi Kristu bħala l-Iben ta' Alla magħmul Bniedem u Feddej tal-bnedmin.

Waqt li kienet qiegħda tiżvolġi quddiemhom ix-xena tat-trasfigurazzjoni, l-appostli kienu jħarsu mistagħġba. Kif spiċċat l-ewwel parti, fejn Kristu kien jitkellem ma' Mosè u Elija u dawn kienu se jinfirdu minnu, f'daqqa waħda Pietru donnu jistejqer u jgħid lil Ġesù: 'Mgħallem , kemm hu sew li aħna hawn! Ha ntellgħu tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè u waħda għal Elija.' Jissokta jgħidilna l-evanġelista, 'Ma kienx jaf x'inhu jgħid.' Kliem l-evanġelista jista' jtina x'nifhmu li kliem Pietru kien imħawwad mingħajr ebda sens. Però fil-fatt hemm sens kbir fi kliem Pietru. 'Ma' kienx jaf x'inhu jgħid' għaliex kien tant impressjonat bid-dehra li ra li ma setax jesprimi ruħu sew. Għalhekk inpoġġu lilna nfusna flok Pietru u nħarsu lejn dak li ra. Ra 'l Kristu fi glorja li tgħammex, glorja li kellu jidħol fiha wara li jqum mill-imwiet. Fi kliem ieħor dehra tal-glorja li hemm fis-smewwiet li kif jgħidilna San Pawl meta hu wkoll kellu dehra ta' din il-glorja, 'għajn qatt ma rat u widna qatt ma semgħet', glorja li nistgħu biss nimmaġinaw għalkemm qatt ma naslu biex nimmaġinawha kif tassew hi. Pietru ra din id-dehra glorjuża tas-smewwiet, dehra li ghalkemm kienet mimlija dija, imma ċ-ċentru tagħha kien Kristu b'Mosè u Elija jitkellmu miegħu f'intimita' familjari. Dehra għalhekk li ġġegħelna nimmaġinaw is-Sema bħala post fejn il-bniedem salvat jgħix ħajja ta' paċi fl-imħabba tal-Missier. Pietru żgur li f'dak il-mument ħass din il-paċi tas-Sema u l-imħabba u għalhekk jgħid, 'Kemm hu sew li aħna hawn', juri xewqa li jibqa' hemm mhux biss fuq it-Tabor imma f'dik il-paċi għal dejjem. Din ix-xewqa nistgħu nikkonfermawha minn dak li jgħid wara, 'Ha ntellgħu tliet tined'. It-tinda kienet id-dar antika tal-poplu t'Alla li kien iwaqqaf meta kien ser jibqa' fl-istess post għal żmien twil. Il-fatt li Pietru ried iwaqqaf it-tined turi li xtaq li dak li kien għaddej minnu dak il-ħin isir dejjiemi.

Waqt li Pietru kien għadu jitkellem, it-trasfigurazzjoni tidħol fit-tieni xena. Issa mhux dija, imma sħaba li għattiet lit-tliet appostli u nstema' leħen il-Missier jgħid, 'dan hu Ibni l-maħtur; isimgħu lilu.' Is-sħaba dallmet id-dija li kien hemm u meta għaddiet reġa' kollox għal li kien qabel it-trasfigurazzjoni.Għalhekk x'tifsira tagħtina? Pietru kien għadu kemm qal, 'Kemm

hu sew li aħna hawn.' Fi kliem ieħor li l-isbaħ u l-akbar ħaġa li l-bniedem jista' jgawdi hi l-paċi u l-imħabba tal-Missier fis-Sema. Imma l-Missier jurina li jekk aħna l-bnedmin irridu naslu biex ingawdu l-hena tas-Sema, irridu qabel kollox nisimgħu kliem Kristu u nimxu fuqu. Hi l-unika triq li twassalna biex nirbħu s-salvazzjoni li kisbilna Kristu permezz tal-mewt tiegħu fuq is-Salib. Salvazzjoni li naslu għalija jekk f'qalbna hemm tixgħel ix-xewqa ta' Pietru li ngħixu għal dejjem fil-hena tas-Sema,u li tmexxi l-passi tagħna fid-dawl tat-tagħlim ta' Kristu. Kristu fuq it-Tabor kien Kristu glorjuż, Kristu fil-glorja tiegħu wara li qam mill-imwiet u ħareġ rebbieħ fuq il-qawwiet tal-ħażen. Meta Kristu wera' lilu nnifsu f'din il-glorja, hu wera wkoll lill-appostli l-glorja li huma wkoll għad jidhru fiha fl-aħħar jiem u tahom ħjiel tal-hena li għad igawdu fis-Sema għall-eternità, wara l-jiem ta' tbatija li għad iridu jgħaddu minnu minħabba f'Ismu. Il-glorja ta' Kristu flimkien ma' kliem il-Missier jagħtu lilna wkoll ħjiel tal-hena li aħna wkoll nistgħu niksbu u l-glorja li ngawdu jekk aħna ngħixu ħajjitna fid-dawl tat-tagħlim ta' Kristu. Sakemm għadna fuq l-art id-dehra glorjuża tat-trasfigurazzjoni trid tkun dejjem preżenti quddiemna, ħajja fil-ħsieb tagħna, biex waqt li nlissnu f'qalbna l-kelmiet 'kemm hu sew li aħna hawn', nagħmlu l-isforz kollu tagħna biex naslu biex nirbħu dak kollu li wrietna u li wegħditna li jista' jkun tagħna jekk aħna nisimgħu lil Kristu; nisimgħu u nagħmlu dak li jgħidilna, u nimxu fid-dawl tiegħu. ■



*It-trasfigurazzjoni - Titular tal-parroċċa ta' Ħal-Lija*

blue waters
dive cove
Triq il-Kunċizzjoni
Qala, Gozo

**tel:** +356 2156 5626
**Antoine mob:** 9922 4114
**Franco mob:** 7953 6874
**email:** info@divebluewaters.çom
**web:** www.divebluewaters.çom

Tal-Kelba
Building Contractor
Crane & Generator Hire
Contact: **Raymond Cefai**
'RayRita', Triq it-Tempju, Qala, Gozo
***Tel: 21557847 - 21562532***
***Mobile: 9949 3169***

# San Ġużepp
# Ix-xogħol u l-familja llum

**Minn: Victor Grech**

San Ġużepp hu sinonimu max-xogħol onest u għaqli li bih tgħix il-familja u fl-istess ħin jagħti sens ta' sodisfazzjon u kburija lil min iwettqu. Dawn il-kwalitajiet sbieħ marbutin max-xogħol jidhru li għebu mill-ħajja tax-xogħol tagħna u dan qiegħed iwassal għal konsegwenzi diżastrużi għall-familji tagħna.

Bosta koppji jmiddu saqajhom 'il barra mill-friex finanzjarju, jaraw u jippjanaw kbir iżżejjed, jaħbtu għal-lussu li ma jifilħux għalih u jitgħabbew b'self eżagerat mill-bank li jsir mażra marbuta ma' għonqhom għal ħajjithom. B'hekk isibu ruħhom fi ġlieda kontinwa biex iħallsu u jkunu jeħtieġu jaħdmu minn filgħodu sa filgħaxija u anki fil-Ħdud u festi pubbliċi, nifs ta' xejn. Dan ix-xogħol bla heda jillimita l-ħin u jikkondizzjona l-attitudni lejn ir-relazzjoni ta' bejn il-koppja u iktar 'il quddiem bejnhom u bejn uliedhom bir-riżultat li r-relazzjoni tiġi mminata u ssir dgħajfa u vulnerabbli.



Ma jifdalx ħin, enerġija u ħajra biex koppja tqatta' ftit ħin kuljum jitkellmu b'mod rilassat fuq xiex iħossu għal xulxin, x'jixtiequ jagħtu lil xulxin u x'joħolmu li jwettqu flimkien. Il-mumenti msaħħra ta' bejniethom jiġu fgati u l-ħolm jevapora minħabba t-toqol tax-xogħol u l-ġirja sfrenata wara l-flus, ħa jitħallsu l-kontijiet eżaġerati li daħlu għalihom b'mod għomi u bla pjanar għaqli u bis-sens.

Kieku San Ġużepp jittawwal lejn bosta familji tagħna jara li tgħabbew iżżejjed bix-xogħol u ma jistgħux isaħħu r-relazzjoni ta' bejniethom u jsibu l-għaxqa fil-familja li kien isib hu li mexa pass pass, ippjana bl-umiltà u bis-sens, poġġa lill-familja tiegħu qabel il-lussu sfrenat u rovinanti, u fuq kollox fada b'mod sħiħ f'Alla. Ħafna mill-familji tagħna tant saru mħabbtin u mtaqqlin li nsew lil Alla u warrbuh minn qalb il-familja tagħhom għax qegħdin jarawh żejjed u bla użu. B'hekk qegħdin jogħdsu iktar f'sekulariżmu li ħallihom bla nifs u telfilhom il-veru ferħ u l-għaxqa li jistgħu jsibu f'xulxin u f'uliedhom kieku ħallew lil Alla fiċ-ċentru tal-familja tagħhom. Ħareġ Alla u floku daħlet tensjoni tremenda u stress insapportabbli.

Meta tara stampa ta' San Ġużepp fil-ħanut ta' mastrudaxxa b'Ġesù tfajjel jgħinu u Marija fl-isfond, tħoss mill-ewwel dik l-awra ta' serenità, ta' ferħ u ta' rabta sħiħa u hienja bejn il-membri tal-familja mqaddsa. Minkejja li dari kien hawn l-għaks u t-tbatija, il-familja kienet tixbah lil dik imqaddsa għax il-membri kienu ħsiebhom f'xulxin u kellhom il-ħin għal xulxin. Illum ma tistax ma tagħmilx kuntrast b'għafsa ta' qalb bejn il-familji tallum imħarbtin b'ħajja mgħaġġla ħsiebhom f'mitt elf aljenazzjoni li faga l-ħsieb f'xulxin u t-tgawdija f'xulxin.

Is-sitwazzjoni f'ħafna familji tiggrava meta t-tfal jibdew jitfarfru. Ħafna ġenituri m'għandhomx ħin u ħajra u moħħ jitkellmu mat-tfal, jisimgħuhom, jilagħbu magħhom u jimxu pass pass fil-ħajja tal-istudju tagħhom. Jagħmlu minn kollox biex jibagħtuhom għall-ballett, drama, mużika u mitt elf ħaġa oħra biex mingħalihom jgħinuhom jiżviluppaw personalità sħiħa u jedukawhom u jhejjuhom għall-futur, iżda qegħdin jonqsu li jagħtuhom dak li hu ta' importanza fundamentali – imħabba, ħin u ħbiberija. Mhumiex isibu ħin jitkellmu magħhom u jgħaddulhom il-valuri nsara. Qegħdin jagħtuhom edukazzjoni kożmetika u artifiċjali li tiżvilippa l-personalità b'mod superfiċjali.

F'dan il-kuntest naraw ċar kemm hi importanti t-thejjija tal-għarajjes, kemm hu meħtieġ li l-għarajjes jifhmu li għandhom jagħmlu l-kalkoli tagħhom bil-għaqal. Dan hu biss aspett wieħed minn firxa wiesa' ta' temi li l-għarajjes għandhom ikunu infurmati u edukati dwarhom. Dan hu l-iskop tal-kors ta' sentejn imniedi mid-djoċesi f'Għawdex ta' edukazzjoni għall-għarajjes li qiegħda ssir f'kull parroċċa bl-isem ta' "Mixja ta' thejjija għaż-żwieġ u għall-ħajja fil-familja".

Mhux il-lussu żejjed u l-pika ma' ta' madwarna li jġibu il-ferh fil-familja. Hija l-għaqda fil-familja li ġġib il-veru ferħ u l-għaqda ma tistax tiġi jekk inwarrbu lil Alla minn ħdan il-familja. ■



## KELINA XERRI
## 1920 – 1962
### Lejn il-Ħamsin sena mill-mewt tagħha

# ĦAJJA TA' QDUSIJA B'IMĦABBA LEJN IS-SAĊERDOT U LEJN ĠESÙ EWKARISTIJA

**minn Fr Charles Buttigieg**

Kelina Xerri, oħt Dun Karm Xerri u Mons. Lawrenz Xerri, baqgħet imfakkra għall-ħajja tassew qaddisa li għexet. Hija twieldet f'Ħaż-Żabbar Malta, nhar il-20 ta' Mejju 1920, billi fil-bidu l-familja tagħha kienet toqgħod Malta. Kulħadd jiftakar il-ħajja eżemplari nisranija ta' Mikelina, is-Soċja tal-Mużew. Għalhekk l-aħbar tal-mewt ħabta u sabta ta' Kelina ħasdet lill-Qalin kollha u lis-Soċjetà tad-Dutrina Kristjana mwaqqfa mill-Qaddis San Ġorġ Preca. Dan kollu jikkonfermawh tant persuni li kienu jafuha, fosthom is-Soċji tal-Mużew. Kienet persuna li tgħin fix-xogħol tad-dar u tal-familja, tgħin lil kull min kien fil-bżonn u fuq kollox lil dawk li kellhom xi problema spiritwali fil-ħajja personali tagħhom. Fil-fatt kienet imfittxija minn ħafna persuni għall-ħlewwa, għall-faraġ u għall-pariri spiritwali li kienet taf tagħti. Minbarra dan, min jaf kemm nisa marru ħdejha biex turihom u tagħtihom ideat tal-ħjata li tant kellha għal qalbha.

Ħassew il-mewt ta' Kelina Xerri fuq kollox il-familja tagħha, il-ġenituri tagħha Wenzu (magħruf bħala l-Bugħaddas) u Anġela, ħutha, fuq kollox iż-żewġ saċerdoti Mons. Lawrenz Xerri li kien ilu ftit inqas minn tliet snin li qaddes u Dun Karm Xerri li kien ilu ftit inqas minn sena li qaddes. Kemm kellha għal qalbha s-saċerdoti u kemm kienet titlob u tieħu ħsiebhom! Din kienet grazzja kbira li taha l-Mulej, li tnejn minn ħutha jilħqu saċerdoti. Fuq kollox kellha mħabba u rispett kbir lejn is-saċerdoti kollha tal-parroċċa u kienet tieħu ħsieb li l-ħwejjeġ liturġiċi tagħhom ikunu dejjem nodfa fil-knisja.

Għalhekk kienet persuna attiva ħafna fil-parroċċa, speċjalment bħala katekista fil-qasam tal-Mużew tal-bniet tal-Qala. Kienet tieħu t-tagħlim u l-preparazzjoni tat-tfal bis-serjetà u dan kien jidher fl-imħabba u fil-ħlewwa li kienet turi mat-tfal kollha. Kienet tagħmel sagrifiċċji kbar għal dawn it-tfal u kienet tgħallimhom is-sena kollha anke fis-sajf, ġieli fid-dar tal-ġenituri tagħha billi l-qasam tal-Mużew tal-bniet dak iż-żmien fil-pjazza, kien żgħir wisq. Lil dawn it-tfal kienet tiġborhom madwarha għat-talb quddiem Ġesù Ewkaristija u kienet tgħallimhom it-talb kollu.

Kellha mħabba speċjali lejn Ġesù Ewkaristija. Filgħodu kienet tgħaddi l-isbaħ sagħtejn fil-knisja fit-talb u l-ġabra. F'ħajjitha tqarbnet kuljum, qatt ma ġiet ġurnata waħda li fiha ma rċevitx lil Ġesù. L-Ewkaristija kienet l-ikbar appuntament tal-ġurnata tagħha. Wara t-tqarbin dejjem kienet toffri din it-talba "Ġesù, min jaf din hix l-aħħar tqarbina tiegħi? Għalhekk noffrihielek b'Santissimu Vjatku biex jekk immut, ikolli lilek sabiex tiddefendini għall-vjaġġ tal-Eternità.'' Kienet tagħmel fuq kollox sigħat sħaħ għarkupptejha quddiem Ġesù Ewkaristija fl-Adorazzjoni b'mod partikulari fl-Ewwel Ġimgħa tax-xahar.

Hija mietet 49 sena ilu, proprju fil-15 ta' Frar 1962 fis-6.00 ta' filgħodu. Hija ngħaqdet mal-Mulej wara li ħadet riħ fuq ieħor. Kellha 41 sena. Dawk il-persuni li jitolbu lil Ġesù bl-għajnuna tagħha u jaqilgħu xi grazzja, jistgħu jikkuntattjaw lil xi saċerdot dwar din il-grazzja maqlugħa, kif fil-fatt diġa' seħħ fil-passat. ■



## Radju Leħen il-Qala
## 1996 - 2011

# 15-il sena ta' storja…
# 15-il sena
# għas-servizz tiegħek…

**It-twaqqif u studjows fis-sala ta' fuq is-sagristija**
Is-sena 1996, il-pluraliżmu fix-xandir diġa' kien ġab bidla kbira fil-pajjiż. Iżda l-bidla kienet għadha biss parzjali. Minn stazzjon televiżiv wieħed, twieldu tlieta oħra u iżjed, hekk ukoll l-istazzjonijiet tar-radju ngħataw il-ħajja. Kien fit-2 ta' Lulju tal-istess sena, meta l-Arċipriet ta' dak iż-żmien, il-Kan. Dun Karm Refalo, xtaq li l-parroċċa tal-Qala jkollha stazzjon komunitarju. Minnufih talab il-permess meħtieġ mill-awtoritajiet ekkleżjastiċi. L-Isqof Nikol Ġużeppi Cauchi approva u ta l-permess sabiex jintalbu l-permessi meħtieġa mill-Awtorità tax-Xandir għal għoti tal-liċenzja. Il-liċenzja dakinhar ingħatat sabiex Radju Leħen il-Qala jibda' jopera fuq il-frekwenza ta' 106.5 FM. U hawn Radju Leħen il-Qala beda l-marka tiegħu fl-istorja tax-xandir f'Malta għaliex kien l-uniku stazzjon fil-gżejjer Maltin li ngħata liċenzja permanenti għal erba' snin. Għall-ewwel darba instema' leħen lokali fuq is-sett tar-radjijiet tagħna. Leħen li dewa fid-djar tagħna, u dak l-istess leħen illum għadu jidwi b'dimensjoni akbar u aqwa.

Sabiex seta' jsir it-tfassil tal-ewwel programmi, grupp żgħir ta' nies ħadu ħsieb biex Radju Leħen il-Qala jtella' l-ewwel skeda tiegħu fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġużepp 1996. Wara li ntgħażlet kamra fis-sala ta' fuq is-sagristija sabiex tkun tista' sservi bħala studjow temporanju, kien installat l-apparat meħtieġ li kien kollu misluf, sabiex għal ħmistax-il ġurnata jitwassal il-leħen tal-preżentaturi iżda ta' prijorità kienu ċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi minn ġewwa l-knisja.

Is-semmiegħa wkoll xtaqu jwasslu l-messaġġi tagħhom. Għalkemm ma setgħux jittieħdu telefonati diretti, s-semmiegħa ntalbu jċemplu fuq il-linja telefonika tal-knisja sabiex jgħaddu l-messaġġi tagħhom. Peress li l-unika telefon kien fis-sagristija, tqabbdu xi tfal jirċievu t-telefonati, jieħdu nota u jgħadduhom sabiex jinqraw fuq ir-radju.

Permezz ta' dan l-ewwel grupp ta' operaturi, li l-maġġoranza tagħhom kienu żgħażagħ u li lkoll kienu mimlija b'enerġija dinamika u entużjażmu liema bħalu, twasslet l-ewwel skeda fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġużepp. L-ewwel xandira, nhar il-25 ta' Lulju 1996, kienet bdiet permezz tal-Ave Maria u ħsieb spiritwali mill-Arċipriet. Fost l-ewwel programmi li xxandru kien hemm il-programmi: *Mar-Rima l-Muża*, *Merħba Mużikali*, Żgħażagħ Qalin *Ningħaqdu Flimkien*, *Mumenti Klassiċi* flimkien ma' programmi oħra. Il-Ħadd kien jixxandar ukoll *Ir-Radju Teatrin*.

Din kienet idea ġdida kemm għall-Qala u kemm għal Għawdex, idea li llum kibret u tferrxet mal-gżejjer Maltin fejn insibu numru ġmielu ta' stazzjonijiet komunitarji. Tgħid kien f'loku? Dażgur li kien! Dan l-istazzjon huwa mezz importanti ta' xandir, mezz biex iservi ta' katina mal-emigranti mxerrda mal-erbat irjieħ tad-dinja, mezz biex iservi ta' tagħlim spiritwali u soċjali, mezz biex dak l-anzjan, dak il-marid u dak li jinsab f'solitudni, iderri u jifraħ għax dan ir-radju, mir-raħal ċkejken fil-lvant ta' Għawdex, iżommlu kumpanija, jinfurmah u jwassallu dak kollu li jkun qed jiġri matul is-sena kollha.

Il-bidu kien diffiċli. Ir-riżorsi kienu limitati. Ħadd ma kien espert. Kulħadd mix-xejn beda, f'kamra żgħira fuq is-sagristija. Għaddiet l-ewwel skeda ta' ftit ġranet ta' xandir. Kulħadd kien kburi u kuntent. L-għada tal-festa kulħadd kelma waħda: "Għaliex waqaftu?". Deher fiċ-ċar li din l-idea trasmessa f'realtà kienet intlaqgħet tajjeb mill-poplu. Mill-ewwel ġurnata 'l quddiem id-direzzjoni kienet li Radju Leħen il-Qala għandu jibqa' miexi 'l quddiem. L-iskeda dejjem bdiet iżżid fil-kwantità u fil-kwalità. Sadanittant il-parroċċa tal-Qala xtrat l-apparat meħtieġ sabiex ix-xandir ikun aktar flessibbli.



**L-ewwel snin**
Oriġinarjament Radju Leħen il-Qala kien ixandar fuq il-frekwenza ta' 106.5FM. Ġara iżda li twaqqaf radju nazzjonali qrib ħafna ta' din il-frekwenza. Ir-radju komunitarju tagħna kien qed ibati, kien qed jintefa u n-nies bdiet turi d-dispjaċir tagħha li l-leħen ma kienx għadu jasal ċar. Hawn wera biċ-ċar li mhux il-bidu biss kien diffiċli iżda anke l-mixja kontinwa tibqa' diffiċli. Saret talba uffiċjali lill-Awtorità tax-Xandir u wara diversi

testijiet bejn il-frekwenzi 106.2FM u 106.3FM, Radju Leħen il-Qala ngħata frekwenza ġdida – 106.3FM.

Konxji li l-frekwenza fuq l-FM mhix daqshekk qawwija nħass il-bżonn sabiex wieħed iwassal dan il-leħen fid-djar tal-emigranti tagħna. Dakinhar it-teknoloġija kienet għadha primittiva imma permezz ta' diversi voluntieri, għall-bidu f'xi sigħat biss f'jum il-festa, l-emigranti tagħna setgħu jsegwu l-leħen ta' dan l-istazzjon permezz tal-Internet fuq is-sit tal-parroċċa http://gozodirect.com/qala. Dan kien pass ieħor kbir għaliex dik il-kamra ż-żgħira kienet qed isservi ta' pont bejn il-Qala u l-emigranti li jkunu jinsabu mili 'l bogħod minn xtutna.

Tul dawn l-ewwel snin seħħew avvenimenti kbar li permezz ta' dan l-istazzjon waslu għand kulħadd, anke għand dawk barra minn gżiritna. Lura fis-sena 1999 dan l-istazzjon wera l-imħabba li l-poplu tal-Qala għandu lejn is-saċerdot. Dakinhar saret l-ordinazzjoni saċerdotali tas-saċerdot Fr Charles Buttigieg. Imbagħad f'din l-istess sena kien hemm l-inkurunazzjoni mill-ġdid tal-kwadru titulari ta' San Ġużepp mill-Arċisqof E.T. Josè Saraiva Martins. Dan l-avveniment kellu wkoll post partikulari fl-iskeda tal-festa ta' dik is-sena.

Fis-sena 2000, il-Ġublew il-Kbir, Radju Leħen il-Qala għex l-esperjenza tal-miġja tar-Redentur tal-Isla fil-Qala. Permezz ta' maratona ta' xandir bejn id-29 u t-30 ta' Mejju, u baqa' sejjer anke bil-lejl, Radju Leħen il-Qala wassal dan l-avveniment fid-djar tas-semmiegħa tiegħu.

Mill-istess post Radju Leħen il-Qala kompla għaddej bix-xandir tiegħu. Fi żmien il-festa, matul l-attivitajiet ta' barra, ix-xandir kien iseħħ mill-gallerija tal-orgni sabiex il-kummentatur seta' jsegwi dak li kien ikun għaddej fil-pjazza u hekk kien jagħti l-kummenti tiegħu għal benefiċċju tas-semmiegħa.

**Studjows fi Pjazza San Ġużepp**




Radju Leħen il-Qala jkun trasferit mill-post fis-sala ta' fuq is-sagristija għal post fejn illum hemm il-każin tal-banda, wara ftit aktar minn erba' snin mill-ewwel xandira. Il-Knisja kienet għadha kemm akkwistat dak il-post. Dan il-post huwa post privileġġat għax-xandir tar-radju. Għalhekk ġurnata f'Ġunju tas-sena 2001 ir-radju tefa' l-forzi tiegħu biex l-apparat kollu seta' jkun żarmat mill-knisja biex jittieħed f'dan il-post il-ġdid li kellu jservi bħala studjows ġodda għal dan l-istazzjon.

Hawn inqalgħu diffikultajiet oħra, il-post il-ġdid kien għadu mhux imħejji biex jilqa' lill-istazzjon. Għalhekk grupp ta' żgħażagħ meddew għonqhom għax-xogħol. L-ewwel sular ta' dan il-post, kien mimli tessuti għal nies li huma fil-bżonn, u ried ikun ikkonvertit fi studjows tar-radju. Issa Radju Leħen il-Qala kellu għad-dispożizzjoni tiegħu mhux aktar kamra żgħira iżda post. Din il-ħaġa kienet titlob aktar xogħol u koordinament.

Għalhekk fl-ewwel ġimgħat, permezz ta' dan l-istess grupp ta' żgħażagħ, flimkien ma' diversi ħaddiema u voluntieri, beda xogħol intensiv fuq il-post inġenerali, l-aperturi, u s-sistema tal-elettriku tal-post sabiex din tkun tista' taqdi l-ħtiġijiet partikulari tar-radju. F'nofs Lulju l-post kien lest li jaqdi l-ħtiġijiet tal-parroċċa u tar-radju. L-ewwel pjan kien iservi biex isiru attivitajiet ta' *fund raising* tal-parroċċa u fil-festa jinkera u jinfetaħ f'bar. L-ewwel sular bħala l-istudjows, u l-kamra tal-bejt il-post fejn jitħalla t-*transmitter*; dak l-apparat li jaqbad mal-antenna biex iwassal il-messaġġ fid-djar. Semmejna l-antenna; din kienet sfida li dan l-istazzjon ried jaffaċċja. Fejn qabel l-antenna kienet imwaħħla fuq il-koppla u minnha nnifisha hija għolja u għalhekk jgħin biex dan il-leħen seta' jasal 'il bogħod, issa ried isir ħsieb biex din l-antenna titwaħħal fuq il-bejt ta' dan il-post il-ġdid. Dlonk kienu kkuntattjati diversi voluntieri fejn ħadmu arblu ta' 21 metru biex l-antenna tkun tista teħel fuqu. Sfida oħra li ġab dan il-post il-ġdid kienet ix-xandir mill-Knisja. Qabel, biex isir ix-xandir mill-Knisja, kien hemm *cable* mis-sala tas-sagristija għal isfel. Issa kien meħtieġ li jinstab mezz ta' kif dan il-*cable* jitlaq mill-knisja u jitwassal sa dan il-post il-ġdid. Wara diversi tentattivi kien deċiż li għall-ewwel l-aħjar hu li dan il-*cable* jgħaddi minn barra, minn fuq il-bjut tad-djar. B'hekk permezz ta' dan il-*cable* b'tul ta' madwar 250 metru seta' jsir ix-xandir mill-knisja. Bżonn ieħor li ġabet magħha din il-bidla kien li ried ikun stabbilit il-mezz ta' kuntatt mas-semmiegħa. Kien hemm bżonn li tkun stabbilità l-linja tat-telefon. Għal din il-ħaġa kienet inġabet il-linja tat-telefon li sa dakinhar kienet tintuża fiċ-Ċentru Parrokkjali u hawn ġie sinonimu n-numru 558556 kif kien dakinhar ma' Radju Leħen il-Qala.

L-iskeda tal-festa 2001 kienet imħejjija tajjeb b'għadd ta' voluntieri lkoll lesti biex jutilizzaw dan il-post ħalli jkomplu jwasslu dan il-messaġġ. Il-post ġab ukoll bidla sħiħa fil-kollegamenti u x-xandir tal-attivitajiet ta' barra. Minn hawn wieħed seta' jsegwi l-attivitajiet kollha li jkunu għaddejjin fil-pjazza: mill-gallerija kont tara l-attivitajiet

li jkunu jsiru fi Triq 28 t'April 1688 u parti minn Triq il-Kunċizzjoni u minn fuq il-bejt wieħed seta jara b'mod ċar anke l-għalqa li minnha jinħaraq in-nar. Dawn l-elementi laħħmu l-kummentarji li kienu jsiru tul dawn l-attivitajiet.

Dan l-istazzjon kompla miexi 'l quddiem. Iżda din il-bidla fil-post talbet ukoll spejjeż kbar, apparti l-ispejjeż kontinwi fil-liċenzji u kontijiet oħra. Għalhekk fl-1 ta' Mejju 2002 saret maratona għal ġbir ta' fondi. Tul din il-maratona saru diversi attivitajiet kemm għat-tfal u kif ukoll għal kbar. F'dan il-ħin ta' xandir in-nies setgħu jaraw mill-qrib kif jaħdem Radju Leħen il-Qala mit-tieni sular ta' dan il-post il-ġdid. Tul il-maratona, fl-ewwel pjan kien għaddej *slide feature* fuq l-andament tar-radju tul is-snin. Ir-rispons tan-nies f'din il-maratona u f'dawk li saru wara, kienu inkoraġġanti ħafna.

Radju Leħen il-Qala ma waqafx hawn. F'dan iż-żmien Radju Leħen il-Qala beda jżomm kumpanija lis-semmiegħa anke bil-lejl permezz ta' programmi li kienu jixxandru minn fuq l-istazzjon *Radio Vaticana 105 live* mill-belt tal-Vatikan u dan permezz tas-satellita. Kien hawn ukoll fejn bdew isiru tentattivi biex jibda jintuża l-kompjuter waqt ix-xandir. Sa issa x-xandir kollu kien isir permezz tal-*cassettes* u *cd's* u f'xi każijiet partikulari kienet tintuża l-*long play* (LP).

F'din l-istess sena kienu nfetħu l-applikazzjonijiet mill-Awtorità tax-Xandir għal *awards* tal-aħjar programmi radjofoniċi fil-gżejjer Maltin. Radju Leħen il-Qala tefa' l-applikazzjoni tiegħu. Il-ħsieb wara din l-applikazzjoni kien wieħed sempliċi; ir-radju tal-komunità tal-Qala jkun mal-oħrajn. Wara ftit xhur ħarġu l-finalisti. Radju Leħen il-Qala, l-ewwel radju komunitarju li wasal sal-finali. Qabża kbira 'l quddiem. Is-serata finali waslet. Is-Sibt 16 ta' Novembru 2002. Ħadd ma kien jistenna iżda fl-istess ħin bħal donnu kulħadd jistenna jew jixtieq xi ħaġa kbira sseħħ. Dakinhar inkitbet paġna storika oħra fl-istorja tagħna u tax-xandir f'Malta. Jgħaddi ż-żmien u r-radju tagħna jerġa' jissorprendi għax jerġa' jkun finalist fil-premijiet għall-aqwa programmi mnedija mill-Awtorità tax-Xandir. U f'Novembru 2003 terġa' ssib lil dan l-istazzjon mal-aqwa tlieta.



Iż-żmien gerbiebi u l-affarijiet jinbidlu, iżda l-kariżma tal-volontarjat tibqà. Tasal l-aħbar li Radju Leħen il-Qala daħal fil-final tal-premju "Għarfien Nazzjonali Żgħażagħ" fis-Soċjetà 2003. Minn tmintax-il nominazzjoni, u sitta fil-final, dan l-istazzjon jikklasifika fit-tielet post.
Sadanitant ix-xandir kompla għaddej permezz ta' diversi skedi u programmi matul is-sena. Wara l-iskeda tal-festa 2003 Radju Leħen il-Qala kellu mill-ġdid jitfi għal ftit biex jkun trasferit lejn post ieħor bit-tama li jsib post aħjar. Kien intlaħaq ftehiem biex il-post Nru. 12 ta' Pjazza San Ġużepp jingħata lil Banda *Ite ad Joseph* biex it-tieni sular iservi ta' każin filwaqt li bidla strutturali fit-tielet sular twassal biex dan ikun konvertit fl-istudjows il-ġodda ta' dan l-istazzjon. Għalhekk fil-5 t'Awwissu 2003 Radju Leħen il-Qala reġa' żarma kollox biex dan il-proċess strutturali jibda bit-tama li jkun lest sa Diċembru tal-istess sena.

Għalhekk dan l-istazzjon reġa' mar lura fil-kamra ta' fuq is-sagristija, minn fejn oriġinarjament beda, biex dan il-leħen ma jintefiex. F'din il-kamra ttieħed l-apparat neċessarju biss. F'dan iż-żmien sar disinn ta' kif għandhom isiru l-istudjows fit-tielet sular ta' dan il-post u anke nbdiet l-installazzjoni tas-sistema tal-Awdjo u anke sistema tal-viżiv flimkien mas-sistema tal-elettriku. Meta beda joqrob iż-żmien għal festa 2004 inħasset il-ħtieġa li Radju Leħen il-Qala jsib post aktar adattat għaliex il-post f'dil-pjazza kien żgħir wisq biex jaqdi il-ħtiġijiet tar-radju.

**Studjows fi Triq San Franġisk**
Għalhekk Radju Leħen il-Qala issa sab postu f'kamra fid-Dar Parrokkjali l-ġdida fi Triq San Franġisk. Minn hawn Radju Leħen il-Qala tella' diversi skedi marbuta ma' żminijiet partikulari tas-sena. Kien hawn fejn Radju Leħen il-Qala adotta sistema kompjuterizzata anke bis-servizz tal-Internet. F'dan iż-żmien dan l-istazzjon sab postu fuq ix-xibka tat-teknoloġija, b'mod aktar b'saħħtu, permezz tas-sit www.radjulehenil-qala.com. Minn hawn l-emigranti setgħu jagħmlu kuntatt magħna permezz tal-*email*. Aktar 'il quddiem il-kuntatt issaħħaħ mas-semmiegħa permezz tal-installazzjoni tat-tieni linja tat-telefon u permezz tas-servizz tal-SMS. Għall-bidu n-numru kien 50612000, iżda aktar tard kellu jinbidel u sar 50612222.

L-istorja tkompli u "Radju Marija" jidħol f'din l-istorja. Permezz tax-xandir tal-quddiesa ta' kull filgħaxija u programm ta' sagħtejn kull ġimgħa, dan l-istazzjon, għal ftit żmien, semma' leħnu fuq skala nazzjonali. Dan ukoll serva biex iwitti t-triq sabiex dan l-istazzjon nazzjonali jitfa' riġlejh fil-gżira Għawdxija. Is-sens ta' ġenerożità tal-poplu tal-Qala għen sabiex "Radju Marija" jkompli jkun leħen nisrani fid-djar tas-semmiegħa tiegħu u jkun jista' jistabbilixxi ruħu anke f'din il-gżira Għawdxija.

F'dan iż-żmien, il-parroċċa tal-Qala kellha bidla fl-amministrazzjoni tagħha. L-Arċipriet, il-Kan. Dun Karm Refalo, inħatar bħala Arċipriet tal-parroċċa tax-Xagħra filwaqt li Dun Joe Zammit inħatar l-Arċipriet tal-Qala. F'din l-okkażjoni Radju Leħen il-Qala tella' żewġ programmi speċjali. L-ewwel programm bl-isem 'Grazzi Dun Karm...' kien sar fl-11 ta' Frar 2005 biex jirringrazzja lil Arċipriet Refalo, filwaqt li jawguralu għal ministeru l-ġdid. Imbagħad it-tieni programm bl-isem 'Merħba Dun Joe...' kien sar fid-29 t'April 2005. Dan il-programm kien sar biex fih ingħatat merħba lil Dun Joe bħala l-Arċipriet il-ġdid tagħna u fl-istess

waqt nawgurawlu f'dan il-ministeru l-ġdid li ġie afdat lilu.

Mid-Dar Parrokkjali kienu kkoordinati wkoll diversi avvenimenti fl-okkażjoni tal-10 snin tar-radju. Hawn kienet ippubblikata r-rivista *RSAL* f'Diċembru 2005. Saru l-*jingles* il-ġodda minn Philip Vella filwaqt li l-kantanta Paula selfitna l-vuċi. Il-qofol ta' dawn l-avvenimenti laħqu permezz tal-*Praise Festival* fis-26 ta' Lulju 2006.

Għal darba oħra Radju Leħen il-Qala kellu jerġa' jbiddel il-post li minnu kien qed ixandar, dejjem bl-iskop biex ix-xandir isir aħjar. Ma' kull bidla, wieħed jitgħallem xi ħaġa, anke frott l-iżbalji. M'hemmx għalfejn ngħidu, kull bidla kienet ukoll qed tfisser spejjeż kbar. Hawnhekk reġa' sar studju jekk huwiex vijabbli li l-istudjows permanenti jkunu fi Pjazza San Ġużepp jew inkella fi Triq San Franġisk. Iż-żewġ postijiet kellhom il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tagħhom. Iżda, minħabba raġunijiet ta' prattiċità u spazju ntagħżel il-post fi Triq San Franġisk għall-istudjows permanenti filwaqt li dak ta' Pjazza San Ġużepp jintuża meta jkun meħtieġ. Għal din ir-raġuni inxtrat sistema biex iż-żewġ postijiet jingħaqdu flimkien. Hawnhekk kienu kkuntattjati diversi persuni esperti fil-qasam tal-midja biex jagħtu l-ideat tagħhom sabiex l-art ta' 12-il pied b'50 tkun ikkonvertita fl-istudjows il-ġodda bl-aħjar mod possibbli. Meta ġiet deċiża l-pjanta tal-bini, il-providenza kompliet tidher b'mod ċar. Tliet kuntratturi daħlu għall-bini u t-tisqif tal-istudjows il-ġodda u dan kollu kien b'xejn inkluż ukoll il-materjal. U x-xogħol waqaf hawn.

Sadanitant, ix-xandir tal-quddiesa ta' kuljum baqa' għaddej b'mod normali. Ittieħdu diversi inizjattivi fix-xandir ta' programmi ġodda. In-numru ta' voluntieri f'Radju Leħen il-Qala kompla jikber bl-iskeda tal-Festa 2007 fejn intlaħaq it-80 tekniku/preżentatur li l-biċċa 'l kbira ta' dawn huma adolexxenti u żgħażagħ bi programmi li kienu jibdew mill-5.00am sa tard bil-lejl.

Intant, kompla jsir l-istudju dwar is-sitwazzjoni li kien jinsab fiha r-radju, partikularment rigward il-qagħda tal-apparat. F'dan il-mument l-apparat misluf beda' jiżdied minħabba li l-apparat tal-istazzjon kontinwament kien qed jagħmel il-ħsara u li ma kienx vijabbli li jissewwa. Iżda l-eżiġenzi ta' dak l-mument f'dak li kellu x'jaqsam ma' livell ta' xandir kienu qed jiżdiedu kontinwament.

Ta' kuljum, dan l-istazzjon kien qed jaffaċċja sfidi ġodda sabiex ikompli għaddej. L-aktar ħaġa li kienet fraġli kien ix-xandir mill-knisja, peress li sa dan il-mument dan ix-xandir kien dipendenti fuq *cable* li kien għaddej minn barra, jiġifieri minn fuq il-bjut tad-djar tar-residenti li joqogħdu fil-madwar. Sa dan iż-żmien dan kien diġa' nbidel xi erba' darbiet.

**Studjows Ġodda u Permanenti**

Fis-Seminar Parrokkjali Annwali tal-2007, kienet saret diskussjoni li fiha kien tqassam ukoll kwestjonarju, dwar kif seta' jkun il-futur tar-radju. Hawn ħareġ biċ-ċar, li r-radju kien baqagħlu post fil-parroċċa u aktar minn hekk kellu jiġi msaħħaħ. Għalhekk f'Awwissu tal-istess sena, l-Arċipriet iddeċieda li x-xogħol fuq l-istudjows il-ġodda li kienu bdew fis-Sajf 2005 għandhom jissoktaw. Dan ukoll, fid-dawl taż-żjara li l-Arċipriet kien għadu kif għamel lill-emigranti tal-Amerika u l-Kanada u fis-sena ta' qabel lill-emigranti fl-Awstralja. Konxji mill-ispiża li l-parroċċa kienet ser tidħol għaliha, inħasset il-ħtieġa ta' dan il-proġett għaliex kien ser iħalli ħafna ġid fil-parroċċa. B'hekk, f'Settembru 2007, l-Arċipriet ħabbar li l-proġett li jmiss għall-parroċċa kellhom ikunu l-istudjows il-ġodda. Id-donazzjoniet u ċ-ċedoli kienu ta' inkorraġġiment kbir għall-fatt li wara biss ftit ġimgħat, inġabret is-somma mitluba ta' Lm30,000 (€69,881) li parti sostanzjali minnhom kienu donazzjonijiet.

Sadanittant reġgħu bdew id-diskussjonijiet ma' dawk kollha li kienu ser jagħmlu x-xogħol, b'mod partikulari mal-kumpaniji fl-Italja, li kienu ser jissupplixxu l-apparat. Wara diversi ġimgħat f'diskussjonijiet kontinwi permezz tal-korrispondenza rigward l-apparat ideali għal dan l-istazzjon, rappreżentanza tar-radju marret għand il-kumpaniji nfushom sabiex jaraw b'għajnejhom stess l-apparat. Għalhekk, dan il-grupp fl-1 ta' Jannar 2008, wara l-ikla tal-parroċċa tal-aħħar tas-sena, telqu lejn l-Italja fil-belt ta' Bologna, fejn hemmhekk issoktaw id-diskussjonijiet ma' dawn iż-żewġ kumpaniji.

Mal-wasla tagħhom f'Bolonja l-ewwel marru għand il-kumpanija *RVR Elettronica*. Mingħand din il-kumpanija kellu jinġab l-apparat marbut mal-antenna. *RVR* hi waħda mill-aqwa kumpaniji f'dan il-qasam. Tajjeb ngħidu li din il-kumpanija hija responsabbli ta' ħafna stazzjonijiet madwar id-dinja, inkluża l-media tal-Vatikan u *Rai Media Warehouse*. Hawn saret laqgħa kordjali bejn l-inġiniera responsabbli tal-kumpanija u l-membri tar-radju. Wara diversi sigħat ta' diskussjoni ttieħdu xi deċiżjonijiet dwar il-mod ta' kif ir-radju għandu jimxi.



Wara din il-laqgħa mal-*RVR Elettronica* lkoll irħewlha għal għand kumpanija oħra *Axel Technology*. Din il-kumpanija kellha tissupplixxi l-apparat ta' ġewwa l-istudjows. Peress li dak iż-żmien, il-ħaddiema ta' din il-kumpanija kienu bil-vaganzi tal-Milied, saru l-arranġamenti meħtieġa biex din il-kumpanija tiftaħ il-bibien tagħha apposta għall-membri ta' Radju Leħen il-Qala. F'din il-laqgħa komplew id-diskussjonijiet li kienu nbdew aktar qabel u l-apparat meħtieġ kien identifikat. Sadanittant, fil-bini tal-istudjows kienet installata s-sistema tal-elettriku. Sar it-tikħil u l-madum, is-*sound proofing* permezz ta' materjal apposta u ż-żebgħa kollha ta' barra u

ta' ġewwa. Sar ħafna xogħol tal-injam, kemm għall-għamara u anke l-aperturi ta' ġewwa. B'hekk, il-fażi strutturali tlestiet f'disa' xhur ta' ħidma minn madwar mitt ħaddiem.

L-istudjows il-ġodda issa jikkonsistu minn: żewġ studjows, *CD Library/Archives*, *Toilet* u *Kitchenette*, *Waiting/Board Room* kif ukoll *Transmitting Room*. Barra dan, issaħħet u ġiet protetta, il-komunikazzjoni ta' bejn il-knisja u r-radju għax-xandir tal-quddies. Dan seħħ, wara li nkisbu l-permessi meħtieġa sabiex tkun tista' titħaffer trinka taħt l-art, diretta mill-knisja għall-istudjows il-ġodda. Biex ma jkunx hemm interruzzjoni u kif ukoll biex ma ssirx ħsara fuq l-apparat teknoloġiku meta jkun hemm qtugħ fil-provvista tal-elettriku, kienet installata sistema ta' *Uninterrupted Power Supply* (*UPS*) u *Generator* li jaqleb waħdu fl-assenza tal-provvista tal-elettriku.

Ma' studjows ġodda, kien hemm il-bżonn ta' antenna ġdida biex it-trasmissjoni tintlaħaq minn inħawi li qabel kien diffiċli li jintlaħaq. Wara li kien ippreparat il-bejt, kienet installata struttura apposta li tħallset minn 6 benefatturi Qalin u li kienet togħla kważi 25 metru. Fuq din l-istruttura kienet installata l-antenna l-ġdida, li ġiet maħduma mill-kumpanija *RVR Elettronica*. Sadanittant kien beda x-xogħol biex is-sit elettroniku tar-radju jieħu sura ġdida. Matul ix-xhur ta' Marzu, April u Mejju nħadem l-apparat kollu meħtieġ. F'Ġunju, beda jasal l-apparat li kien ordnat minn kumpaniji oħrajn, minn madwar il-globu, partikularment mill-Ġermanja u l-Ingilterra.

Fis-17 ta' Ġunju wasal l-apparat minn Bolonja, l-apparat prinċipali mingħand il-kumpanija *Axel Technology* u l-apparat li kien baqa' minn *RVR Elettronica*, wara li minn dawn tal-aħħar kien diġà inġieb xi apparat f'Jannar ta' qabel.

L-għada, it-18 ta' Ġunju, bdiet l-installazzjoni ta' kważi 4 kilometri ta' *cables* li kellhom jgħaqqdu l-istudjows flimkien mat-*Transmitting Room*; dik il-kamra li fiha jkun hemm dak l-apparat kollu li permezz tiegħu jsir ix-xandir.

Fid-29 ta' Ġunju saret il-*launching* tal-website l-ġdida, filwaqt li x-xogħol intensiv tal-installazzjoni tal-apparat il-ġdid kien għadu għaddej. Il-Ġimgħa 4 ta' Lulju 2008 kien għadu għaddej bis-sħiħ ix-xogħol fl-apparat tal-istudjows, inkluż l-ittestjar tal-apparat kollu. Dawn it-tliet ġimgħat kienu kkaratterizzati minn ħidma intensiva minn kmieni filgħodu sa tard bil-lejl. Dan ix-xogħol baqa' għaddej tul il-lejl ta' wara u kien lest propju fil-ħin li kellha tibda' l-iskeda tal-Festa 2008.

B'hekk, l-għodwa tas-Sibt 5 ta' Lulju mmarkat il-bidu tax-xandir mill-istudjows il-ġodda. Ftit minuti qabel il-quddiesa tal-5.00am, inxtegħel l-apparat u kien lest għax-xandir. Madankollu kien għadu għaddej xi xogħol fuq l-aperturi tal-istazzjon u affarijiet oħra li kienu għadhom mhumiex finalizzati. Imbagħad, kien kollox lest għall-ftuħ uffiċjali mill-Arċipriet Kan. Dr Joe Zammit li sar il-Ħadd 27 ta' Lulju. Dakinhar, kienet saret serata apposta fi Triq



San Franġisk fejn fiha kienu saru diversi diskorsi. Il-banda *Island Brass* ħadet sehem fis-serata. F'nofs il-programm kien intwera *feature* fuq ix-xogħol li kien sar fix-xhur ta' qabel, biex finalment kienu tlestew dawn l-istudjows. Fi tmiem il-programm, l-Arċipriet fetaħ u bierek l-istudjows u wara ttellgħet il-bandiera bil-*logo* il-ġdid tar-radju, xogħol ta' diversi voluntieri Qalin. Għal din is-serata kienu mistiedna partikularment dawk kollha li b'xi mod kienu taw is-sehem tagħhom fl-istazzjon tul is-snin.

Issa, permezz ta' dawn l-istudjows il-ġodda, il-preżentaturi u l-voluntieri mhux biss isibu 'dar' oħra li tilqagħhom iżda tiffaċilitalhom ix-xogħol li jkunu jridu jagħmlu. Permezz tas-sistema kompjuterizzata li Radju Leħen il-Qala adotta, mhux biss setgħu jixxandru programmi b'mod aktar flessibbli, imma kibret ħafna l-flessibbiltà dwar kif Radju Leħen il-Qala jopera. Permezz ta' din l-istess sistema, l-istazzjon b'mod aktar faċli beda jirrekordja l-*log tapes* b'mod diġitali, li l-Awtorità tax-Xandir titlob minn kull stazzjon. Dan ifisser, li jiġi rrekordjat kulma jixxandar fuq ir-radju 24 siegħa kuljum u li dawn l-istess *recordings* għandhom jinżammu mill-anqas tliet xhur fil-librerija mużikali tal-istazzjon. Bħala parti mill-proġett tal-istudjows il-ġodda, ġiet installata wkoll sistema ta' protezzjoni kontra s-sajjetti.

**Amministrazzjoni Ġdida**

Nhar il-15 ta' Settembru 2008 l-Arċipriet ħatar l-amministrazzjoni l-ġdida li daħlet responsabbli għat-tmexxija tal-istazzjon. Minn hawn l-istazzjon beda jikteb paġna oħra fl-istorja tiegħu. In-numru ta' voluntieri kompla jiżdied. Komplew jittellgħu programmi ta' varjetà, programmi li jiffurmaw it-tliet skedi speċjali tul is-sena: Għid, Festa San Ġużepp, u kif ukoll Festa Kunċizzjoni u Milied. Madankollu saru diversi skedi matul is-sena kollha bi programmi li jsiru ġimgħa wara oħra għal matul is-sena. Fis-sena 2011 ġew



introdotti programmi bl-Ingliż li jixxandru matul il-lejl għall-benefiċċju tal-emigranti Qalin u wliedhom li ma jkunux daqshekk familjari mal-lingwa Maltija.

Għall-aħħar tas-sena 2008 beda jkun organizzat b'mod diġitali, l-Arkivju ta' Radju Leħen il-Qala. Grazzi għal Dun Anton Sultana kienet organizzata l-librerija tal-istazzjon b'materjal addattat għax-xandir. Minn dakinhar beda jkun organizzat is-Seminar Annwali ta' Radju Leħen il-Qala, biex permezz tiegħu, l-kwalità tal-programmi u x-xandir jibqa' jogħla. B'kollaborazzjoni mal-grupp tal-*fund raising* tal-parroċċa bdiet tkun organizzata ta' kull xahar, attività biex jinġabru fondi għas-sostenn tar-radju matul is-sena. Dan l-istazzjon kompla jkabbar r-relazzjoni tiegħu mal-assoċjazzjonijiet tal-Qalin 'il bogħod minn xtutna, partikularment l-Assoċjazzjoni tal-Qala fl-Awstralja u l-Assoċjazzjoni tal-Qala fl-Amerika, b'din tal-aħħar torganizza diversi attivitajiet matul is-sena bħala ġbir ta' fondi għall-istazzjon.

Fil-5 ta' Marzu 2009, maltempata li ħakmet il-gżejjer Maltin, ikkawżat ħsara kbira fuq l-istruttura li fuqha kienet installata l-antenna. Dakinhar stess ix-xandir baqa' għaddej b'mod normali wara li t-trasmissjoni kienet trasferita fuq antenna sekondarja li kienet insallata apposta minn qabel f'eventwalità ta' ħsara fuq il-kbira kif fil-fatt ġara. F'dan il-mument l-antenna l-kbira kienet żarmata minn fuq l-istruttura. Struttura oħra inħadmet minn voluntiera Qalin biex eventwalment l-antenna l-kbira reġgħet kienet installata nhar it-28 ta' Settembru 2009. Sadanittant l-istruttura l-qadima kienet irranġata biex magħha jitwaħħlu l-antenni neċessarji biex ikun jista' jsir ix-xandir minn barra.

Fis-sena 2010 Radju Leħen il-Qala beda joffri servizz ġdid, is-servizz tal-*video streaming* tul is-sena kollha. Dan sabiex l-emigranti setgħu jibdew isegwu, anke bil-viżiv, dak kollu li jseħħ fil-pjazza 24 siegħa kuljum. Minn żmien għal ieħor dan is-servizz kien ikun estiż ukoll għal ġol-knisja. Dan wassal ukoll biex tkun kkreata librerija fuq l-Internet ta' filmati li jittieħdu minn żmien għal ieħor. Radju Leħen il-Qala kompla investa f'dan il-qasam tat-teknoloġija biex l-emigranti tagħna jkunu jistgħu jsegwu dak kollu li jkun għaddej f'dak il-mument stess, dan anke permezz tal-profil tal-*Facebook*.

Tul dawn is-snin dan l-istazzjon laqa' ħafna persuni distinti fl-istudjows tiegħu. Ta' min insemmu l-ewwel żjara tal-Isqof



Mons. Mario Grech waqt iż-żjara pastorali li għamel lill-parroċċa, b'intervista fuq l-istazzjon li saret fit-18 ta' Marzu 2006. Imbagħad l-Isqof ta' Għawdex reġa' kien fl-istudjows il-Ħamis 18 ta' Marzu 2010. Il-Ħadd 17 t'April 2011 saritlu intervista oħra din id-darba intervista ta' attwalità waqt id-diskussjoni nazzjonali tad-dħul tad-divorzju f'Malta. L-Isqof Nikol Ġużeppi Cauchi kien fl-istudjows tar-radju nhar id-19 ta' Marzu 2009 fejn saritlu wkoll intervista bijografika. L-Isqof Joseph Spiteri, in-Nunzju Appostoliku fi Sri Lanka, żar l-istudjows fis-16 ta' Lulju 2010. Aktar tard il-Ħadd 17 t'April 2011 il-Prim Ministru ta' Malta l-Onor. Dr Lawrence Gonzi żar ukoll l-istudjows tar-radju.



Is-sena 2011 timmarka l-ħmistax-il sena mill-ewwel xandira tiegħu. F'din l-okkażjoni Radju Leħen il-Qala reġa' kkuntattja lil Philip Vella sabiex mill-ġdid jerġa jipproduċi sett ta' *jingles* ġodda għall-istazzjon. Din id-darba bil-vuċi tal-kantanta mill-Qala Ruth Portelli. Biex ikompli jitfakkar dan l-anniversarju tal-15-il sena mit-twaqqif tar-radju, l-amministrazzjoni ħejjiet programm varjat ta' attivitajiet.

**Konklużjoni**

Permezz ta' dawn il-ftit paragrafi, tajna ħarsa lejn il-mixja li Radju Leħen il-Qala għamel tul dawn il-ħmistax-il sena. Kienu snin li permezz tagħhom ir-radju għaqqad il-komunità parrokkjali tal-Qala flimkien. Permezz ta' dan ir-radju, l-marid ma baqax waħdu fuq is-sodda tal-mard tiegħu. L-anzjan sab kumpanija permezz ta' dan il-leħen. L-emigrant ma baqax daqshekk 'il bogħod minn art twelidu u qrabatu. Barra minn hekk dan l-istazzjon kien u għadu 'dar' għal diversi persuni li l-maġġoranza tagħhom huma żgħażagħ. Ir-radju għal ħafna persuni hu lok fejn ikunu mrawma karattri sodi u ċittadini nsara. Dan il-leħen beda jidwi ħmistax-il sena ilu u se jibqa' jidwi minn fuq il-bjut. Kif rajna, it-triq ma kinitx faċli iżda bil-għajnuna t'Alla u ta' ħafna voluntieri matul is-snin, Radju Leħen il-Qala beda din il-mixja u baqa' miexi 'l quddiem biex ikun ta' servizz għal oħrajn. ■

***Nota:***

Dan l-artiklu ġie msejjes fuq informazzjoni meħuda mill-Arkivji ta' Radju Leħen il-Qala, kif ukoll tal-Uffiċċju Parrokkjali. Għalkemm f'dan l-artiklu ma jissemmewx persuni, produzzjonijiet u programmi, din il-mixja kienet possibli biss bil-ħidma siekta ta' bosta.

Miktub mill-Amministrazzjoni ta' Radju Leħen il-Qala u kull dritt fuq il-kontenut huwa riservat lilha.

**29 ta' Ġunju 2011**

*Fresh Fish Supplies*

**BUGEJA**

**FISH MARKET**

Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo
Tel: 21560 686 - 21555 668 - Fax: 21555 668 - Mobile: 9943 9012



**Peter's Butcher Shop**

**55, St. Joseph Square, Qala - Gozo**

**2785 5051 - 7905 5051**

For top quality fresh meat cuts, marinated pork, beef & chicken for BBQs, a vast selection of superior meat products such as roast pork, beef, or chicken, kebabs, meatballs, bragioli, burgers and lots more...



# QALA ONLINE



*Salvu Felice Pace*

I cannot claim to know the village of Qala very well. I have been through the village many times but I have never had the time to explore. I do remember attending a Mass some years ago at the beautiful sanctuary dedicated to the Immaculate Conception and I encourage readers to visit www.kappellimaltin.com/html/kuncizzjoni.html and enjoy the richness of the history of this treasure so cherished by the people of Qala and so many others. I also recall visiting the cemetery adjacent to the sanctuary and distinctly admired the breathtaking views. But then breathtaking views are not exactly short in supply in Qala.

My knowledge about Qala is gleaned from the excellent right-up which you can find in www.qala.gov.mt. It is the Qala Local Council's official website and as such it has all the elements that one expects from such websites. The services offered by the Council to the people of the locality are clearly enlisted. The gallery speaks for itself as do other sections of the website. But to me the section called About Qala is a gem. The love of Qala, its history, its people and its natural and man-made treasures must run in the veins of whoever penned this excellent piece. Six thousand years of history allowed plenty of time for legends to thrive and last the test of time. Nature's generous gifts to Qala are matched with man's own gifts such as St. Anthony's Battery, the 17th and 18th century graffiti and the 19th century windmill. The faith of a people runs through Qala's history and cultural make-up. This same faith moulded the lives of quite a few local personalities that through the centuries stood out as worthy and esteemed ambassadors of their beloved Qala.

A search for Qala through Google brings you face to face with thirteen Qalas of sorts in Pakistan, three in Afghanistan, two in Azerbaijan and one in Iraq and Uzbekistan. Wikipedia enlists all the Qalas but of course it is the website www.en.wikipedia.org/wiki/Qala, Malta that introduces our Qala in a quite dramatic way to its visitors by the following introduction: "Qala first referred to in a fifteenth century portolan (an early chart of European navigable waters) preserved at the Vatican library has taken its name from the qala or port of Ħondoq ir-Rummien. It is the easternmost village of Gozo and has been inhabited since early times. The development of the present settlement began in the second half of the seventeenth century. It is a pleasant and rural place with many natural and historical attractions." These rural and historical attractions have been enhanced over the years by the very active Local Council.

This website enlists an impressive list of voluntary groups active in different cultural, sporting and social activities, which taken all together, show an on-going interplay of cooperation between the main village institutions, the Council and the Parish. I guess that it is this interplay that is the secret of success for the grand activities that have become synonymous with the village of Qala. I am referring to the Gozo International Celebration which takes place three times a year and the International Folk Festival. These celebrations have of course made a huge contribution towards a wider exposure of Qala online. Enter the name of these celebrations into a search engine and you will be rewarded with commentaries and references covering all these events from their very beginning to the latest ones.

Another opportunity that gives great exposure to Qala online is of course the annual festa. Online visitors can recall different aspects of the village feast either by visiting www.qalafeast.com or by viewing the short but equally entertaining videos put online by festa enthusiasts. The flavour of the feast is well transmitted with stunning pictures of the parish church building colourfully lit up, the fireworks, the bands, the street decorations and all the elements that contribute towards a successful Maltese or Gozitan festa.

Other online Qala websites not to be missed are lehenilqala.com and radjulehenil-qala.com. The first one is a direct link between the parish administration and the residents of Qala. When you visit this website you can sense the pride felt by all those who volunteer to reach out to all residents irrespective of their status, origin or parish affiliation. This high-quality quarterly magazine published by the parish is in itself a testimony to this, hence the introduction of several articles in English as a sign of oneness with those foreigners who either reside in Qala permanently or visit the village for sometime during the year.

The second website is another effort in reaching out – this time to the sick and the housebound. It is a service that has been offered for the last fifteen years and transmits on wavelength 106.3fm. It offers a blend of programmes on religious, social and contemporary affairs.

No effort at reaching out is ever complete in Gozo without a link with those citizens who for social and economic reasons had decided in years gone by to make a life for themselves and their families abroad, particularly in Australia. The Australian Qala Association, founded sixteen years ago, makes an attempt at keeping a link between the Qalin abroad and those at home through its website www.aqa.net.au. The website is in need of updating.

Qala has a lot to be proud of. Nature has endowed it with its own treasures, while generations of Qalin have worked hard and indeed they continue to do so today, to make Qala an even better place. The internet today allows us to share with the whole world all that we cherish in the small worlds we live in. ■

## GĦAQDA MUŻIKALI *'ITE AD JOSEPH'* QALA - A.D 1996

# QED TIĊĊELEBRA L-ĦMISTAX-IL SENA MIT-TWAQQIF TAGĦHA

Dr Raymond C. XERRI
Il-President tal-Għaqda Mużikali *Ite ad Joseph* – Qala

## Ħidma ma tieqaf qatt mill-Banda tal-Qalin għall-Qalin...

Is-sena 2010 kienet is-sena li l-Għaqda Mużikali *Ite Ad Joseph* – Qala, tat bidu għal sena u nofs ta' ċelebrazzjonijiet festivi fl-okkażjoni tal-15–il sena mit-twaqqif tal-banda li kien sar fit-8 ta' Diċembru 1996. Ma' dan l-anniversarju tal-15–il sena mit-twaqqif tal-banda, l-Għaqda Mużikali *Ite Ad Joseph* – Qala, qiegħda tikkommemora tliet anniversarji oħra importanti: l-1 Anniversarju mill-ħatra ta' Mro. Antoine Mercieca bħala r-raba' Surmast Direttur tal-banda tagħna, l-140 Anniversarju minn meta San Ġużepp ġie maħtur bħala l-Patrun tal-Knisja Universali Kattolika Rumana, liema proklamazzjoni grandjuża u sollenni saret fil-belt ta' Ruma mill-Beatu Papa Piju IX u l-40 mill-Inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari ta' San Ġużepp.

Għal din l-okkażjoni, twaqqaf sotto-kumitat fi ħdan il-Kumitat Eżekuttiv sabiex jieħu ħsieb l-attivitajiet kollha mużikali, soċjali, kulturali u rikreattivi li kellhom isiru fuq perjodu ta' sena u nofs, mill-4 ta' Lulju 2010 sat-8 ta' Diċembru 2011. Il-membri ta' dan il-*"Kumitat Ċelebrazzjonijiet 15-il Sena"* huwa magħmul minn:

**Ċermen:** *George Mercieca*
**Viċi-Ċermen:** *Dr Raymond C. Xerri*
**Membri:** *Mario Rapa, Frans Rapa, Frans Xuereb u Jonathan Mizzi*
**Surmast:** *Mro. Antoine Mercieca*

**X'Sar s'issa mill-Programm ta` ċelebrazzjonijiet:**
Dan il-Kumitat ħadem u qiegħed jaħdem bla heda sabiex iwettaq il-programm kollu taċ-ċelebrazzjonijiet li kien fassal u li kien approvat b'vot unanimu mill-Kumitat Eżekuttiv. S'issa twettaq aktar minn nofs dan il-programm jew kif inħobb insejħilha jien, RIFORMA fundamentali fil-Banda tagħna sabiex tagħmel dik il-qabża kbira 'l quddiem li tant teħtieġ. F'Lulju 2010, apparti l-*logo* u l-*poster* uffiċjali apposta sar l-illanċjar tas-CD ta' marċi brijużi u innijiet – it-tielet tax-xorta tagħha fl-istorja tal-banda; il-ħames gradwazzjoni fl-Akkademja tal-Banda tagħna; Francesca Cremona u Marlene Xerri ntagħżlu bħala l-Aljievi tas-Sena 2010; ħarġu l-*badges* tal-Banda; saret esibizzjoni ta' kwadri dwar l-istorja tal-Banda kif ukoll ingħata l-Premju Marija Assunta Mifsud 2010 lil Frans Rapa, bandist veteran. Apparti l-premjijiet ta' rikonoxximent, ħadet sehem is-*St. Joseph Youth Band – Qala*; ingħatat bandiera tal-Awstralja mill-Assoċjazzjoni tal-Qalin fl-Awstralja (A.Q.A.) f'isem l-emigranti Qalin f'dan il-kontinent. F'Awwissu twaħħlu s-sopraporti dekorattivi ġodda għall-faċċata tal-każin għall-festa li nħadmu mill-bravi Manuel Mizzi (l-arti) u Conċetta Theuma (ħjata); il-Banda tat sehem sħiħ fil-Festa ta' San Ġużepp - festi ta' barra u fil-ħames *Gozo International Celebration* tal-Festa, fejn ittella' kunċert mill-aqwa mill-Mro. Antoine Mercieca; saret ix-xalata tal-festa għal Kemmuna u diversi ħarġiet għal Malta.

F'Settembru saru l-kompetizzjonijiet għall-aħjar *poster*, biċċa tal-arti u komponimenti kollha relatati mat-tieni edizzjoni tal-Ġimgħa tal-Banda u l-Banda ħadet sehem fil-ħames *Qala International Folk Festival* li ttella' mill-Kunsill Lokali tagħna. F'Novembru saret il-quddiesa b'suffraġju għall-mejtin tal-banda fil-Knisja Arċipretali; saret il-Ġimgħa tal-Banda bil-kompetizzjoni tal-*poster* uffiċjali jintrebaħ u jsir mit-tfajjel Matteo Pio Muscat; saret l-*Open Day* fil-Każin, kompetizzjoni tad-*darts*, tal-ħamiem minn Sqallija u tal-Boċċi kif ukoll Coffee Morning Kbir għand Xerri l-Bukkett u High Tea kull tmiem ix-xahar fiċ-Ċentru Parrokkjali. F'Diċembru, il-Banda tagħna ħadet sehem sħiħ fil-Festa tal-Immakulata Kunċizzjoni; għamlet dawl ġdid għal Triq it-28 ta' April 1688 flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Qala; l-ikla tradizzjonali għall-bandisti u l-aljievi u saret serata mużiko-drama, *Il-Milied l-Bieraħ u l-Milied tal-Lum* ta' Michael Carol Bartolo fiċ-Ċentru bis-sehem ta' għadd ta' bandisti u aljievi.

L-2011 bdiet bil-ħruġ ta' brieret u *stickers* ġodda tal-Banda f'Jannar u fi Frar sar l-ewwel seminar li qatt



*Il-Banda waqt fil-Funeral ta' Dun Anġ Buttigieg*



*Il-Banda waqt il-marc bl-Irxoxt.*

organizzat il-banda tagħna fuq skala reġjonali msejjaħ, "*Il-Futur tal-Baned jiddependi kemm se nattiraw aktar aljievi*," u li sar fiċ-Ċentru tal-NGOs ix-Xewkija. Sar il-ġbir tat-tesseri fejn in-numru żdied sew fuq is-snin ta' qabel u l-Banda permezz tal-Kunsill Lokali tal-Qala ħadet sehem fil-Karnival tar-raħal tagħna. F'Marzu tqassmu ċ-Ċertifikati lill-istudenti kollha Qalin mill-Iskola Primarja li ħadu sehem fil-Ġimgħa tal-Banda 2010 u f'April saret is-sitt Gradwazzjoni mill-Akkademja ta' studenti f'diversi gradi, ġew ippreżentati kwadri ġodda għall-Każin kif ukoll ippreżentati bandiera tal-Qala, ta' Għawdex, tal-Vatikan u d-disinn ġdid tal-istandart u labarda ġdida. F'Mejju tlestiet il-bandalora ġdida li ser tintuża fil-marċijiet kollha barra r-raħal, xogħol tal-bravi Joseph Mifsud (pittura) u Ġuża Buttiġieġ (ħjata).

**X'ma sarx fil-ħin:**
Minkejja li l-Arċipriet dejjem wera rieda mill-aqwa mal-banda u l-istess il-kumitat tal-banda, il-kuntratt ġdid bejn il-parroċċa u l-Banda għadu ma sarx għaliex il-proċess jieħu ħafna żmien billi l-Kurja hi nvoluta wkoll. Jekk Alla




*Il-Banda waqt il-Kungress tax-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla fil-Qala.*

jrid naslu f'din is-sena sabiex kif kien imwiegħed mill-Arċipriet, il-Każin jingħata lill-Banda. Ħwejjeġ oħra li jieħu l-ħin sabiex isiru huma l-kostumi tal-Karnival li jekk Alla jrid ħa jsiru fuq id-disinn tal-brava Valerie Mejlak u minn ħajjata Qalin voluntiera.

**X'Sar aktar milli nsibu fil-Programm taċ-Ċelebrazzjonijiet:**
Qabel u wara l-Festa organizzajna BBQ għall-bandisti u l-aljievi tagħna f'Terrazzin San Ġużepp. F'Settembru ħriġna lill-Bandisti u l-aljievi tagħna għall-ewwel darba għall-ġurnata fil-Kumpless *Splash & Fun* f'Baħar iċ-Ċagħaq fejn ħadu gost immens.

F'Ottubru jien u s-Segretarju Michael Carol Bartolo ġejna eletti fl-eżekuttiv tal-Għaqda Każini tal-Baned ta' Malta (Għ.K.B.), kariga li fetħet beraħ bibien ġodda u opportunitajiet li qatt ma ħlomna għall-banda tagħna. Michael Carol ġie elett fis-sessjoni taż-Żgħażagħ u jien bħala l-Assistent Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi,



*Il-Banda tal-Qala waqt il-Programm imtella' fil-Festa tal-Qalb ta' Ġesù, il-Fontana.*

l-ewwel Segretarju Internazzjonali tal-Għ.K.B. kif ukoll ir-Rappreżentant tal-Baned kollha Għawdxin fuq l-eżekuttiv nazzjonali. Attendejna laqgħa kull xahar f'Malta, apparti l-ħafna stediniet mit-87 banda għall-okkażjonijiet diversi. F'Ottubru l-istandard tagħna kien espost f'esibizzjoni ta' standardi Ġużeppini fil-Każin ta' San Ġużepp, il-Ħamrun fejn il-Banda tagħna daqqet f'marċ tul Triq il-Kbira - San Ġużepp, fejn ħadna sehem ma' baned oħra Ġużeppini minn madwar Malta kollha.

Permezz ta' din il-kariga l-Banda tagħna f'Novembru ħadet sehem għall-ewwel darba bl-istandard fl-ewwel festa ta' Santa Ċeċilja li organizzajt jien f'Għawdex b'quddiesa mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech fil-Bażilika ta' San Ġorġ fil-Belt Victoria u f'Malta il-Kunċert Sinfoniku mtella' mill-Banda ta' San Ġiljan fit-Teatru Maneol taħt il-patroċinju tal-President tar-Repubblika ta' Malta, l-E.T. Dott. George Abela u fil-Konkatidral ta' San Ġwann u bl-istandard tul Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta. F'Novembru wkoll il-Banda tagħna kellha *stand* fil-*First Gozo International Voluntary Day Event (G.I.V.E.)* fil-Kumpless Sportiv t'Għawdex, il-Belt Victoria fejn ħadet sehem is-*St. Joseph Youth Band – Qala* fiċ-ċerimonja tal-ftuħ li sar mill-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Giovanna Debono u l-Professur Kenneth Wain, il-Kummissarju għall-Għaqdiet Mhux Governattivi.

F'Diċembru s-Surmast-Direttur tal-Banda tagħna Mro Antoine Mercieca għadda sett ta' tnax-il marċ funebru ġdid lill-Banda tagħna, kollha kitba u kompożizzjoni tiegħu, li dawn iżżanżnu għall-ewwel darba fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira mill-isbaħ li organizzat il-parroċċa tagħna f'April li għadda. Però fil-Ġimgħa tal-Banda 2010 il-Marċ, *In Memoriam tal-Kunsillier Anton Camilleri* ġie ppreżentat uffiċjalment lil Marlene Camilleri u lill-familja tal-mikbi imma qatt minsi Anton.

Fil-Laqgħa ġenerali ta' Jannar ingħaqdu mal-Kumitat tliet membri ġodda fosthom l-ewwel żewġ nisa fil-Kumitat Eżekuttiv dawn huma l-Bandista Charlene Bartolo u l-Aljievi Marlene Xerri u Jonathan Mizzi. Karmnu Mizzi



*Il-banda waqt il-purċissjoni tal-Via Sagra fil-Qala.*

ex-teżorier u membru tal-Kumitat Eżekuttiv temm 15-il sena kontinwa u ddedikati tiegħu fil-Banda u sar marċ funebru fil-funeral tal-għażiż saċerdot Qali, Dun Anġ Buttigieg li ħalliena fi Frar. Fi Frar u Marzu saret uniformi ġdida għas-*St. Joseph Youth Band – Qala,* b'*T-shirt* u beritta bil-*logo*; saru sett ta' 90 *folder* ġdid għall-programmi tal-Banda; saret l-estenzjoni tal-Arkivju mużikali tal-banda; sittin sotto leġiju għall-Banda u ħmistax-il sotto leġiju għas-*St. Joseph Youth Band – Qala* fuq disinn tiegħi u ħjata ta' Ċettina Theuma, kif ukoll sett ta' għoxrin leġiju ġdid għall-Banda. F'April l-Akkademja tagħna nkorporat s-sillabu tal-Għ.K.B. fil-kurrikolu tagħha. Saret lotterija ta' Arloġġ tal-Lira maħdum b'sengħa liema bħala mill-membru tal-kumitat tagħna Karmnu Portelli, fejn din l-attività ġabret fondi għall-banda tagħna.

Nhar il-Erbgħa, 6 ta' April, il-Banda tagħna għamlet l-ewwel żjara ta' korteżija lill-President ta' Malta l-E.T. Dott. George Abela fir-residenza ta' Sant'Anton. Il-Ħadd, 17 ta' April, il-Prim Ministru ta' Malta l-Onor. Dott. Lawrence Gonzi għamel żjara ta' korteżija fil-Każin tal-Banda tagħna. F'Mejju bdew it-trattattivi sabiex isir l-ewwel ġemellaġġ intern fl-istorja ta' 150 sena ta' baned Maltin u Għawdxin bejn il-banda tagħna li ser tagħlaq 15-il sena u dik ta' San Ġużepp tal-Kalkara li ser tagħlaq 25 sena fejn intlaħaq ftehim għal din is-sena sabiex il-



*Is-St. Joseph Youth Band waqt l-Ewwel Festival tal-Baned f'Ghawdex, il-Munxar.*

marċ tal-ħdax isir mill-Banda ta' San Ġużepp tal-Kalkara fejn ser jiftħu programm ta' sena ta' ċelebrazzjonijiet tagħhom fil-Festa tagħna. U aħna mmorru ndoqqu fil-Kalkara f'okkażjoni oħra u l-parroċċi rispettivi tagħna tal-Qala u tal-Kalkara jiffrankaw l-ispejjeż kbar ta' marċ bħal dan. Dan hu kontribut tal-Banda tagħna lill-Parroċċa tagħna.

Din is-sena għandna rekord ta' servizzi sew fil-Qala kif ukoll f'Għawdex. Bħala President tal-Banda tagħna nixtieq nirringrazzja lil KULĦADD u lil kull min ta xi ħaġa, finanzjarja jew ħin volontarju, anke sapport morali, ma nsemmi lil ħadd għaliex żgur ninsa lil xi ħadd. Il-ftit ta' kulħadd jipproduċi l-prodott finali. GRAZZI mill-qalb u nawgura Festa mill-isbaħ lilna l-Qalin kollha. ■



# Il-Festa f'Għajnejn it-Tfal

Linda Buttigieg



Tiskanta kif minn età żgħira t-tfal jafu jiffurmaw opinjoni dwar suġġett minn dak li jisimgħu mingħand il-kbar, dak li jisimgħu mill-medja, dak li jaqraw u dak li jaraw madwarhom. Aħna l-kbar għandna responsabbiltà enormi li dak li ngħidu jew nagħmlu, inkunu qed nikkontribwixxu fil-karattru ta' wliedna. Jien insibha interessanti ħafna niddiskuti ċerti suġġetti mat-tfal fil-klassi. It-tagħlim ikun iktar interessanti jekk it-tfal jipparteċipaw fil-lezzjonijiet u dan isir b'mod sħiħ meta nagħmlu diskussjoni fil-klassi. Din nagħmluha b'mod partikulari fil-lezzjoni tar-reliġjon. Veru li ngħaddu l-ktieb u kulma hemm fis-sillabu imma l-essenzjal tar-Reliġjon hu li ngħin lit-tfal jibnu valuri sodi, insaħħaħ it-tajjeb li jġibu magħhom mid-dar u ngħinhom jesprimu ruħhom bla biża' u bla mistħija. Ftit ilu, kien imiss li niddiskutu xi tfisser il-festa għalina. Ma setax jonqos li nitkellmu fit-tul dwar San Ġużepp u ħadt gost nara li t-tfal għandhom għożża kbira lejn il-qaddis patrun tagħna. Qassamthom fi gruppi u tlabthom jiktbu xi punti dwar xi tfisser il-festa għalihom, kif tkun festa sabiħa u x'jgħallimna San Ġużepp.

Xtaqt naqsam magħkom xi ideat profondi li ħarġu bihom:

**Il-Festa għalina tfisser....**

- Nieħdu sehem fil-quddies, inqerru qrara tajba u nqimu lil San Ġużepp iktar mis-soltu.
- Niftakru fil-ħajja sabiħa tal-qaddis tagħna u nifirħu flimkien.
- Nieħdu sehem fil-marċ, nieħdu ħsieb l-affarijiet ta' ġol-knisja, ma nħażżux mal-ħitan tal-knisja u naħarbu x-xorb żejjed u d-droga.



**Kif tkun Festa Sabiħa?....**

- Ħafna tiżjin sabiħ fil-knisja u fil-faċċati tad-djar kif ukoll logħob tan-nar u ġiġġifogu.
- Il-banda tferraħna u nħossu qalbna mimlija ferħ xħin naraw lil San Ġużepp ħiereġ mill-knisja għall-purċissjoni.
- Inkunu magħqudin flimkien u mhux miġġildin.

**X'jgħallimna San Ġużepp?....**

- F'idu naraw ġilju għax San Ġużepp kien umli u jġib il-paċi madwaru. Għalhekk hu eżempju għal kull missier. Kien bieżel u jitbiegħed mill-inkwiet u l-ġlied.




- Għamel minn kollox biex jaħrab minn Erodi u jsalva lil Ġesù. Hekk ukoll jagħmel magħna, jagħmel minn kollox biex idaħħalna l-ġenna meta mmutu, għax San Ġużepp għandu qalbu kbira.

Verament ħsibijiet ħelwin u bis-sens. Kultant it-tfal jafu jirraġunaw aktar mill-kbar! J'Alla t-tfal tagħna jsibu dejjem min jgħinhom jiżviluppaw il-personalita' tagħhom. F'għajnejn Alla, kull tifel u tifla huwa teżor fdat f'idejna. Ejjew flimkien ngħożżuhom u nagħtuhom l-aħjar possibbli biex isiru nisa u rġiel ta' prinċipji sodi biex id-dinja f'għada tkun aħjar milli hi llum. ■

# Mid-Djarju ta' Ġużepp Debono (17)

*Miġbura u ppreżentata minn:* **Euchar Mizzi**

**It-Tielet Kapitlu - Ir-raba' Parti**

## "Ħamsin sena mit-Twaqqif tal-Kunsill Ċiviku t'Għawdex"

Dan l-aħħar, f'Għawdex saret Tifkira tal-50 Sena mit-Twaqqif tal-Kunsill Ċiviku t'Għawdex. Kienet ħaġa sewwa u ġusta li avveniment ta' importanza bħal ma kien dan il-Kunsill, jiġi mfakkar b'mod uffiċjali mill-Awtoritajiet Ċivili u Governattivi hawn f'Għawdex stess. Kif twaqqaf il-Kunsill Ċiviku t'Għawdex u x'responsabbiltajiet kellu fil-Governanza tal-Gżira tat-tliet għoljiet? Jiena mort fittixt fid-Djarju ta'Ġużepp Debono, li kien ukoll Kunsillier fl-istess Kunsill Ċiviku jirrappreżenta lill-Qala flimkien ma' oħrajn. F'leġiżlatura minnhom, meta s-Sur Anton Buttigieg kien President tal-Kunsill wara Dr. Tabone, Ġużepp Debono kien inħatar *Chairman* tal-Kumitat tat-Toroq ta' Għawdex fi ħdan l-istess Kunsill Ċiviku. Fil-fatt jien sibt diversi notamenti u magħhom żidt ukoll minn diversi dokumenti oħrajn u mill-esperjenza tiegħi personali li niftakar sewwa dan il-perijodu.



Il-Kunsill Ċiviku għal Għawdex kien introdott permezz ta' Ordinanza XI li ġġib id-data tal-14 ta' April 1961, li għal dak iż-żmien kien ifisser l-aħjar tip ta' Gvern Lokali possibbli. Kien imwaqqaf formalment fl-10 ta' Lulju 1961 u magħmul minn 15-il Kunsillier fosthom it-Tabib Anton Tabone (il-Prinċipal) bħala President u s-Sur Anton Buttigieg (Is-Surmast tal-Qala) bħala Viċi President. Dan il-Kunsill kellu fih rappreżentanza mill-Irħula kollha ta' Għawdex, u kien jiltaqa' darba fix-xahar jew aktar spiss, meta tinħass il-ħtieġa. Is-sede tal-Kunsill Ċiviku kienet il-Banka Ġuratale li tinsab fit-Tokk ir-Rabat Għawdex.

L-ewwel elezzjoni sabiex jiġu eletti l-ewwel membri fuq l-istess Kunsill kienet saret fl-4 ta' Ġunju 1961. Il-Kunsill żamm l-ewwel laqgħa formali tiegħu xahar wara, jiġifieri fl-4 ta' Lulju 1961, meta Dr. Anton Tabone u s-Sur Anton Buttigieg ġew maħtura l-ewwel President u Viċi President ta' dan il-Kunsill rispettivament. Tajjeb ngħidu li dawn il-karigi kienu jiġu magħżula mill-istess 15-il membru li jkunu ġew eletti minn dik l-elezzjoni partikulari. L-avukat Francesco Masini LL.D., kien mogħti l-inkarigu ta' Konsulent Legali, kariga li żammha sa ma miet.

Il-formazzjoni tal-Ewwel Kunsill Ċiviku ta' Għawdex kienet hekk:

| | |
|---|---|
| Rabat | Kav. Dr. Anton Tabone |
| Fontana | Is-Sur A. Vassallo |
| Għajnsielem | Is-Sur J.L.Cauchi |
| Għarb | Is-Sur S. Portelli |
| Għasri | Is-Sur J. Grech |
| Kercem | Is-Sur A. Grech |
| Munxar | Is-Sur J. Debrincat |
| Nadur | Is-Sur J. Said |
| Qala | Is-Sur Anton Buttigieg |
| San Lawrenz | Is-Sur L. Apap |
| Sannat | Is-Sur J. Buttigieg |
| Xagħra | Is-Sur C. Refalo |
| Xewkija | Is-Sur J. Vella |
| Żebbuġ | Is-Sur A. Cassar. |

Skont Avviż legali Nru.139, il-Kunsill kellu jkollu tliet Kumitati, li kellhom ikunu responsabbli lejn l-istess Kunsill. Dawn kienu l-Kumitati tas-Saħħa, tat-Toroq u dak tal-Finanzi u Skopijiet Ġenerali. Apparti dan, il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex ingħata diversi responsabbiltajiet; 1) Żamma fi stat tajjeb tat-toroq ġodda għat-traffiku. 2) Manutenzjoni u l-amministrazzjoni tal-ġonna tal-Gvern f'Għawdex. 3) Il-Mużew u l-Librerija Pubblika ta' Għawdex inklużi l-libreriji distrettwali.

Il-membri li joqogħdu fuq dan il-Kunsill riedu joqogħdu għall-elezzjoni li kienet issir fl-irħula kollha t'Għawdex, u li kienet tkun immexxija mill-Kummissjoni Elettorali mwaqqfa mill-Gvern Ċentrali sabiex tmexxi l-elezzjonijiet kollha li jsiru fil-Pajjiż. Kull raħal kellu dritt li jeleġġi sitt

Kunsilliera li bejniethom kienu jissejħu Kumitati Distrettwali. Dawn kienu jiltaqgħu flimkien biex jiddiskutu l-bżonnijiet l-aktar urġenti tal-lokalita' tagħhom u liema għandhom ikunu l-prijoritajiet tagħhom. Hawn tajjeb li wieħed jgħid li fejn allura ma jkunx hemm aktar minn sitta persuni sabiex jikkontestaw l-elezzjoni f'xi lokalita' partikulari, hemmhekk l-elezzjoni ma ssirx u dawk is-sitt persuni jew anqas jiġu ddikjarati eletti mal-għeluq tad-data tan-nominazzjonijiet tal-kandidati. Fil-fatt ġie li f'ċerti rħula żgħar ma saritx elezzjoni minħabba din ir-raġuni.

Kif għidna diġa' aktar 'il fuq, fl-ewwel elezzjoni għall-membri biex joqogħdu fuq dan il-Kunsill kienet saret fl-4 ta' Ġunju 1961 u l-Qala, bħall-kumplament tal-irħula l-oħra ta' Għawdex, kellha tagħżel is-sitt membri tagħha minn fost tmienja li kkontestaw din l-elezzjoni. Anton Buttigieg (is-Surmast) kien ġab l-akbar numru ta' voti, warajh, dejjem skont in-numru ta' voti miġjuba telgħu dawn il-persuni; Dun Ġużepp Vella, Salvu Camilleri, il-Maġistrat (irtirat) Salvatore Attard, Ġużepp Debono, u Joseph Portelli (ta' Pasku). Fl-ewwel laqgħa tagħhom li saret fid-19 ta' Ġunju, huma eleġġew lis-Sur Anton Buttigieg biex jirrappreżentahom fil-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex. B'hekk il-Kunsill kien jirrappreżenta lill-Belt Vittorja u lit-tlettax-il raħal l-oħra ta' Għawdex.

Dan il-Kunsill, importanti nirreġistraw li kien ġie mogħti lil Għawdex minn Amministrazzjoni Kolonjali, wara talba għal dan il-għan u insistenza kbira mill-Għawdxin ta' ċerta portata, bħal ma huma professjonisti, membri tal-kleru u mpjegati għoljin fis-Servizz Ċivili. L-aktar żewġ persuni li għadhom jissemmew sal-lum u li kienu ferm strumentali huma bla dubju Dr. Anton Tabone u s-Sur Anton Buttigieg. Magħhom m'hemmx dubju li kien hemm oħrajn bħal per eżempju Dr. Francesco Masini, is-Sur Ġużeppi Vella Muscat, Dun Nikol G. Cauchi, li wara kien laħaq Isqof t'Għawdex, il-Maġistrat (irtirat tal-Qala) Salvatore Attard, Patri Akkursju Xerri, Ġorġ Xerri, Ġorġ Pisani, Anton Vassallo, n-Nutar Joseph Cauchi, Joseph J. Vella u Rikardu Buhagiar li kien jghix l-Għarb u oħrajn.

Apparti l-President, il-Kunsill kellu wkoll is-Segretarju u t-Teżorier, li normalment dawn iż-żewġ karigi kienu jkunu okkupati mill-istess persuna li finalment kienet tkun l-uffiċjal prinċipali tal-Kunsill. Il-Kunsill kellu l-Baġit tiegħu li kien igħaddi għandu mill-Gvern Ċentrali u li dan il-Baġit kien jintefaq fuq numru ta' servizzi u proġetti oħra li kienu jaqgħu taħt ir-responsabbilta' u allura jiġu deċiżi mill-istess Kunsill. Għalhekk il-Kunsill kien jeżerċita kontroll effettiv fuq l-amministrazzjoni u fuq l-ekonomija tal-gżira Għawdxija.

Il-Kunsill Ċiviku kien strumentali fit-titjib ġenerali u fl-immodernizzar tal-gżira tagħna. Fost l-oħrajn ħa diversi deċiżjonijiet li permezz tagħhom poġġa l-pedamenti tal-infrastruttura u tal-ekonomija Għawdxija. Huwa ħadem ukoll mhux ftit biex tejjeb il-qafas tat-toroq kif ukoll is-servizzi tad-dawl, tal-ilma u tad-drenaġġ. Huwa żviluppa wkoll faċilitajiet edukattivi u sportivi, u ta spinta biex tinbet l-industrija tat-turiżmu. Il-Kunsill ħa diversi inizjattivi anke b'risq il-qasam edukattiv. Dan ix-xogħol kollu sar l-aktar fis-snin sittin meta Għawdex, bħall-kumplament ta' Malta kien jinsab fi żminijiet diffiċli.



Fl-1964, il-gżejjer Maltin kisbu l-Indipendenza mill-Ingilterra u dan kien ifisser li issa jridu jfendu għal rashom anke fil-qasam ekonomiku u bdiet il-ħidma biex jitqiegħdu l-pedamenti tal-industrija tat-turiżmu u ngħata bidu għal diversi proġetti infrastrutturali ta' importanza kbira. Fil-fatt il-Kunsill Ċiviku kien għamel kampanja sħiħa sabiex seħħu dawn il-proġetti, fosthom li jinbena l-brejkwater tal-Imġarr, fejn flok wieħed inbnew tnejn u l-port tkabbar; biex tinbena żona industrijali fil-limiti tar-Rabat, fejn bejn l-1969 u l-1971, inbnew tmien fabbriki li ħadmu mijiet ta' Għawdxin; biex inbena l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex b'diversi faċilitajiet ġodda u moderni għal dawk iż-żminijiet u biex anke jinbena qasam tad-djar, kif fil-fatt inbena f'Taċ-Ċawla r-Rabat. Dan il-proġett kien l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu f'Għawdex u li kien tlesta f'nofs is-sena 1971.

Pass xejn pożittiv li ttieħed matul l-ewwel Leġiżlatura ta' dan il-Kunsill kien meta ttieħdet id-deċiżjoni li kienet tgħid li l-ebda mpjegat taċ-Ċivil minn ċertu grad 'il fuq ma seta' jikkontesta l-elezzjonijiet għall-Kumitati Distrettwali tal-Lokalitajiet li minnhom jiġi magħżul ir-rappreżentant li jpoġġi fuq il-Kunsill Ċiviku t'Għawdex. B'hekk tneħħiet l-opportunita' li nies ta' stoffa u li jippromettu jkunu jistgħu jiffurmaw parti minn dan il-Kunsill. Allura l-kandidatura tal-Kunsill Ċiviku t'Għawdex ġiet limitata ghal nies barra miċ-Ċivil, pensjonanti u oħrajn bla xogħol. Dan il-punt hu rifless b'mod mill-aktar ċar mill-kandidatura li seħħet minn dakinhar sa ma ġie xolt dan l-istess Kunsill.

Fuq nota personali rrid ngħid li jien bdejt il-karriera tax-xogħol tiegħi proprju fi ħdan il-Kunsill Ċiviku t'Għawdex, meta dħalt naħdem fit-Taqsima tal-Indafa Pubblika, fil-5 ta' Settembru tal-1969 u domt impjegat tal-Kunsill sax-xoljiment tiegħu fl-1973, meta mbagħad it-taqsima għaddiet fi ħdan id-Dipartiment tas-Saħħa. Niftakar qisu l-bieraħ, meta fl-1971, għeluq l-10 Snin, il-Kunsill kien organizza Wirja dwar ħidmet il-Kunsill. Dakinhar il-Kunsill kien fetaħ l-uffiċini tiegħu għall-pubbliku fejn it-tfal tal-Iskola Sekondarja kollha kienu ġew iduru l-esibizzjoni u l-uffiċini. Jien kont wieħed minn dawk li kont nagħmel l-ispjega dwar il-ħidma tal-Kunsill fid-diversi setturi u branki tax-xogħol u proġetti mwettqa madwar Għawdex kollu.

Matul it-tnax-il sena tal-ħajja tiegħu l-Kunsill Ċiviku kellu dawn il-Presidenti:

Kav. Dr. Anton Tabone M.D., M.P. (1961 – 1964)
Is-Sur Anton Buttigieg P.E.P. (1964)
Dav.Dr.Anton Tabone M.D., M.P. (1964 – 1970)
Is-Sur Anton Vassallo (1970 – 1972)
Rev. Dun Ġużepp Zammit (1972 – 1973)

Il-Kunsill Ċiviku t'Għawdex dam jiffunzjona tnax-il sena meta kien ġie xolt fl-1973, matul l-Amministrazzjoni Laburista mmexxija mill-Perit Dom Mintoff, meta President tal-Kunsill kien ir-Reverendu Dun Ġużepp Zammit mill-Għasri. Tnax–il sena ta' ħidma serja u responsabbli li nistgħu ngħidu li poġġiet lill-gżira Għawdxija fit-triq tal-progress u ta' żvilupp li jipprometti. Dan tkompla javanza bil-ħolqien tal-Ministeru għal Għawdex u issa anke fil-ħolqien tal-Kunsilli Lokali.

Matul it-12-il sena ta' ħajja, il-Kunsill Ċiviku t'Ghawdex żamm erba' elezzjonijiet għall-Kumitati Distrettwali li minnhom kienu eletti dawn il-Kandidati:

L-Ewwel Elezzjoni – 4 ta' Ġunju 1961. Membri eletti:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Attard Salvatore LL.D. | - | 496 Vot |
| 2. | Buttigieg Anton | - | 548 " |
| 3. | Camilleri Salvu | - | 511 " |
| 4. | Debono Joseph | - | 495 " |
| 5. | Portelli Joseph (Pasku) | - | 320 " |
| 6. | Vella Rev. Joseph | - | 518 " |

It-Tieni Elezzjoni - 13ta' Diċembru 1964. Membri eletti:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Ċefai Anġelo | - | 189 Vot |
| 2. | Ċefai John | - | 186 " |
| 3. | Pisani Anthony | - | 166 " |
| 4. | Vella Joseph | - | 283 " |
| 5. | Xuereb Loreto | - | 251 " |

It-Tielet Elezzjoni - Ġunju 1967. Membri eletti mingħajr elezzjoni:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Camilleri Anġelo | - | Residenti n-Nadur. |
| 2. | Camilleri Charles P. | - | Residenti n-Nadur. |
| 3. | Pisani Anton | - | Residenti r-Rabat. |

Nota: *Interessanti wieħed jinnota li għal din l-elezzjoni l-ebda Kandidat mill-Qala ma kkontesta. Fil-fatt kien hemm 3 Kandidati biss u elezzjoni ma saritx.*

Ir-Raba' Elezzjoni - 7 ta' Ġunju 1970. Membri Eletti:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Abela Joseph | - | 229 Vot |
| 2. | Buttigieg Antoine E. | - | 249 " |
| 3. | Buttigieg Anton | - | 258 " |
| 4. | Buttigieg Josephine Mary | - | 232 " |
| 5. | Grima Joseph | - | 242 " |

Hija verament aħbar tajba u sabiħa nisimgħu li dalwaqt ser jiġi ppubblikat ktieb dwar dan il-Kunsill Ċiviku t'Għawdex, l-istorja tiegħu u l-inizjattivi li huwa kien ħa. Inizjattiva tajba ħafna li minnha ser ikollna l-informazzjoni kollha dwar dan il-Gvern Ċiviku li kien ta' ġid kbir għal Għawdex u li tkompli tassigura li episodju hekk importanti bħal dan tal-Kunsill Ċiviku t'Għawdex jibqa' mfakkar u jifforma parti importanti mill-istorja ta' din il-gżira ċkejkna tagħna t'Għawdex. ■

**Referenzi:**

1. Mid-Djarju ta' Ġużepp Debono – April 1961.
2. Qala – The Village With Valleys and Views. Joseph Bezzina – Pages 20/21
3. Masini - Founder of the Gozo Party – Joseph Bezzina – Pages 50/52.
4. Il-Kunsilli Lokali – M. Schiavone - Art. Winston Zammit - Il-Kunsill Ċiviku t'Għawdex. Pages 22//27.
5. Govt. Gazette: - 09/06/61 Page 1086 - Qala Polling District.
6. Govt. Gazette - 15/12/64 Page 3357 - Qala Polling District.
7. Govt. Gazette - 06//06/67 Page 1365 - Qala Polling District.
8. Govt. Gazette - 12/06/70 Page 1624 - Qala Polling District.

Like all good things,
important moments in life do not last long.
**A photo does.**

Lorne Cremona
photography
WWW.LORNECREMONA.COM

69, Mgarr Road
Qala Gozo QLA9019
MALTA (EU)

Mobile: (+356) 7945 2685
E-Mail: lornecremona@yahoo.com
Skype: lornecremona

Cafe & Wine Bar
**Kaputa**
Pizza & Local Dishes
60 St. Joseph Square Qala, Gozo, Tel: 27201355, Mob: 99272074



We organise your wedding
from start to finish...
you have less hassle
and more peace of mind

**Joe Gatt - Wedding Organiser**
Jothain - Plot 19, Triq il-Mag. Salvu Attard - Qala
Tel: 2156 4209 Mob: 9922 8699



# Ġnien il-Ħajja

Nhar il-Ġimgħa 10 ta' Ġunju, il-Kunsill Lokali tal-Qala Għawdex inawgura uffiċjalment "Ġnien il-Ħajja", *Picnic Area* unika f'Għawdex, mifruxa fuq medda ta' art ta' kejl ta' ċirka 9,000 metru kwadru. Dan huwa proġett kapitali ta' ċerta kobor li qam lill-Kunsill aktar minn €66,000.00 u meta tikkalkula l-pagi tax-xogħol tal-ħaddiema li ħadmu fuq dan il-proġett, l-ammont globali joqrob sew lejn il-€100,000.

**L-isem ta' dan il-Ġnien:**
Kif oriġina dan l-isem? Kien is-Sindku, is-Sur Paul Buttigieg, li ssuġġerixxa li l-isem tal-*Picnic Area* għandu jkun "Ġnien il-Ħajja" u dan b'tifkira tal-mibki imma qatt minsi Anton Camilleri, Kunsillier tal-istess Kunsill li serva għal madwar 9 snin u li miet madwar sena ilu, waqt li kien għadu jaqdi d-dmirijiet tiegħu ta' Kunsillier fil-Kunsill Lokali tal-Qala fejn it-terminu tal-leġiżlatura jintemm f'Marzu li ġej 2012. Dan is-suġġeriment ġie aċċettat mill-membri l-oħra b'mod unanimu.

Iva, l-Kunsill Lokali ried li dan il-ġnien li hu mimli ħajja, siġar, għasafar, annimali u fuq kollox il-pannelli li jagħtu l-enerġija, joħroġ il-kuntrast tat-telfa ta' Anton Camilleri u proprju għalhekk ġie deċiż li dan il-post hekk kbir u attraenti jiġi ddedikat lil Anton.

**Ħitan tas-sejjieħ u tħawwil ta' Siġar:**
Madwar sentejn ilu, il-Kunsill talab u ngħata d-devoluzzjoni ta' din l-art mingħand il-Gvern. Kif appena din l-art għaddiet f'idejh, il-Kunsill beda t-tindif ta' din l-art abbandunata u li kienet mimlija skart, terrapien u ħaxix ħażin. Wara t-tindif ingħata bidu għall-bini ta' ħitan tas-sejjieħ li fil-maġġoranza kbira tagħhom kienu kważi lkoll imġarrfa. Inbnew madwar żewġ kilometri ta' ħitan minn dawn. Fil-passaġġi tpoġġew *railings* magħmula minn zkuk tas-siġar raffi, fl-istat oriġinali tagħhom. Bħala għamara, f'din il-*Picnic Area,* insibu żewġ *Gazebeos* li ġew installati f'siti differenti kif ukoll 14-il mejda bil-bankijiet inferrxin madwar dan ir-raba' kollu. Ġew imwaqqfa wkoll numru ta' tabelli li jiddiskrivu t-tipi differenti ta' siġar li jeżistu f'dan il-Ġnien sabiħ u arjuż. Ġnien fejn il-familji u individwi kemm mill-Qala kif ukoll minn bnadi oħra jistgħu jiġu u jirrekrejaw ruħhom u fejn wieħed jista' jgħaddi l-ħin liberu tiegħu 'l bogħod mid-dħaħen tal-karozzi u mill-istorbju f'ambjent verament rilassanti, fil-paċi u l-mistrieħ.



Matul dawn is-sentejn li ilhom għaddejjin bix-xogħol fuq dan il-Ġnien, il-Kunsill irnexxielu jħawwel mat-350 siġra indiġeni Maltin, fosthom siġar taż-Żebbuġ, tar-Rummien, tar-Rand, tal-Lewż, ta' Ġuda, tal-Ħarrub u siġar oħrajn. Fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni ta' dan "Ġnien il-Ħajja", u fil-ġranet ta' wara tħawlu 200 siġra oħra, biex issa fil-*Picnic Area* hemm mal-550 siġra, waħda għal kull familja mill-Qala. Xi ħaġa pożittiva li mbarka fuqha l-Kunsill Lokali tal-Qala hija li rnexxielu jwebbel lin-nies tal-lokalità biex kull familja jkollha s-siġra tagħha. Mhux biss, iżda daħlet ukoll id-drawwa li kull familja li titweldilha tarbija jew li jmutilha xi ħadd għażiż mill-familja, hija tħawwel siġra b'tifkira ta' dik jew dak l-individwu. Hija ħaġa ferm sabiħa tara lit-tfal jieħdu lill-ġenituri tagħhom biex juruhom is-siġra tagħhom li naturalment ikollhom isimhom miktub fuq biċċa njama mdendla ma' dik is-siġra partikulari. Jew tara tfal neżlin lejn il-Ġnien bil-flixkun tal-ilma f'idejhom sabiex isaqqu s-siġra tagħhom. B'hekk

tnisslet imħabba kbira u apprezzament veru lejn is-siġar u allura lejn it-tisbiħ tal-ambjent naturali tagħna.



**Pannelli Fotovoltaiċi:**
Il-Kunsill Lokali tal-Qala waqt li kien qed jippjana dan il-proġett, apparti li jnaddaf l-*area* mill-iskart kollu li kien fiha, li jħares l-ambjent u li jħawwel ammont sostanzjali ta' siġar, ried ukoll li dan il-proġett ikun jikkumplimenta u jissapportja l-linja mnedija mill-Gvern Ċentrali u li tinsab f'idejn il-Ministeru Għal Għawdex, dik ta' Eco Għawdex. Għal dan il-għan huwa rnexxielu jakkwista fondi biżżejjed biex f'parti riservata u mdawra bil-*fencing,* jistalla numru ta' Pannelli Fotovoltaiċi u b'hekk toħroġ anke d-differenza bejn l-antik u l-modern, imma dejjem b'għan wieħed, dak li nħarsu l-ambjent li ngħixu fih u nippruvaw kemm jista' jkun ikollna arja alternattiva u nadifa għas-sistema li kellna sal-lum. Sors ta' enerġija ġġenerata mix-xemx. Dan hu proġett fi proġett li jikkumplimentaw tajjeb ħafna lil xulxin. Huwa kkalkulat li bis-saħħa ta' dawn il-pannelli, il-Kunsill ser ifaddal aktar minn €3,000 fis-sena mill-konsum tad-dawl li jintuża fl-istess *Picnic Area* u Ġnien il-Familja li jinsab eżatt ma' ġenbha.



Għall-okkażjoni ta' din l-inawgurazzjoni ta' dan il-"Ġnien il-Ħajja", il-Kunsill ħejja programm sempliċi, bis-sens u li ma jiħux aktar minn siegħa, fejn il-protagonisti tiegħu kienu t-tfal tal-Iskola Primarja "President Anton Buttigieg". Serata mtella' fi "Ġnien il-Familja", ġnien ieħor li kien inawgurat mill-Prim Ministru Dr. Eddie Fenech Adami fl-2003 u li jinsab maġenb l-istess *Picnic Area.* Il-qofol tas-Serata kienu ż-żewġ diskorsi prinċipali - dak tas-Sindku s-Sur Paul Buttigieg u dak tal-Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi. Spikkaw ukoll żewġ messaġġi żgħar magħmula minn żewġt itfal ta' *Year 6* tal-istess skola, l-istudenta Clara Buttigieg li qrat *essay* fuq is-suġġett, u warajha l-istudent Ganluca Gatt, ukoll minn *Year 6* li qara poeżija li huwa stess kiteb għal dik il-għodwa. Dawn l-istudenti kienu parti minn 17-il student li pparteċipaw f'kompetizzjoni ta' kitba bil-Malti fl-iskola dwar dan il-ġnien il-ġdid. Wara, it-tfal kollha li ħadu sehem fil-kompetizzjoni ngħataw għotja ta' kotba kull wieħed bħala rikonoxximent tas-sehem tagħhom. Sabiex is-serata tkun ukoll waħda varjata kellna magħna wkoll il-"Menħir Qala Folk Group", grupp folkloristiku mwaqqaf ukoll bl-inizjattiva tal-Kunsill Lokali Qala, li bejn diskors u ieħor, tana numru ta' żifniet u anke xi għanjiet folkloristiċi. Il-kant sar mill-kantanta residenti tal-grupp is-Sinjorina Patricia Buttigieg u li kienet akkumpanjata fuq il-kitarra miż-żagħżugħ Frank Ian Magro, ilkoll mill-istess lokalità tal-Qala.



L-inawgurazzjoni saret mill-Onorevoli Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi, li kixef lapida kommemorattiva u li ġiet imbierka minn Fr. Charles Buttigieg, Viċi Parroku tal-istess Parroċċa. Wara l-Prim Ministru ħawwel siġra f'dan il-"Ġnien il-Ħajja", bħala tifkira. Imbagħad huwa, flimkien mal-Minsitru għal Għawdex, il-Deputat Kap tal-Oppożizzjoni, Deputati miż-żewġ naħat tal-Kamra, u mistednin oħrajn ġew imdawrin mal-Ġnien u wara attendew għal riċeviment tal-okkażjoni.

**Appelli:**
Saru appelli kemm mis-Sindku kif ukoll mill-Prim Ministru, sabiex issa li għandna dawn il-proġetti hekk kbar, sbieħ u tajbin għandna nagħmlu użu minnhom u nagħmlu ħilitna sabiex nieħdu ħsiebhom u mhux biss, iżda noqogħdu għassa kontra kull tip ta' vandaliżmu li jista' jsirilhom minn xi wħud li jaħsbu li b'daqshekk ser jieħdu xi ħaġa għalihom. Dawn huma proġetti tagħna, niffrekwentawhom u nibżgħu għalihom. ■



**Programm tal-Festi Sollenni f'Ġieħ il-Kbir Patrijarka**

# San Ġużepp

**Patrun tal-Knisja Universali**
**Qala - Għawdex**

**27 ta' Lulju - 8 ta' Awwissu 2011**

**Motto: "Kif int, o Ġużeppi, kont taħseb f'din l-art għall-familja Divina u tħarisha, hekk ukoll ħu ħsieb tal-familja maħtura ta' Ġesù Kristu'..."**

**Fl-okkażjoni tal-40 sena mill-Inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari ta' San Ġużepp**

Fil-jiem tan-Novena r-Rużarju jkun fis-6.30pm.

**L-ERBGĦA 27 TA' LULJU:**
**JUM IL-ĠENEROŻITÀ**
Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda.
7.00pm Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija minn Mons. Joseph Spiteri Arċisqof Titulari ta' Serta u Nunzju Appostoliku fis-Sri Lanka, li tagħti bidu għall-Festi ad unur ta' San Ġużepp. Mistiedna partikulari l-Qalin residenti barra l-parroċċa. Isiru donazzjonijiet għall-opri karitattivi tal-parroċċa. Wara, ħruġ tal-istatwa devota ta' San Ġużepp min-niċċa. Tieħu sehem il-Banda tal-Qala "Ite ad Joseph" li wara tesegwixxi marċ mill-knisja għall-Każin tal-Banda.

**IL-ĦAMIS 28 TA' LULJU:**
**L-EWWEL JUM TAN-NOVENA**
**JUM IT-TFAL U L-ISTUDENTI**
7.00pm Quddiesa mmexxija minn Dun Giovanni Curmi, bis-sehem tat-tfal u tal-istudenti. Janima l-kant, il-Kor Parrokkjali 'Magnificat'.
8.30pm Serata ta' logħob u divertiment għat-tfal u għall-istudenti kollha fil-pjazzetta.

**IL-ĠIMGĦA 29 TA' LULJU:**
**IT-TIENI JUM TAN-NOVENA**
**JUM L-ADOLEXXENTI U Ż-ŻGĦAŻAGĦ**
7.00pm Quddiesa tan-Novena mmexxija minn Dun Giovanni Curmi, bis-sehem tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ tal-parroċċa. Janima l-kant, il-Grupp tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ.
8.30pm BBQ għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ fil-Bajja ta' Ħondoq ir-Rummien organizzat mill-Għaqda Briju San Ġużepp.

**IS-SIBT 30 TA' LULJU:**
**IT-TIELET JUM TAN-NOVENA**
**JUM IL-VOKAZZJONIJIET**
6.30pm Talba tar-Rużarju b'intenzjoni għall-vokazzjonijiet immexxija mill-Grupp tal-Vokazzjonijiet u l-Grupp tal-Abbatini tal-parroċċa.
7.00pm Quddiesa mmexxija minn Dun Giovanni Curmi. Janima l-kant, il-Grupp tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ. Mistiedna r-Reliġjużi u l-Lajċi kkonsagrati Għawdxin.
8.30pm Attività tal-Grupp tal-'Fund Raising' fil-pjazzetta.

**IL-ĦADD 31 TA' LULJU:**
**IR-RABA' JUM TAN-NOVENA**
**JUM IL-QUDDIESA TA' RADD IL-ĦAJR**
**TAS-SAĊERDOT NOVELL DUN KRYSTOF BUTTIGIEG**
10.00am Quddiesa mmexxija mill-Kan. Dun Eddie Zammit. Janima l-kant, il-Grupp tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ.
5.00pm Korteo mir-residenza tal-Familja ta' Dun Krystof Buttigieg sal-Knisja Arċipretali bis-sehem tas-saċerdoti, seminaristi u l-abbatini. Takkumpanja l-Banda tal-Qala "Ite ad Joseph".



6.00pm Konċelebrazzjoni Sollenni ta' Radd il-Ħajr tas-Saċerdozju ta' Dun Krystof Buttigieg bl-omelija mill-Kan. Dun John Muscat. Wara riċeviment tal-okkażjoni fil-pjazza tar-raħal. Kulħadd mistieden.

**IT-TNEJN 1 TA' AWWISSU:**
**IL-ĦAMES JUM TAN-NOVENA**
**JUM IL-FAMILJA**

7.00pm Quddiesa mmexxija mill-Kan. Dun Eddie Zammit. Isir talb partikulari għall-koppji miżżewġin li qed jiċċelebraw l-anniversarju taż-żwieġ tagħhom. Isir it-tiġdid tal-wegħdiet taż-żwieġ. Janima l-kant il-Grupp tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ.

8.30pm ''Festa Familja'' - Serata Divertenti ta' Talent Lokali, b'risq il-festa, fl-Iskola Primarja tal-Qala. Mistiedna partikolari l-familji miżżewġa f'dawn l-aħħar għaxar snin.

**IT-TLIETA 2 TA' AWWISSU:**
**IS-SITT JUM TAN-NOVENA**
**JUM L-GĦAQDIET SOĊJALI**

7.00pm Quddiesa mmexxija mill-Kan. Dun Eddie Zammit. Jieħdu sehem l-Għaqdiet Soċjali tal-Parroċċa. Janima l-kant il-Kor Parrokkjali 'San Ġużepp'.

8.30pm 'High Tea' tal-Festa fil-pjazzetta organizzat mill-Kumitat tan-Nar.

Fil-jiem tat-Tridu fis-6.30pm - Talb tas-Salmi u Kurunella ta' San Ġużepp. Wara l-Quddiesa, Antifona u Barka Sagramentali.

**L-ERBGĦA 3 TA' AWWISSU:**
**L-EWWEL JUM TAT-TRIDU**
**JUM IR-RESIDENTI BARRANIN**

6.30pm Kant tal-Għasar.

7.00pm Konċelebrazzjoni bl-omelija tal-Ewwel Jum tat-Tridu mill-Kan. Dun Noel Saliba. Wara, Antifona u Barka Sagramentali.

9.00pm Fl-okkażjoni tal-40 sena mill-Inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari ta' San Ġużepp, fil-Knisja Arċipretali jiġi esegwit 'San Ġużepp, il-Banda u l-Qala' – Oratorju Vokali-Strumentali mtella' mill-Għaqda Mużikali 'Ite ad Joseph' – Qala, fl-okkażjoni tal-15-il Anniversarju mit-twaqqif uffiċjali tal-banda. Jieħdu sehem l-Għaqda Mużikali 'Ite ad Joseph' – Qala, Ruth Portelli (Sopran), Joseph Aquilina (Tenur) u Noel Galea (Baxx). Il-banda tkun taħt id-direzzjoni tas-Surmast Antoine Mercieca, surmast direttur u kompożitur tal-istess Oratorju.

**IL-ĦAMIS 4 TA' AWWISSU: IT-TIENI JUM TAT-TRIDU**
**JUM L-EMIGRANTI**

6.30pm Kant tal-Għasar.

7.00pm Konċelebrazzjoni bl-omelija tat-Tieni Jum tat-Tridu mill-Kan. Dun Noel Saliba, bis-sehem tal-emigranti Qalin li jkunu fostna għall-festa. Wara, Antifona u Barka Sagramentali. L-emigranti Qalin huma mistiedna wara għal laqgħa soċjali għalihom, offruta mill-Arċipriet fiċ-Ċentru Parrokkjali.

9.30pm Marċ mill-Baned "Ite ad Joseph tal-Qala" u "San Girgor" ta' Kerċem li jitlaq minn Ta' Kassja, jgħaddi għal Triq l-Isqof Baldassare Cagliares, Triq il-Kunċizzjoni, Pjazza San Ġużepp u Triq 28 ta' April, 1688. Il-marċ jagħlaq bit-tlugħ tal-istatwa ta' San Ġużepp fuq il-pedestall fi Pjazza l-Isqof Mikiel Franġisk Buttigieg. Jittella' 'Feature' mill-Għaqda tal-Briju.

**IL-ĠIMGĦA 5 TA' AWWISSU: IT-TIELET JUM TAT-TRIDU**
**JUM L-EWKARISTIJA - L-EWWEL ĠIMGĦA TAX-XAHAR**

6.30pm Kant tal-Għasar.

7.00pm Konċelebrazzjoni bl-omelija tat-Tielet Jum tat-Tridu mill-Kan. Dun Noel Saliba. Jieħdu sehem il-Ministri Straordinarji tal-Ewkaristija u dawk li jieħdu sehem fl-Adorazzjoni ta' kuljum matul is-sena. Wara, Antifona u Barka Sagramentali.

9.30pm Dimostrazzjoni bl-istatwa ta' San Ġużepp, xogħol tal-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri, akkompanjata mill-Baned "Ite ad Joseph" tal-Qala u "Santa Margerita V.M." ta' Sannat. Waqt it-tlugħ tal-istatwa fuq il-pedestall fil-pjazza jindaqq l-Innu Popolari 'Lill-Glorjuż Patrijarka San Ġużepp Patrun tal-Qala', mużika ta' Mro Vincenzo Ciappara u versi tal-poeta Għawdxi Ġorġ Pisani.
12.00am Logħob tan-nar tal-art fil-pjazza.

**Is-Sibt 6 ta' AWWISSU - Jum il-Benefatturi**
9.30am Quddiesa bil-kant tat-Te Deum f'għeluq in-Novena mmexxija minn Mons. Lawrnenz Xerri, bis-sehem tal-morda, tal-anzjani u tal-persuni bi bżonnijiet speċjali. Tingħata tifkira tal-festa.
6.30pm Marċ mill-Banda "Ite ad Joseph" tal-Qala li wara takkompanja t-Translazzjoni.
7.00pm Transulazzjoni Sollenni tar-Relikwija ta' San Ġużepp immexxija mill-Arċipriet Kan. Dr Joe Zammit, mill-Kappella tas-Sorijiet Franġiskani għall-Knisja Arċipretali li fiha tieħu sehem il-Fratellanza ta' San Ġużepp tal-Qala flimkien mal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp tar-Rabat ta' Malta. Kant tal-Antifona u Konċelebrazzjoni. Wara tingħata l-Barka Sagramentali.
9.00pm Marċ li jitlaq minn ħdejn il-Kunvent tas-Sorijiet u Programm Mużikali fil-Pjazza mtella' mill-Banda La Stella tal-Belt Vittorja.
9.30pm Marċ popolari mill-Banda Victory tax-Xagħra u mill-Banda San Ġużepp ta' Għajnsielem.
12.00am Wirja spettakolari u unika tan-nar tal-art fil-pjazza.

## IL-ĦADD
## 7 TA' AWWISSU:
## JUM IL-FESTA

Quddies fil-5.30am, fis-6.30am, fit-8.00am, fid-9.00am, fil-11.00am u fil-5.00pm.
9.00am Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex.
11.00am Marċ popolari u brijuż mill-Banda San Ġużepp tal-Kalkara, Malta, bis-sehem tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ Qalin.
5.00pm Quddiesa mill-W.R. Dun Anton Sultana, Arċipriet Emeritu tal-Parroċċa.
6.30pm Għasar Sollenni mmexxi mill-W.R. Mons. Lawrenz Xerri, tal-Kapitlu tal-Katidral.
7.00pm Marċ mill-Banda "Ite ad Joseph" tal-Qala.
7.20pm Ħruġ Sollenni tal-istatwa devota ta' San Ġużepp u Purċissjoni mmexxija mis-saċerdot novell Dun Krystof Buttigieg, flimkien mal-Kleru tal-Parroċċa u l-Fratellanza ta' San Ġużepp tal-Qala u l-Fratellanzi tal-Parroċċa tal-Isla. Il-Banda "Ite ad Joseph" tal-Qala tesegwixxi l-Innu "A San Giuseppe" ta' Mro Indri' Borg taħt id-direzzjoni tas-Surmast Antoine Mercieca bis-sehem tal-Kor u wara takkompanja l-purċissjoni b'marċi reliġjużi. Il-Banda "Mnarja" tan-Nadur ittella' programm mużikali fil-pjazza. In-nies li jixtiequ jakkompanjaw il-purċissjoni huma mħeġġa jieħdu sehem f'talb komunitarju wara l-istatwa matul it-Triq tal-Wardija.
10.30pm Dħul Sollenni tal-istatwa ta' San Ġużepp akkompanjat minn spettaklu kbir ta' logħob tan-nar. Fil-knisja tindaqq l-Antifona u tingħata l-Barka Sagramentali.
11.30pm *Get-Together* fil-pjazza.



## QRAR GĦAL KULĦADD MATUL IL-FESTA

- Il-Ħamis 4 ta' Awwissu:
  4.00pm sas-7.00pm:
  Kan. Mikiel Mintoff
  u Dun Giovanni Curmi
- Il-Ġimgħa 5 ta' Awwissu:
  4.00pm sal-5.00pm:
  Kan. Mikiel Mintoff
  u Kan. Ġużepp Mintoff
- Is-Sibt 6 ta' Awwissu:
  5.00pm sas-6.00pm:
  Kan. Mikiel Mintoff
  9.00pm sal-10.30pm:
  Kan. Anton Attard
- Il-Ħadd 7 ta' Awwissu:
  7.45am sad-8.45am:
  Kan. Anton Attard

Is-Saċerdoti tal-Parroċċa jkunu disponibbli għall-qrar fil-ħinijiet tas-soltu.

- Il-Kor Parrokkjali San Ġużepp ikun taħt id-direzzjoni tal-Organista s-Sur Mario Portelli.
- Il-Kor "Magnificat" ikun taħt id-direzzjoni tal-Arċipriet Kan. Dr Joe Zammit u l-Organista Frankie Ion Magro.
- Il-Mużika bl-orkestra u l-kor, fit-tliet ijiem tat-Tridu, lejliet u nhar il-festa, ikunu taħt id-direzzjoni tas-Surmast Frankie Debono.
- L-illuminazzjoni ssir mis-Sur Joe Cutajar.
- In-nar ta' matul il-festa huwa maħdum minn: *Lourdes Fireworks Factory* tal-Qrendi; *St Mary Fireworks Factory* tal-Qrendi; *St Nicholas Fireworks Factory* tas-Siġġiewi; Tal-Virtù *Fireworks Factory* tal-Għarb. Nitolbu li fil-ġranet tal-festa u fil-jiem ta' wara, ma jersaq ħadd lejn l-għelieqi tan-nar jekk mhux awtorizzat.
- Radju Leħen il-Qala ser ixandar fuq 106.3FM Stereo, b'servizz ta' *webcasting* fuq www.radjulehenil-qala.com, iċ-ċelebrazzjonijiet u programmi tal-festa b'servizz partikulari għall-anzjani, il-morda u fuq kollox l-emigranti.

## ĦIDMIET VARJI FIL-PARROĊĊA

- L-istatwa ta' Ġesù fl-Ort, xogħol ta' Michael u Adonai Camilleri Cauchi.
- Restawr tal-Ħajt fis-Santwarju tal-Kunċizzjoni mit-Ditta ReCoop.
- Bradella għall-Istatwa ta' Ġesù fl-Ort, xogħol ta' Karmnu Curmi.
- Pedestallata tad-Duluri, xogħol ta' Karmnu Portelli.
- Tliet Raġġieri tal-Fidda għall-Vari tal-Ġimgħa l-Kbira maħduma mid-Ditta Laga.
- Xogħol u Induratura ta' 50 ġummiena tat-tużell minn Karmnu Curmi, Joe Mifsud, Karmnu Portelli, Michael Godfrey Curmi, Pawlu Vella, Pawlu Mizzi u Aaron Curmi.
- Xogħol estensiv fiċ-Ċentru Parrokkjali minn Pawlu Mizzi.
- 25 Konfratiji mill-ħajjat Anton Ballucci.
- Ilbies għat-tfal tal-Ġimgħa l-Kbira meħjuta minn voluntiera.
- 24 Fan għall-Knisja.
- Armarju fis-sagristija xogħol ta' Karmnu Curmi.
- Dwal fiċ-Ċimiterju xogħol minn Joe Cutajar.
- Restawr Umbrella tas-Sagrament minn Joe Mifsud u Cettina Theuma.
- Xogħol u Manutenzjoni fuq il-bejt tal-knisja għall-Winċ tat-Tużell minn Mario Camilleri u Raymond Cefai.
- Restawr ta' żewġ kalċijiet għas-Santwarju tal-Kunċizzjoni mid-Ditta Laga.
- 6 Torċi mingħand George Zammit & Sons.
- Winċ għat-Tużell xogħol ta' Karmnu Curmi u mgħejjun minn voluntiera barra mir-raħal.
- Roti għall-Vari kollha tal-Ġimgħa l-Kbira xogħol ta' Raymond Cefai.
- Restawr estensiv tal-Pedestall tal-pjazza mill-Għaqda Armar San Ġużepp.
- Tkomplija tal-Bandalori fi Triq 28 t'April 1688 maħduma mill-grupp tal-ħajjata u voluntiera tal-armar.
- Camera motorizzata għal *video streaming* fil-pjazza għall-benefiċċju tal-emegranti.
- Ittieħed ritratt professjonali tax-Xbieha Mirakuluża ta' Salus Infirmorum minn "The Fotografer".
- Liedna fi Triq San Ġużepp u Triq il-Wardija maħduma minn voluntiera.
- Għodda neċessarja għall-Maħżen tal-Armar.

Apparti l-ħafna xogħol volontarju, l-ispejjeż inġabru kollha mill-Komunità Parrokkjali li f'sena tat ukoll €21,200 f'karità.

## IT-TNEJN 8 TA' AWWISSU

Għeluq l-40 Anniversarju mill-Inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari ta' San Ġużepp.
7.00pm Konċelebrazzjoni ta' Radd il-Ħajr bil-kant tat-Te Deum, immexxija minn Dun Krystof Buttigieg. Janima l-kant il-Kor Parrokkjali 'San Ġużepp'.



**Infakkru li din hija festa reliġjuża u għalhekk jintlaħaq l-iskop veru tagħha meta wieħed jersaq lejn Alla permezz tas-sagramenti.**



# "Ser nibqa' ngħożż f'qalbi dawn il-ħwejjeġ kollha..."

**Dun Krystof Buttigieg**

Daqs xahrejn ilu, eżattament fit-28 ta' Mejju 2011 ġejt ordnat saċerdot minn idejn Mons. Isqof Mario Grech fil-Katidral ta' Għawdex flimkien ma' sitta oħra minn sħabi. Mument speċjali li jimmarka l-bidu ta' triq ġdida f'ħajti – saċerdot "imqiegħed għall-bnedmin f'dak li għandu x'jaqsam ma' Alla" (Lhud 5,1). Però qabel ma' wasalt għal dan l-istat kienu meħtieġa ħafna snin qabel ta' preparazzjoni; snin li żgur ma tgħaddix mingħajrhom.



Dan però ma jfissirx li għax tkun għamilt dawn is-snin kollha, x'ħin tlesti tkun lest, tajjeb u eżatt kif iridek Alla. Għax jiena nħobb ngħid li, tagħmel kemm tagħmel żmien titgħallem u tifforma ruħek, qatt mhu biżżejjed. Jiġifieri l-preparazzjoni u l-formazzjoni mhumiex xi ħaġa ta' darba u daqshekk imma, (u din tgħodd għal kulħadd) biex tibdel ħajtek skont kif jixtieq Alla trid taħdem fuqek innifsek kuljum u kull ħin:

I. bit-talb, għax iżommok *in touch*, f'kuntatt ma' Alla,
II. bit-tagħlim u t-twissijiet ta' ħaddieħor speċjalment tal-Kelma ta' Alla,
III. bl-imħabba, fis-sinċerità miegħek innifsek, waqt li tifli u taħseb fuq dak li qed tħoss, tagħmel jew tgħid,
IV. u li fl-aħħarnett ikollok biżżejjed kuraġġ u nuqqas ta' biża' li titlaq id-drawwiet qodma tiegħek biex tipprova l-modi ġodda ta' Ġesù!

U ż-żmien tas-Seminarju hu żmien prezzjuż immens, għax barra li jkollok żmien tistudja dwar Alla u l-Knisja tiegħu, jagħtik ħafna aktar żmien biex fih tkun tista' tieqaf fil-kwiet, taħseb u tistudja tajjeb lilek innifsek, tara fiex inti dgħajjef u fiex inti tajjeb. Imbagħad tibda taħdem u tistinka biex issaħħaħ dak it-tajjeb li hemm fik, biex hekk ftit ftit jinqerdu d-drawwiet ħżiena (jew għallinqas titgħallem iżżommhom taħt kontroll hekk li ma jmexxukx huma).

U f'dan, is-Seminarju issib min jgħinek żgur. L-ewwel hemm id-Direttur Spiritwali (li hu saċerdot li jgħinek tfittex lil Alla f'ħajtek) imbagħad hemm is-Superjuri u l-għalliema kollha u fl-aħħar imma mhux l-inqas, sħabek stess għax f'li tgħix flimkien mal-oħrajn tiskopri ħafna x'tip ta' persuna int, dejjem sakemm tibqa' miftuħ għall-kritika u tfittex kif tista' titjieb u ttejjeb l-ħajja tal-oħrajn, b'ħafna rispett u mħabba lejhom u lejk innifsek.

Imma l-formazzjoni li jien irċivejt tul is-seba' snin fis-Seminarju t'Għawdex, ma kinitx ristretta biss għal hemm ġewwa, imma kien hemm ukoll numru ta' esperjenzi li jien kont mibgħut nagħmel 'il barra mill-ħitan tas-Seminarju. U dawn l-esperjenzi ta' barra jgħoddu daqs ta' ġewwa f'dak li għandu x'jaqsam mal-formazzjoni. Għax kif ilkoll nafu tajjeb, l-esperjenzi huma dawk li l-aktar jgħallmuk u jimmarkawk f'ħajtek.

Fl-ewwel sena tiegħi tas-Seminarju kont mibgħut nieħu ħsieb il-grupp tal-Vokazzjonijiet tal-parroċċa tagħna stess flimkien mad-djaknu ta' dakinhar Christopher Cauchi mill-Għarb, illum saċerdot fil-Kanada. Fis-sajf ta' wara l-ewwel sena mbagħad kelli ċ-ċans nagħmel esperjenza kemmxejn partikulari, għax għalkemm kont diġà seminarista s-superjuri kkonċedewli nagħmel esperjenza ta' xogħol matul is-sajf tal-2005 fejn kont naħdem bħala *waiter* fir-*Restaurant D-Bar* tal-Qala stess.



Lura s-Seminarju fit-tieni sena, kull nhar ta' Sibt u Ħadd bqajt nieħu ħsieb il-grupp tal-vokazzjonijiet.

Filwaqt li kull nhar ta’ Ġimgħa filgħaxija kont immur il-parroċċa taż-Żebbuġ bħala direttur spiritwali tal-grupp tal-Leġjun ta’ Marija tat-tfal. Fis-sajf tal-2006, imbagħad kont ġejt mibgħut nagħmel l-esperjenza fil-Komunità Terapewtika ta’ San Blas. Din kienet l-ewwel darba li seminarista ntbagħat f’din l-esperjenza biex jgħix magħhom u bħalhom l-istess programm li huma jagħmlu, daqs li kieku kellu bżonnu hu wkoll. B’dan il-mod tkun tista’ tħoss aktar l-impenn iebes tal-programm li jridu jagħmlu huma biex jitfejqu. Peress li tgħix magħhom 24 siegħa kuljum tiftaħ għajnejk iktar fuq ir-realtà iebsa li għaddew minnha, u tilmaħ il-ħafna tjubija li hemm moħbija fil-fond tal-qalb tagħhom.

Fit-tielet sena Seminarju, il-Ġimgħa filgħaxija kont nieħu ħsieb żewġ gruppi ta’ żgħażagħ fil-parroċċa tax-Xewkija, l-ewwel tal-Azzjoni Kattolika Bniet imbagħad fiċ-Ċentru Parrokkjali ma’ numru ta’ adolexxenti u żgħażagħ. Nhar ta’ Sibt imbagħad kont immur fil-parroċċa ta’ Għajnsielem biex immexxi l-laqgħat tal-



Vokazzjonijiet. Fis-sajf tal-2007 flimkien ma’ sħabi tas-sena ħallejt il-gżira Għawdxija tagħna biex nibdew is-sena Intermedjarja li jien qattajt fil-parroċċa ta’ Sant’Injazju t’Antijokja ġewwa Ruma. Hemm f’din is-sena, minbarra l-ħafna esperjenzi sbieħ ta’ pastorali fil-parroċċa, kelli x-xorti wkoll induq ftit l-istudju f’Università u x-xogħol fil-Katakombi ta’ San Sebastjan.



Mill-esperjenza rikka tas-sena barra (li kont ktibt dwarha f’Leħen il-Qala dritt wara li ġejt) nerġa’ lura għas-Seminarju u nibda l-ħames sena. F’din is-sena nbidlet ftit is-sistema tal-pastorali tagħna u flok immorru biss fil-parroċċi għal-laqgħat, issa konna mitluba nqattgħu l-*weekend* kollu fil-parroċċa. Jien kont mibgħut fil-parroċċa tal-Għasri fejn għamilt esperjenza ħelwa. Kull nhar ta’ Sibt kont bdejt inlaqqa’ grupp sabiħ ta’ adolexxenti fiċ-ċentru parrokkjali u nhar ta’ Ħadd, apparti s-sehem fil-quddies, kont nieħu ħsieb



il-grupp tal-abbatini u l-vokazzjonijiet. Fis-sajf tal-2009 erġajt għamilt esperjenza partikulari oħra, din id-darba għal ġimgħatejn mad-detenuti fil-Faċilità Korrettiva ta’ Kordin. Kont noqgħod f’dar tal-parroċċa ta’ Raħal Ġdid u tul dawk il-ġimgħatejn kont ngħin ukoll fil-quddies u l-attivitajiet organizzati għall-festa. Fin-nofstanhar ta’ filgħodu mbagħad kont immur nagħmel iż-żjajjar lill-ħabsin flimkien mal-kappillan u s-*sister* li jieħdu ħsieb il-ħabsin, mentri filgħaxija kont immur magħhom inżur id-diversi ċentri barra minn Ta’ Kordin li għandhom x’jaqsmu mal-istess sistema korrettiva ta’ Malta.

Fis-sitt sena mbagħad ġejt assenjat fil-parroċċa tal-Katidral għal sentejn sħaħ. Hemm bdejna wkoll il-laqgħat għall-adolexxenti u kont nagħti l-għajnuna



tiegħi kull fejn meħtieġ. Wara li ġejt ordnat djaknu, fis-sajf tal-2010, għamilt l-esperjenza pastorali ġewwa l-parroċċa tal-Mosta, matul ix-xahar ta’ Lulju kollu.

Lura mill-Mosta pruvajt inkun preżenti kemm nista' fil-parroċċa tagħna tal-Qala għaż-żmien tal-festa, u mbagħad komplejt naqdi fil-parroċċa tal-Katidral. Hemmhekk tul ix-xhur ta' Marzu u April 2011, mill-Ħamis sal-Ħadd kont ngħix fid-dar tal-parroċċa flimkien mal-Arċipriet. F'dawk il-ġranet ukoll, kont nieħu sehem fit-talb mal-Kapitlu tal-Katidral u kull nhar ta' Ġimgħa filgħaxija kont nissieħeb ukoll fit-talb mal-Komunità Ewkaristika li hija ffurmata minn għadd sabiħ ta' koppji.

Dawn l-esperjenzi kollha bis-sabiħ u l-iebes tagħhom kienu strumentali biex jiena nasal sa hawn. Illum jien saċerdot u nazzarda ngħid li parti kbira mill-mertu ta' għażla bħal din, imur propju għal dawk in-nies kollha li ltqajt magħhom f'dawn l-esperjenzi kollha li għamilt matul il-formazzjoni tiegħi fiż-żmien tas-Seminarju. Jiġifieri, għall-fatt li jien saċerdot għandi għax nirringrazzja lil ħafna nies mill-Qala l-ewwel u qabel kollox, minn Ruma, minn Għawdex u minn Malta, li bil-ħajja tagħhom, kienu kif kienu, qalu x'qalu, u għamlu x'għamlu, għenuni lkoll bil-mod tagħhom biex jien nasal inkun saċerdot għal kulħadd. Għalhekk bir-raġun kollu nista' ngħid illi, bħalma għamlet Marija Santissima wara li esperjenzat lil Alla f'ħajjitha, jien ukoll, "ser nibqa' ngħożż f'qalbi dawn il-ħwejjeġ kollha u naħseb fuqhom bejni u bejn ruħi" (Luqa 2,19). ■






Għall-isbaħ waqtiet ta' ħajtek
the foto Grafer
The Foto Grafer
127, St. Thomas Street, Fgura. 21660166 or 27888999
info@thefotografer.net www.thefotografer.net


Ur Choice
SUPERMARKET
Nawguraw il-Festa t-tajba lil Qalin kollha
Triq il-Forn, QALA
tel: 2156 6748 / 9946 0763
The place for Ur future Shopping at the Best Discount Prices



# A.M.D.G.
# 48 Kungress Djoċesan tax-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla

**Parroċċa Arċipretali San Ġużepp Qala Għawdex**

**Il-Ħadd 8 ta' Mejju 2011**

Il-Ħadd 8 ta' Mejju 2011 fil-Parroċċa tal-Qala Għawdex sar l-għeluq tat-48 Kungress Djoċesan tax-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla.

Wara ġimgħa sħiħa ta' laqgħat lill-istudenti fl-iskejjel Sekondarji kollha t'Għawdex kemm tal-gvern kif ukoll tal-Knisja u dawk privati, u programmi differenti fuq ir-Radjijiet tal-komunitajiet parrokkjali, flimkien ma' laqgħat ta' kull kategorija fil-Qala u anke żjajjar fl-isptarijiet, f'jum it-48 Kungress Djoċesan il-Ħadd 8 ta' Mejju fit-8.30am fil-Knisja Parrokkjali tal-Qala saret Konċelebrazzjoni Sollenni mmexxija mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech flimkien maċ-*Chaplain* Djoċesan tax-Xirka Mons. Ewkaristiku Sultana, l-Arċipriet tal-Qala l-Kan. Dr Joe Zammit u l-Kleru tal-Parroċċa. Fl-omelija Mons. Isqof ħeġġeġ lil kulħadd u wera l-bżonn li niltaqgħu m'Alla għax qed ngħixu mbegħdin minn Alla u allura ma tistagħġibx li jsir id-dagħa.

Wara nofsinhar preċiż fil-5.00pm beda miexi l-Korteo minn ħdejn is-Santwarju tal-Kunċizzjoni tal-Qala. Il-*Victoria Scouts Group* mexxew il-Korteo li kien jikkonsisti mill-fratellanzi kollha tal-Qala u numru kbir ta' parruċċani mill-Qala, Arċiprieti u Kappilllani, saċerdoti, reliġjużi, abbatini u poplu minn kull rokna f'Għawdex bl-istendardi tax-Xirka, flimkien mal-istatwa tar-Ragħaj it-Tajjeb, fost kant, qari u talb. Fil-pjazza ta' quddiem il-Knisja Arċipretali tal-Qala, il-poplu sab is-siġġijiet fejn seta' bil-kumdita' jsegwi l-funzjoni kollha. Kienet ġurnata xemxija, allura xi uħud ippreferew li joqogħdu għad-dell bilwieqfa. Fil-pjazza l-Banda 'Ite ad Joseph' tal-Qala daqqet innijiet reliġjużi kemm waqt il-



Korteo kif ukoll waqt iċ-ċelebrazzjoni fil-pjazza li kienet imżejna għall-okkażjoni b'dehra verament sabiħa.

L-Arċipriet tal-Qala l-Kan. Dr Joe Zammit qara messaġġ qasir ta' merħba u wara li smajna kant sabiħ u reċtar ta' salmi bir-responsorji kantati miż-żgħażagħ Qalin, iċ-*Chaplain* Djoċesan tax-Xirka Mons. Ewkaristiku Sultana fisser il-*motto* tal-Kungress "Araw il-Ħaruf t'Alla li jneħħi d-dnub tad-dinja." Imbagħad il-President Djoċesan tax-Xirka Ġużeppi Refalo ħeġġeġ lill-poplu preżenti biex jgħin mill-qalb u kif jista' fil-ġabra biex jitħallsu l-ispejjeż, filwaqt li tqassmu santi-tifkira tal-Kungress. Huwa fakkar lill-W.R. Anġeliku Vella O.P. li kien hu li reġa' ta' spinta lill-Kungressi mill-1977 u sellem ukoll lill-membri kollha tax-Xirka fosthom liċ-*Chaplain* Nazzjonali Patri Joe Vassallo O.P. u lill-President tax-Xirka Maltija Stanley Mangion u l-kumitat kollu u mhux l-inqas lill-għannej tal-Mulej Ġorġ Agius tal-Birgu li kull sena kien iferraħna bil-kelma mqabbla li jaf jagħti hu. L-aħħar kelliem kien l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech li qal li aħna llum qed infittxu l-Verità, għax għandna kriżi tal-Verità. Il-kuxjenza tkun kwieta meta tkun taf il-Verità. Imma l-verità għandha xkiel bid-dittaturi ta' relattiviżmu, tal-gidba, tal-opinjoni komuni, u l-verità ideoloġika. Il-Verità tagħmilna ħielsa.

Qabel ma saret il-Purċissjoni Sollenni bl-Ewkaristija, il-President Ġużeppi Refalo ħabbar li d-49 Kungress Djoċesan li jmiss is-sena d-dieħla ser isir fil-parroċċa ta' San Lawrenz fit-3 Ħadd tal-Għid jiġifieri fit-22 t'April 2012, dejjem jekk is-Sinjur Alla jrid. L-Arċipriet qara l-Att ta' Riparazzjoni u Ġesù ħaj fl-Ewkaristija wasal fostna f'purċissjoni sollenni bl-*iscouts* u l-fratelli u l-abbatini bid-daqq tal-qanpiena l-kbira u l-kant tal-kor mal-Banda 'Ite ad Joseph'. Id-Djaknu mill-Qala stess Krystof Buttigieg mexxa l-funzjoni tal-Barka Sagramentali proprju għoxrin ġurnata biss qabel ma jiġi ordnat Sacerdot. L-aħħar talba kienet il-kant tal-innu Malti. Fl-aħħar il-President Djoċesan tax-Xirka rringrazzja lil kulhadd għal kulma sar għall-Ikbar Glorja t' Alla. ■







## Araw il-Ħaruf t'Alla...

Kemm għandu bżonn din l-istedina l-bniedem tal-lum, biex it-tifel iħoss li hemm min iħobbu, l-istudent ma jqisx ruħu waħdu fit-triq, iż-żagħżugħ ma jaqtax qalbu, il-missier iserraħ moħħu u l-omm tibqa' tgħożż il-ġabra ta' darha filwaqt li trekken magħha l-familja.

Mhux biss ħarsu, imma araw, jiġifieri iltaqgħu mal-ħarsa Tiegħu kollha tjubija, li tista' tneżżagħna lkoll mis-suppervja tagħna u fl-aħħar naċċettaw li aħna limitati, bżonjużi tal-ħniena Tiegħu infinità. Hu li jneħħi d-dnub tad-dinja!

Dak li raw għajnejna, dak li messew idejna, lil Dan aħna qed inxandrulkom f'dinja, anki dik ta' madwarna, li donnha qed tiskandalizza ruħha mit-tagħlim Tiegħu. Forsi llum ukoll tgħodd iċ-ċanfira 'Għandhom għajnejn u ma jarawx, għandhom widnejn u ma jisimgħux. Għax il-qalb ta' dan il-poplu twebbset'.

Il-Ħaruf t'Alla, meħud għall-qatla ma fetaħx fommu. Imma ħadd daqsu ma ħabbu lill-bniedem għax għalih ta ħajtu. Mhux il-kliem li jgħodd, mhux il-wegħdi, imma l-fatti. Quddiemu tiltewa kull irkoppa, jinħall kull ilsien... Ġesù Kristu hu l-Mulej għall-glorja ta' Alla l-Missier.

L-art kollha minn tarf għall-ieħor rat is-salvazzjoni ta' Alla tagħna. Il-Ħaruf t'Alla li għadda minn fostna u refagħna minn tant ħama, ser imur issa, fi żminijiet ta' viżjoni mċajpra fuq il-ħajja u l-familja, il-ġid komuni u l-kuxjenza, il-Knisja u r-Reliġjon tagħna għażiża... ser imur ma jerfax mill-ġdid din it-tbatija tagħna u jimliena bit-tama ta' min ħadd daqsu ma ħadna bis-serjeta' tant li offra ħajtu għalina?

Araw il-Ħaruf t'Alla li jneħħi d-dnub tad-dinja!

Arċipriet Dun Joe Zammit.










MEYLAK JEWELLERS

SINCE 1850

24b, REPUBLIC STREET,
VICTORIA, VCT 1012,
GOZO, MALTA.

TEL:00356-21566303 EMAIL:MEYLAKGO@MALTANET.NET


L-Arċipriet
flimkien
mal-Kleru u
l-Kunsill Pastorali
tal-Porroċċa u
l-Bord Editorjali
jixtiequ
lill-Poplu tal-Qala

**Il-Festa it-Tajjeb**

CONSTRUCTION

















FINISHING


















ARCHIMED® PROJECTS

BUILDING CONSTRUCTION & FINISHING

THE PERFECT CONTRACTOR FOR YOUR INVESTMENT

TEL: 21483651 FAX: 21483650
MOB: 9947 8890, 9947 8892, 9999 8893
E-MAIL: info@archimedprojects.com

www.archimedprojects.com

# AUSTRALIAN QALA ASSOCIATION

## L-ASSOĊJAZZJONI TAL-QALA FL-AWSTRALJA

48 Cowper Avenue, St Albans, Victoria 3021, Australia. Tel: 0061 (03) 93674268

*Tagħrif mill-Awstralja dwar ħutna l-Qalin emigranti,*
*minn MICHAEL BUTTIGIEG,*
*President Australian Qala Association*

# Aħbarijiet minn Melbourne għall-Qalin tal-Qala

Għeżież Qalin insellmilkom. Huwa l-pjaċir tiegħi nitkellem magħkom. Reġgħu għaddew erba' xhur oħra mill-aħħar li tkellimna ftit bejnietna, permezz tal-kitba tiegħi u anke ta' din ir-Rivista tant popolari fostna l-Qalin. Huma fejn huma, mxerrdin mal-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel nett irrid nifraħ minn qiegħ qalbi lil Chev. Euchar Mizzi, l-Editur il-ġdid ta' din ir-rivista Leħen il-Qala. Huwa xogħol kbir u delikat kif ukoll xogħol importanti ħafna. Imma jien ċert li bil-għaqal u l-kapaċita' li għandu s-Sur Mizzi, huwa bravu biżżejjed biex imexxi 'l quddiem din il-Pubblikazzjoni tant popolari tal-Qalin. F'ismi u f'isem sħabi tal-Kumitat Eżekuttiv tal-A.Q.A. nixtieqlu minn qalbi kull suċċess.

Fl-istess ħin irrid nirringrazzja minn qalbi lill-Editriċi uxxenti Mrs. Linda Buttigieg, għax-xogħol siewi li għamlet lill-komunita' kollha tal-Qala u anke ta' barra mill-Qala speċjalment lili tal-paċenzja li ħadet bija matul dawn l-aħħar 12-il sena li l-Għaqda A.Q.A. bdiet tikteb u tieħu parti f'din ir-Rivista. Grazzi ta' kollox, awguri għall-futur.

Kif tafu, aħna ninsabu fi staġun tax-xitwa, fejn din is-sena bdiet xi ftit kmieni aktar mis-soltu u fejn diġa' kellna ħafna xita. Issa għandna ħafna ilma u ħadd m'għadu jgerger minn nuqqas ta' ilma. Intom tinsabu fl-istaġun tas-sajf, fejn it-tfal ikunu bil-vaganzi, u kulħadd jistrieħ xi ftit mix-xogħol ta' rutina tas-soltu. Baħar, villeġġjatura u festi. Jiena s-sajf inħobbu, speċjalment il-festi sbieħ li jġib miegħu. L-istaġuni qatt ma jkunu dejjem l-istess, l-atmosfera tad-dinja tħassret kullimkien u anke n-natura donna ddejqet bina u kultant tbeżbiżna xi ftit ukoll.

Ix-xahar ta' Awwissu jfakkarni wkoll fil-festa tal-Patrun tagħna San Ġużepp, fejn ħsibijieti jġorruni lejn il-Qala, raħal twelidi, fejn naf x'festa kbira u sabiħa tagħmlu għad unur San Ġużepp il-Patrun tagħna. Hawn f'Melbourne l-festi jibdew u jsiru kollha fix-xitwa. Kull Qaddis u Qaddisa li hemm f'Malta u Għawdex isiru l-festi tagħhom mill-Għaqdiet tagħhom. Jiena nieħu sehem fil-festi kollha billi mmur nirrappreżenta lill-Għaqda tagħna bil-*Banner*, fejn nieħu gost ħafna nara lill-Patrun tagħna San Ġużepp idur u jperper fit-toroq ta' Melbourne.

**Tagħrif fuq l-Għaqda tagħna:**

Din is-sena l-Għaqda tagħna tal-A.Q.A., reġgħet iċċelebrat il-Ballu l-kbir tal-Festa għad-unur tal-Patrun tagħna San Ġużepp. Il-ballu sar is-Sibt 30 t'April 2011 fil-Lakeside Banquet & Convention Centre Taylors Lakes – Sala kbira u lussuża, fejn kellna attendenza













ta' 550 ruħ. Ballu kbir u sabiħ, fejn kulħadd ħa pjaċir jiekol, jixrob u jiżfen mal-banda u d-D.J. Speċjalment waqt il-briju li nagħmlu bil-bnadar ikkuluriti tal-Għaqda. Kellna ukoll ftit *fireworks* u *Fire Bombs*, u ħadd ma xtaq li jgħaddi l-ħin. Veru kienet atmosfera sabiħa li aħna tal-Kumitat inħossuna sodisfatti li x-xogħol mar kollu sewwa u kif kien ippjanat. Hawn irrid nirringrazzja lill-Kumitat kollu tiegħi, għax-xogħol li nagħmlu biex inkunu żguri li kollox ikun organizzat kif suppost u kulħadd jieħu gost. Il-Ħadd l-1 ta' Mejju 2011, Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem – Jum il-Festa. Bdejna mis-2.30pm, bil-kurunella ta' San Ġużepp, l-Innu Popolari lil San Ġużepp mill-*Maltese Choir of Victoria*, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Mro. Charlie Schembri. Wara bdiet il-Quddiesa mill-W.R. Fr. Dennis Carabott, fejn niseġ Paneġierku sabiħ u kommoventi fuq il-Patrijarka San Ġużepp u wara l-quddiesa kellna l-Barka Sagramentali. Imbagħad inqraw xi poeżiji fuq San Ġużepp, u hawn irrid nirringrazzja lil Chev. Euchar Mizzi ta' dik il-Poeżija sabiħa li kitbilna u bagħtilna għall-okkażjoni tal-festa bl-isem "SAN ĠUŻEPP U L-EMIGRANTI". Kellna nagħmlu purċissjoni bil-banda fil-*Grounds* tal-knisja però billi kienet ix-xita il-purċissjoni ma saritx.

Wara kulħadd għas-Sala tal-Knisja għall-Kunċert mill-Banda *The Maltese Own Band*, fejn wara l-kunċert beda jallegra lill-folla d-D.J. *Starlight Music*. Hawn kellna wkoll bar mimli kollu kemm hu ikel Malti. Is-Serata spiċċat fid-9.00pm, fejn kollox sar fil-knisja tal-*Holy Eucharist*, St. Albans.

Ħmistax-il ġurnata wara l-festa, s-Sibt u l-Ħadd 14 u 15 ta' Mejju 2011, saret ix-xalata ta' wara l-festa, fejn kien hemm *bus* sħiħa ta' 56 persuna u morna lejn Brite ġo *Farm* tal-Qastan u Ġewż, kulħadd ħa pjaċir b'dik l-arja friska u pura tal-kampanja Awstraljana. Hawn hekk in-nies tal-*farm* qagħdu jixwulna l-qastan u aħna nieklu prodott frisk, tajjeb, ħelu u bnin. Wara kulħadd ħareġ mgħobbi bil-qastan u ġewż u minn hemm morna nduru ġol-belt ta' Brite fejn veru ma tixbax titpaxxa bin-natura, meta tara dawk is-siġar ikkuluriti kbar u sbieħ. Minn hemm morna ġo belt oħra biex nieklu '*all you can eat*' kollox *home made*, *Italian Buffet*. Verament li kulħadd ħa pjaċir fil-kumpanija ta' xulxin mal-Kumitat A.Q.A., fejn ukoll xi ċajta ma naqsitx. Issa baqalna biss tliet *trips* oħra, f'Ottubru u Novembru u diġa' huma bbukkjati t-tlieta.

Din is-sena wkoll, jekk il-Mulej, il-Kunċizzjoni u San Ġużepp iżommuna qawwijin u sħaħ beħsiebna niġu nżuru lil tal-Familja, qraba u ħbieb tagħna flimkien mal-familja tiegħi kollha. Anke ngawdu l-festa li tant inħobbu, dik tal-Patrun tagħna San Ġużepp. Hawn nieħu pjaċir wisq b'dik il-Quddiesa tal-Emigranti li din is-sena nkun jien bil-Bandiera Awstraljana. Niżlin ħafna nies mill-Qala ukoll, mela niltaqgħu l-Qala. Issa ġie kkonfermat ukoll li l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Mario Grech ser iżur l-Awstralja għal Settembru – Ottubru 2011. Aħna tal-A.Q.A. u l-għaqdiet l-oħra Għawdxin, beħsiebna nilqgħuh b'ruħna u ġisimna. Qegħdin nippruvaw biex nagħmlu *Dinner Dance* Kbir, u anke Quddiesa Kbira. Jiena meta nkun hemm ser nitkellem miegħu fuq xi programm, li jixtieq Hu. Hu ġej mal-Familja tiegħu.

**Il-Messaġġ tiegħi għall-Festa:**

Il-messaġġ tiegħi għall-festa tagħna ta' San Ġużepp li s-sena ser taħbat il-Ħadd 7 t'Awwissu 2011: Reġgħet għaddiet sena oħra u reġa' wasal dak iż-żmien sabiħ u mistenni minna l-Qalin. Fir-raħal tagħna diġa' ilha tinħass il-ħeġġa fost id-diversi nies, l-aktar iż-żgħażagħ. Il-voluntiera tar-Radju diġa' bdew jippreparaw l-iskeda tal-Festa, it-tfal jippreparaw biex iżejnu t-toroq tal-Qala. Hu żmien sabiħ li kull min iħobb lil raħal twelidu żgur li jħoss ġo qalbu dak il-ferħ u kburija li l-festa ġġib magħha. San Ġużepp min-naħa Tiegħu mill-Ġenna fejn

qiegħed jarana u jħarisna, jitpaxxa bina u japprezza x-xogħol tagħna, t-talb u l-qima li aħna nagħtuh.

Huwa tajjeb ħafna li barra l-festa esterna nagħmlu ħilitna biex nagħtu importanza lill-festa interna. Dan nagħmluh billi nieħdu sehem matul in-novena, it-tridijiet u l-funzjonijiet kollha li jsiru fil-knisja. Quddiesa, qrara u tqarbina tajba, huma l-qofol tan-nisrani. B'hekk nuru li verament inkunu nogħġbu lill-Patrun tagħna San Ġużepp.

J'Alla l-festa tiġi biex nieħdu pjaċir, niddevertu flimkien u forsi niltaqgħu ma' xi ħbieb antiki emigranti li nkunu ilna ma niltaqgħu magħhom xi ftit mhux ħażin. Veru li dik il-ġimgħa tal-festa l-Qala tkun qalb waħda, familja waħda. Nemmen ukoll li San Ġużepp ikun qed jitfa' l-barka tiegħu fuqna u fuq raħalna mhux fil-festa bss imma s-sena kollha. F'ismi u f'isem il-familja kollha tiegħi, sħabi tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Qala fl-Awstralja, minn qalbi nixteqilkom ilkoll il-Festa t-Tajba. B'mod speċjali nsellem ukoll lit-teżoriera tal-Għaqda tagħna, s-Sinjura Rita Mizzi u l-Familja tagħha li jinsabu fostkom biex huma wkoll igawdu lill-familji, qraba u ħbieb tagħhom. Lill-Emigranti Qalin kollha li jinsabu fostkom, biex huma wkoll igawdu lill-familjari u anke jgawdu l-Festa tal-Manjus. San Ġuzepp jitfa' ħarstu dejjem fuqna u jberikna.

Ġużeppi Missier tagħna, b'ħarstek ieqaf dejjem magħna. Din is-sena ninsab kuntent hawn magħkom biex flimkien ingawdu din il-festa li tant inħobbu. Niddevertu, nieħdu gost, iżda wkoll nersqu għas-sagramenti u l-funzjonijiet tal-knisja. Biex flimkien u f'għaqda waħda nagħtu ġieħ, qima, unur u glorja lill-Kbir Patrijarka San Ġużepp kif verament jixraqlu.

Nixtieq nispiċċa l-ittra tiegħi b'dawn l-istrofi:

**Insellimlek O Ġużeppi**
**Kbir għamlek il-Hallieq**
**Int mudell tal-ħajja tajba**
**Fik insib dak li nixtieq.**

**F'dil-ġurnata tant sabiħa**
**Ġieħ inroddu bnin u kbir**
**Mħabbitna fina nuru**
**Lil Ġużeppi b'tant tifħir.**

**O Ġużeppi kemm int ħelu**
**Qatt ma nixba nħares lejk**
**Meta toħroġ ir-ruħ tiegħi**
**Int ilqagħha ġewwa jdejk.**

Inselli għalikom ħafna u l-festa t-tajba lill-Qalin kollha.

Saħħa. ■

**VIVA L-MANJUS - VIVA L-QALA.**




# IN-NAJSI

**Mario Camilleri**

"Camilleri Family" 21,
Independence Street, Qala, Gozo.

**Tel: 2155 4941**
**Mob: 9946 0725**
**9988 5457**

- **For all kind of Concrete Works**
- **CRANE HIRE**



BEAVER

**Whether** you are mother of the bride/groom or guest we want you to have the perfect dress for your special occasion.
**We** also carry evening dresses and formal wear, shoes, bags and also hiring of hats.

**2, St George's Square, Victoria, Gozo, Malta - Tel: 2155 1287**
*Left handside of St George's Basilica*

Xerri il-Bukkett



BAR - RESTAURANT
PIZZERIA

Zewwieqa Road, Qala - Gozo
Tel: 2155 3500 • Fax: 2156 5394
Mob: 9949 0679
E-mail: bukkett@maltanet.net

Pjazzetta Hardware

Best Quality Lowest Prices



Dun Martin Square,
Nadur, Gozo. **Tel: 2155 6498**

**GELLUXA SUPPLIES LTD**

*General Merchant*

Store A,
N.B. Grunju Street,
Qala, Gozo

**T:** 2155 1555
**F:** 2155 4273
**M:** 9982 4300
**E:** gelluxa@maltanet.net

# Żjara ta' Ftit Sigħat tal-Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi fil-Qala

Nhar Ħadd il-Palm filgħodu, l-Onorevoli l-Prim Ministru akkompanjat mis-Sinjura Kate Gonzi, flimkien mas-Segretarju Ġenerali Dr. Paul Borg Olivier u s-Sinjura tiegħu u Uffiċjali oħra tal-Partit Nazzjonalista, għamlu żjara ta' nofs ta' nhar fir-Raħal tal-Qala.

Dawn waslu fil-pjazza tal-Qala għall-ħabta tad-9.00am, fejn ġew milqugħa mis-Sindku s-Sur Paul Buttigieg, kif ukoll mill-President u Kumitat tal-Partit Nazzjonalista tal-Qala. Hawn huma assistew għall-Purċissjoni ta' Ħadd il-Palm, fejn it-tfal lebsin lbies Lhudi akkompanjaw lis-Saċerdoti bil-weraq tal-Palm f'idejhom. Il-Purċissjoni telqet mill-Kunvent tas-Sorijiet Franġiskani fi Triq il-Kunċizzjoni lejn il-Knisja Arċipretali fejn fl-10.00 ħarġet il-Quddiesa Konċelebrata mmexxija mill-Arċipriet ir-Reverendu Kan. Dr. Joe Zammit, assistit mis-Saċerdoti tal-Parroċċa. Kienet quddiesa verament sabiħa li kienet immexxija mill-Adolexxenti tal-Parroċċa u akkompanjata mid-daqq melodjuż tal-kitarri u bil-kant ta'numru sabiħ ta' żgħażagħ Qalin li jagħtu s-sehem tagħhom fil-funzjonijiet kollha liturġiċi matul is-sena kollha.

Wara l-quddiesa l-Prim Ministru tkellem ma' wħud mill-Qalin li marru jsellmulu. Huwa mar personalment fuq iż-żgħazagħ tal-kor u ferħilhom għal dak il-kant melodjuż u sabiħ tagħhom, xi ħaġa li tkompli tkabbar u ssebbaħ il-funzjoni liturġika li tkun għaddejja.

Imbagħad huwa daħal fis-Sagristija u tkellem mal-Arċipriet u mas-Saċerdoti u dawk kollha preżenti. Huwa ferħilhom għall-mod sabiħ u interessanti li bihom imexxu l-funzjonijiet fil-Knisja, bħal ma kienet dik ta' dakinhar. Hawn l-Arċipriet irringrazzja lill-Prim Ministru tal-kumplimenti sbieħ tiegħu u talli għoġbu jattendi għall-funzjoni fil-knisja tagħna. Wara huwa spjegalu li kull ma jsir fil-Knisja jsir bil-għajnuna u bil-koperazzjoni sħiħa ta' bosta żgħażagħ li kontinwament joffru s-sehem sħiħ tagħhom f'kull ċirkostanza li tinqala' fil-Qala.



Minn hawn il-Prim Ministru għamel żjara fiċ-Ċentru tad-Dutrina tal-Museum tal-Irġiel li jinsab biss ftit passi bogħod mill-knisja. Hawn huwa kien milqugħ mis-Superjur tal-Post, is-Sur Pawlu Grech u mis-Soċji sħabu. Is-Superjur dawwar lill-Prim Ministru mal-post u spjegalu d-diversi ħidmiet li jsiru fil-fergħa Mużewmina tal-Qala. Imbagħad il-Prim Ministru għamel kelmtejn ta' apprezzament għall-ħidma kbira li l-Museum wettaq u għadu qed iwettaq f'pajjiżna u b'tifkira ta' din il-viżta huwa offra lis-







Superjur ktieb mimli opri tal-Arti li jinsab fil-knejjes Maltin. Is-Superjur min-naħa tiegħu offra wkoll ktieb, ippubblikat mill-istess Għaqda Mużewmina lill-Prim Ministru.



Imbagħad kien imiss li l-Prim Ministru jagħmel żjara fl-Istudjows tar-Radju tal-Parroċċa "Radju Leħen il-Qala". Hawn huwa kien milqugħ mill-Arċipriet Fr. Joe Zammit u miċ-*Chairman* tar-Radju s-Sur Ivan Cefai u l-Bord tal-istess entita'. Waqt din iż-żjara, l-Prim Ministru kien mitlub jagħmel messaġġ dirett fuq ir-Radju li ovvjament kien għaddej bl-iskeda tiegħu. Hawn ukoll Dr. Gonzi wera l-apprezzament lejn il-volontarjat li jeżisti qawwi ħafna f'pajjiżna u feraħ lill-Parroċċa kollha għall-istazzjon li rnexxielha tarma



fil-lokalita' tagħha tal-Qala. Xi ħaġa li minnha jgawdi r-raħal kollu kemm hu.

Żjara oħra ppjanata kienet dik fil-Każin tal-Banda tal-lokal, "Ite Ad Joseph". Hawn kien milqugħ mill-President Dr. Raymond Xerri u mill-Kumitat tal-istess Soċjeta'. L-Arċipriet kien preżenti wkoll waqt din iż-żjara. Hawn saru diskorsi kemm mill-President kif ukoll mill-Prim Minstru fejn awguraw u rringrazzjaw lil xulxin. Huma għaddew rigali lil xulxin u wara l-Prim Ministru ġie mitlub jikxef plakka li tikkommemora din il-viżta tiegħu fil-Każin tal-Banda "Ite Ad Joseph".



Finalment huwa żar ukoll lir-Restoranti u *Bars* li hemm fil-Pjazza tal-Qala u beda mid-"D Bar" Bar & Rest., għal "Ta Vestru" B & Rest., it-"22 Four" Bar & Rest., "Ta Żeppi" Bar & Rest, u "Kaputa" Bar & Rest. Hawn huwa ltaqa' kemm mas-sidien kif ukoll man-nies li nzertaw preżenti f'dak il-mument.



B'hekk ġiet fi tmiemha ż-żjara tal-Prim Ministru fil-Qala. Qabel telaq, il-Prim Ministru esprima s-sodisfazzjon tiegħu għal-laqgħat li huwa kellu f'dik il-għodwa u għall-mod ġeneruż li bih huwa ġie milqugħ. Huwa rringrazzja lill-Kumitat tal-Partit fil-Qala u lis-Sindku għall-programm li rnexxielhom jagħmlulu u tal-paċenzja li ħadu li għaddew dak in-nofs ta' nhar miegħu u mad-delegazzjoni li akkompanjatu. ■

# Gozo International Celebration

EASTER EDITION 2011



# Do we need God?

For many people – youngsters in the forefront – religion has become like an old grandfather. People stop at his house pretending to be listening to his ramble about the good old days but what he says is no longer relevant to their way of life. They pat him respectfully on his shoulder and proceed to their daily living knowing for sure that his ramble is definitely out of date.

Yes times have changed. I remember my grandfather telling us about the good old days. How the family's life was centred around the church activities and the priest could explain every phenomenon from a cloud to a drought. Those were the years when there were no radios or TVs or internet and so information sources were limited. Today this way of life is pure imagination and one would be naïve to hope that it will return. Secularism has entered our lives and religion has steadily moved out.

Modern culture has rendered religion irrelevant in many fronts. Science today has more answers to modern problems than any established religion. Man today is highly sceptical of mysteries and dogmas. He wants solutions here and now and not in the abstract world of the beyond. Even those who are religious would prefer to seek their own personal way to reach their God. They do not need the established church to lead them on. They can go their own way without the help of any cleric, bishop, rabbi, imam, pastor, or pope. They opt for a do it yourself religion.

If we were to look at the imprints of Religion and Secularism in today's world we would have to agree that the latter is winning hands down. No one can stop its victorious strides. People in authority say that the state is there to govern while religious authorities are there to teach. But this should not sadden us. In fact it could be a good omen. Because the intertwining of religion and authority could lead to undesired effects. Religion and civil authorities are very dangerous bedfellows. Together they could very well create a monster. The inquisition is a case in point and so are the modern fundamental Islamic countries who opt to rule through the Sharia law where the mere mention of

Mohammed in vain is punished by the death sentence.

However it is important to find a way in between. And this has already been found by Jesus. When he was confronted with the question:

“Should we pay taxes?”

He replied: “Give to Caesar what is Caesar’s and to God what is God’s”.

In that short witty answer Jesus said it all. State and church need each other. The state is there to legislate and the Church is there to guide our legislators through the accumulated wisdom of the age.

But today’s secularism is aggressive. People behind it would not tolerate religion. They would like all religious symbols taken away from public places. The mere mention of Christmas or Easter is offensive to them. They opt for books where God is not mentioned. Where there is no room for prayer. Where the Bible, the Koran, the Vedas writings are all lambasted into oblivion and therefore err on the side of atheism. They are all out to create a world without God.

We have reached a point where in some quarters we can talk for hours on end about sports and politics…. about literature and the weather, but if one were to mention God or something related to Him one is bound to be called a bore. One is expected to be an expert on certain topics but if one happens to delve deeper in the knowledge of God then one becomes a fanatic…a do without friend.









But history has taught us that when a society grows away from God, when faith in God is considered meaningless if not dangerous, when all piety is just a waste of time and when all that matters is the amassing of wealth, humanity was in for great surprises. For without moral values man can really degenerate his judgement and actions. So did the Nazi and the Communists. They sidelined God and the end result was the ethnic cleansing of whole races and cultures. And the men behind these atrocities say that these are justified in the circumstances. Even the most treacherous terrorist acts are said to be the voice of the voiceless and so they consider them justified and there is nothing wrong in organizing and executing them. Without moral values man can be very inhuman to his fellow humans! In his note before committing suicide, Robert Ley, one of the big names in the Nazi regime wrote: “We have forsaken God and therefore there was nothing to stop us……” “without faith man is empty. He has no ideals. He has nothing to live for. He has no sunshine, no light, no joy in life. He is a poor, poor creature!”

Man has become very arrogant because of his vast knowledge. He has so much power that he thinks that he can control everything. Yet all around him he can see how helpless he can be when confronted by terminal illness, natural disasters or unforeseen circumstances. We can play God but at times when we are sincere with ourselves we have to admit how weak and vulnerable we all are.

People are beginning to realise that materialism is not the key to happiness. We have almost everything and still are not satisfied. Look at our youngsters, in spite of all the modern comodities they can still be very angry and negative towards society.

Yes God is still very relevant if we want to build a just society. He is still relevant because even die hard secularists at some time in their lives feel the void in an existence without a supreme Being. They perhaps call it intelligent mind or intelligent factor. We call Him God. Without this pivot all moral values diminish and at times disappear. That is why George Washington told his colleagues when they were preparing for the birth of their new free nation: "It is impossible to govern this nation without God".

True wisdom starts with a heart full of faith not a head full of facts.

The pace of life today is hectic. It leaves very little time to think and pray. We have reached a point where we are looking but not seeing, touching but not feeling, hearing but not listening, ageing but not living. We must take a rest. We must stop and when we call Him asking doubtfully: "Oh God are you still there?" He lovingly answers: "Yes I have been near you all along waiting for your call" ■

Dr Franco Mercieca







**Esteemed Canon Dr Zammit,**

The Ambassador of the Order Umberto Di Capua thanks you for extending an invitation to him to attend the International Celebration of the Qala Parish Church this coming Sunday, 10th April, which invitation was received at the Embassy today.

The Ambassador wishes you a memorable evening which will truly bring to the fore the most obvious but oft overlooked fact : God's Presence in All Things and our powerlessness unless connected to His Light and His Love, whilst tackling your chosen theme "Can we do without God" through Music and Art . I regret to inform you that Ambassador Di Capua is away until May 2011 and will be unable to attend.

Sincere regards,

**Yasmine Nuvoli**
PA to the Ambassador



# THE GOZO INTERNATIONAL CELEBRATION - EASTER EDITION

By: Victor Grech

The 17th Gozo International Celebration, the Easter Edition held at St. Joseph's Parish Church, Qala, on Sunday 10th April 2011 was characterized by the excellent performances of young Qala talents as was noted in more than half of the questionnaires filled in and returned at the end of the celebration. At the end of each of the three annual editions of the GIC, questionnaires are distributed among the multinational audience who attend this ecumenical event for all foreign nationals residing or visiting Gozo, which was launched by Can Dr Joseph Zammit, Archpriest of Qala, six years ago. 34% of the respondents who hailed from England, Holland, Italy and Scotland said that they were impressed by the fact that most of the performers were young musicians and singers who still gave high quality performances. Some referred to the youth element in general while others made specific references.







A few quotes will suffice to give an insight into the impressions that some of the audience took of the young talent in the GIC. "I wonder how such a small community can produce so many talented performers!" "The youth participation was impressive" "From the last time I was here you seem to have taken up a talent youth policy, Keep it up".

Two respondents commented that there was no need for artificial amplification of the voices because it distorted the brilliance of the voices. One of these explained that due to the 'impressive acoustic' of the church, there was no need for such sound amplification. Another respondent said that it was a good idea to blend the artistic medium to the music medium referring to artist Manuel Farrugia who drew and painted his impressions of the celebration during the celebration itself.

The young pianists who performed during the GIC were Matthew Tabone, Anna Borg and Frankie Magro, while the St. Joseph youth Band under Director Antoine Mercieca, played Ballo (G.F. Handel), Minuetto (Boccherini) and Pizzicato Polka (Johann and Josef Strauss). This band

is made up of Marlene Rapa and Miriam Mifsud (1st Clarinet), Adele Debattista and Rachel Azzopardi (2nd Clarinet), Jessica Mizzi and Connie Xuereb (3rd Clarinet) and Johnny Mizzi (Base). Pianist Matthew Tabone played Souvenirs d'Enfance (Richard Clayderman), Lady Di (Richard Clayderman) and He's a Pirate (Klaus Badelt). Pianist Frankie Magro accompanied the magnificent Parish "Magnificat Choir" directed by Can Dr Joseph Zammit in delivering "Mulej Hniena", "Qaddis", "Haruf t'Alla", (Mro Carmelo Zammit) and "Madwarek Gesu'" (Chopin). "How lovely are thy dwellings" (Psalm 54 by Samuel Liddle) was interpreted by Soprano Patricia Buttigieg, whilst Tenor Joseph Buttigieg sang "Nella Fantasia" (Ennio Morricone) and Soprano Roxana Xuereb interpreted "Only Hope" (Mandy Moore). "Amazing Grace" (Old Christian Hymn – John Newton) sung as a duet by Tenor Joseph Buttigieg and Soprano Patricia Buttigieg brought to an end the Celebration.

The youth element was blended with the more experienced 'The University Junior College Orchestra' directed by Mro Manoel Pirotta, which interpreted in a Monastery Garden (A.W. Ketelbey) with Gilbert Delicata as soloist, Gabriel's Oboe (E. Merricone), Hero (W. Afanasieff) with Ylenia Vella as soloist, Getzemani (R. Dorado Janeiro), Air for Winds (Andre Waignein) and Vesti la Giubba (Ruggero Leoncavallo) with Gilbert Delicata as soloist.

In his message revolving round the GIC theme, the Archpriest Can Dr Joseph Zammit referred to a secular society which considers those that delve deep in the question of God as fanatics and deem piety as a waste of time because it is only money that counts. Having sidelined God, our society is fast losing ground as far as moral values are concerned and it is sadly shedding away its humanity. Society can only deteriorate without the help of God, and it is the church which guides society to follow in the footsteps of Christ. Society is becoming arrogant believing it has enough wisdom, power and control to thrive on its own merits. That is the main reason why life has become destitute of joy and facing one crisis after the other which is lacerating it. The Archpriest encouraged the audience to seek once more the Spirit of God and allow the Spirit descend in its heart and guide its ways. ■












38,
Pjazza San Guzepp,
Qala
For Your Daily Fresh Fruits & Vegetables
Discount Prices
PAUL MICHAEL
MINI MARKET
FREE HOME DELIVERY
2155 9804 / 9929 2732
For the Best Quality
on Delicatessen...
different types
of cheese
Your Best
Discount Prices
on all our items


The name
you can trust
TOPSERV LIFTS LTD
we
adapt
to your
space
Panoramic lifts -
integrated to buildings
& improve the
architectural environment
Cabins -
designed for
residential or
public buildings
LIFTS
- Passenger Lifts
- Home Lifts
- Lifting Platforms For Disabled
- Goods Lifts
- Car Lifts
- Escalators
- Dumb Waiters
- Machine Roomless Lifts
- Hydraulic & Traction Systems
CABINS
Panoramic
Circular
Classical
Modern
Guaranteed After Sales Service
by qualified technicians
24 Hour Emergency Service
Sales & Service In Malta & Gozo
Topserv Lifts Ltd, Triq L-Imgarr, Ghajnsielem (Gozo) G 15
Telephone: (+356) 21 55 79 93
Facsimile: (+356) 21 56 15 78
email: johnjcefai@onvol.net
AGENTS FOR
KLEEMANN
KLEFER
Leistritz

## PERSUNAĠĠI QALIN (2)

***Sensiela informattiva u edukattiva dwar persunaġġi li għamlu ġieħ lill-Qala***

# Dottor Anton Buttigieg, B.A., LL.D., M.P.

Missier – Eks-Spettur tal-Pulizija – Nutar - Avukat – Ġurnalista – Editur - Ministru – Deputat Prim Ministru - It-Tieni President tar-Repubblika ta’ Malta – Kittieb u l-Poeta tan-Natura

*Riċerka u kitba minn:* **Dr. Raymond C. Xerri**

Anton Buttigieg twieled f’dar ċkejkna fi Pjazza San Ġużepp, il-Qala Għawdex fid-19 ta’ Frar 1912 u tgħammed fl-istess ġurnata fil-knisja ta’ San Ġużepp tal-istess raħal. Anton kien l-iżgħar wild minn tlieta ta’ Salvatore u Konċetta neè Falzon. Id-dar fejn twieled tinsab ma’ ġenb il-Pjazza, fejn illum insibu lapida sabiex tfakkar l-importanza ta’ dan il-post, dak iż-żmien kienet dar numru 9, Triq in-Nadur, illum 45 Pjazza San Ġużepp.



Hu ġie edukat fl-iskola tal-Gvern tar-raħal tagħna li dari kienet fl-istess pjazza maġenb fejn illum insibu l-Każin tal-Għaqda Mużikali *Ite ad Joseph* – Qala bejn l-1916 u l-1922. Anton Buttigieg għamel il-Griżma tal-Isqof fis-17 ta’ Ġunju 1917 fil-knisja ta’ San Ġużepp il-Qala. L-edukazzjoni sekondarja għamilha fis-Seminarju tal-Qalb ta’ Ġesù, ir-Rabat, Għawdex bejn 1923 - 1927. Tajjeb li ngħid li dak iż-żmien la kien hawn karozzi tal-linja wisq inqas vetturi privati, allura biex imur l-iskola kien imur b’xi rota tal-militar, bil-ħmar u l-karettun jew aktar popolari bil-mixi. Anton kien jitlaq fil-ħamsa ta’ filgħodu lejn ir-Rabat, kien jiġi jiekol xi bukkun id-dar f’nofsinhar u għall-ħabta tas-sagħtejn jerga’ jimxi lejn ir-Rabat. Filgħaxija kien iħobb jirritorna d-dar kull meta seta’, però jew imħabba l-volum ta’ studju jew għaliex it-temp ma kienx jippermetti, kien jorqod is-Seminarju.

**L-Avukat Anton Buttigieg**

Kompla l-istudji tiegħu fil-Kulleġġ San Alwiġi Birkirkara bejn l-1928 u l-1930 u fl-Universita’ Rjali ta’ Malta fejn iggradwa f’Baċċellerat tal-Arti fl-1934 u ħa Dottorat fil-Liġi fl-1940. Fl-1939 Anton sar Nutar u fl-1941 kien ħa l-*warrant* ta’ Avukat. Peress li l-istudju tiegħu kellu jsir ġewwa Malta, kien ifisser ġranet u ġimgħat ‘il bogħod mill-familja tiegħu u l-Qala u aktar ma għadda ż-żmien Malta saret bil-mod il-mod id-dar ġdida tal-Avukat Anton Buttigieg. Li persuna mill-Qala tilħaqq nutar u mbagħad avukat kienet xi ħaġa rari ħafna, dan għaliex in-nies Qalin ta’ dak iż-żmien kienu l-waħdiet li kienu jkomplu l-istudju tagħhom. Fil-fatt dak iż-żmien kont tgħodd fuq id waħda dawk li kienu jkomplu l-istudji universitarji però l-Qala dak iż-żmien kellha żewġ avukati, Anton u l-Dottor Salv Attard, l-ewwel Maġistrat Għawdxi. Bħal ħafna Qalin u Għawdxin illum, sabiex wieħed javanza fil-karriera bilfors irid jibbaża ruħu Malta u jħalli raħal twelidu warajh. Mal-Qalin, Anton kien magħruf bil-laqam, bħala Toni tal-Baħri.



Dr Buttigieg kellu bżonn jgħix x’imkien qrib il-kapitali Valletta minħabba li ħafna mix-xogħol tiegħu kien hemm, hu mar jgħix il-Ħamrun. Dak iż-żmien raħal imdaqqas ċentrali u kien qiegħed jikber b’rata mgħaġġla. Kien żmien it-Tieni Gwerra Dinjija u l-Ħamrun kien fil-mira tal-attakk mill-ajru tan-Nażisti fuq pajjiżna. Matul it-Tieni Gwerra Dinjija (1942-1944) l-Avukat Anton Buttigieg serva fil-Korp tal-Pulizija bħala *Inspector* fejn prattika l-liġi.

**Anton Buttigieg - Il-Missier**

Fl-25 ta’ April 1944 hu żżewweġ lil Karmena Bezzina, bin Ġanni u Ġejtana nee’ Vella fil-Knisja ta’ Santa Venera, il-Ħamrun. Minn Carmela hu kellu tlett itfal,

John (illum Dr. John Buttigieg, B.A., LL.D, bi professjoni ta' avukat u ex-deputat parlamentari); Rose (miżżewġa lil Dr. Joe. Brincat, B.A. (Lond)., B.Sc. (Econ.) (Lond), LL.D., avukat u ex-deputat parlamentari) u Emanuel (Dr. E. Buttigieg LL.D. bi professjoni ta' avukat). Il-mewt ta' Carmen u Connie kienu żewġ traġedji kbar u dan ġie rifless fil-poeżiji tiegħu. L-Avukat Buttigieg għadda minn perjodu diffiċli ħafna f'ħajtu fejn kieku ma kinitx il-poeżija ma nafx fejn kien jispiċċa Anton.

**Anton - Il-Ġurnalist u Editur**

Fit-28 ta' Novembru 1953 Anton iżżewweġ lil Connie Scicluna, bin Paċifiku u Karmela neè Tabone fil-knisja ta' San Lawrenz, il-Birgu. Fl-1955 Anton serva bħala aġent Maġistrat. Huwa kien ġurnalist fil-qrati għall-gazzetti '*Times of Malta*' bejn l-1946 u l-1948 u editur ta' '*The Voice of Malta*' bejn l-1959 sa l-1970.

Fit-28 ta' Ġunju 1975 hu żżewweġ lil Margery nee' Patterson ta' nazzjonalità Ingliża fil-knisja ta' San Ġiljan, f'San Ġiljan, Malta. Dr. Anton Buttigieg kien President tal-Każin tal-Banda San Gejtanu fil-Ħamrun. Hu kien iħobb it-tlielaq taż-żwiemel u l-ġnien.

**Il-Ħajja Politika ta' Anton – Ministru, Deputat Mexxej u Deputat Prim Ministru ta' Malta**

Anton embarka f'karriera politika u ġie elett fil-Parlament fl-interess tal-Partit Laburista fl-1955. Huwa baqa' jiġi elett u żamm is-siġġu tiegħu fil-Parlament sa ma rriżenja f'Ottubru 1976. Mill-1959 sa l-1961 huwa kien il-President tal-Partit Laburista u bejn l-1962 u l-1976 kien Deputat Mexxej. Meta tela' l-Partit Laburista fil-Gvern fl-1971 huwa serva bħala Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u għall-Affarijiet Parlamentari.

Anton kien delegat fil-Konferenza Kostituzzjonali Maltija li saret fl-Londra fl-1958 u dik tal-1964. Huwa ukoll kien rappreżentant għall-Assemblea Konsultattiva fil-Kunsill tal-Ewropa bejn l-1967 u l-1971, fejn ġie elett Viċi-President bejn l-1967 u l-1968.

**L-Eċċellenza Tiegħu Dottor Anton Buttigieg (1976-1981)**

F'Ottubru, 1976 hu rreżenja mill-Kamra tad-Deputati u fis-27 ta' Diċembru Anton ġie elett it-tieni President tar-Repubblika ta' Malta. "L-Avukat Buttigieg laħaq President tar-Repubblika ta' Malta wara Sir Anthony Mamo," "il-Baħri laħaq President," L-Avukat laħaq President ta' Malta," dawn huma ftit mill-kummenti li nstemgħu jidwu mar-raħal tal-Qala f'dik l-għodwa xitwija. Matul il-Presidenza ta' Buttigieg Malta għaddiet minn perjodu partikolari. Fil-31 ta' Marzu 1979 Malta kisbet il-Ħelsien u l-aktar ritratt famuż tal-President Buttigieg li jittimbra l-Presidenza tiegħu hu bla dubju ta' xejn, hu flimkien ma' martu Margery fuq is-swar ixejru lill-aħħar bastiment Ingliż ħiereġ mill-Port il-Kbir. Il-President Buttigieg temm il-Presidenza tiegħu nhar is-26 ta' Diċembru 1981.

**Anton Buttigieg, il-Poeta tan-Natura**

Dr. Anton Buttigieg iddistingwa lilu nnifsu fil-qasam letterarju. Meta kien għadu fl-Università hu kien membru fundatur tas-Soċjeta għall-Lingwa Maltija fis-26 ta' Jannar, 1931 u membru tal-Akkademja tal-Malti fl-20 ta' Marzu 1938. Fl-1971, hu rebaħ il-Premju tal-Gvern Malti u ġie l-ewwel fil-poeżija u fl-1972 hu rebaħ il-premju Ġuże' Muscat Azzopardi għall-poeżija. Fl-1975 f'Reggio Calabria hu ngħata l-plakka tal-fidda '*Circolo Culturale Rhegium Julii*' għall-poezija. Fl-1977 hu rebaħ l-'*International Prize of Mediterranean Culture for Poetry*' miċ-Ċentru *Di Cultura Mediterranea* ta' Palermo, fi Sqallija. Fl-1979 huwa rebaħ l-Ewwel Post u Diploma fil-Poeżija miċ-Ċentru Kulturali Artistiku Letterarju fil-Belt ta' Brindisi, fl-Italja. Fl-istess sena ngħata l-ewwel post għall-ewwel volum awto-bijografiku tiegħu '*Toni tal-Baħri*'. Dr. Buttigieg kien ukoll President tal-Għaqda Mużikali San Gejtanu tal-Ħamrun.

**Buttigieg il-kittieb**

Fil-qasam tal-poeżija lirika, l-poeta Anton Buttigieg ippubblika għadd ġmielu ta' kotba: "Mill-Gallarija ta' Żgħożiti" (1949), "Fanali bil-Lejl" (1949), "Fl-Arena" (1970), "Ballati Maltin" (1973), "Il-Mare di Malta" (1974), "Il-Għanja tas-Sittin (1975), "The Lamplighter" (1977), "Qabs el Moshah" (1978), "Poeżiji Miġbura- L-ewwel Volum" (1978), "From the Balcony of my Youth" u "Lamps in the Night" (1978).

Anton kien prolifiku anke fil-qasam tal-poeżija umoristika. Ippubblika żewġ kotba "Ejjew nidħku ftit" (1963) u "Ejjew nidħku ftit ieħor" (1966). Kotba oħra fl-oqsma poetiċi msejjaħ ħajku - li hi poeżija Ġappuniża fi tliet vrus ġeneralment ta' sbatax-il sillaba - u fil-qasam tal-poeżija tankas Anton kellu għadd ta' kotba. Dawn kienu: "Il-Muża bil-Kimono" (1968) ippubblikati bil-Malti, l-Ingliż u l-lingwa Ġappuniża; "Ballati Maltin" u "Maltese Ballads" (1973); "Il Mare di Malta (Edituri, de Lucca, Ruma 1974); "Għanja tas-Sittin" (1975); Xogħlijiet oħra huma: "Żibeġ u Boċċi" (1978) u *The Lamplighter* – antoloġija ta' poeżiji Maltin maqluba għall-lingwa Ingliża minn Francis Ebejer u ġew ippubblikati fil-lingwa Slovena u Ġermaniża.

**Anton Buttigieg iben il-Qala**

L-ewwel ftit snin ta' ħajjet Anton Buttigieg qattagħhom fil-Qala u kienu l-aktar snin formattivi tiegħu tant li matul ħajtu minkejja li kien jgħix il-Ħamrun u fil-Palazzi Presidenzjali żar raħalna regolarment. Il-Qala dejjem kienet f'qalbu. Hu kien iħobb it-tlielaq taż-żwiemel u l-ġonna, passatempi li żgħur jafu l-bidu tagħhom fil-



ħajja rurali tal-Qala. Fl-1948, Anton irregala lill-Knisja Arċipretali kurċifiss minqux f'għuda tal-qastan mill-fabbrika ta' Ferdinado Stufflesser tal-Provinċja ta' Bolzano, l-Italja u li llum jinsab fuq l-artal tal-kappellun u jifforma parti mis-sett vari tal-Ġimgħa l-Kbira fir-raħal tagħna. Dan il-kurċifiss ġie jiswa' Lm90.

L-Iskola Primarja tar-raħal tagħna ngħatat l-isem ta' President Dr. Anton Buttigieg kif ukoll issemmiet triq għalih fiż-żona Ta' Kassja.

Il-President Emeritus Dottor Anton Buttigieg miet fl-eta' ta' 71 sena wara marda kiefra nhar il-5 ta' Mejju 1983, fil-Kappara, Malta. Hu ngħata funeral statali. Fi Triq Nazzjonali l-Blata l-Bajda nsibu monument ta' Anton bilqiegħda f'pożizzjoni ta' ħassieb bi ktieb u musbieħ f'idejh. Huwa mfakkar f'raħal twelidu fi Pjazza Isqof Mikiel Franġisk Buttigieg fil-Qala fejn insibu bust tal-iskultur Anton Agius, mir-Rabat ta' Malta. Dan il-bust twaqqaf fuq inizjattiva tal-Kumpless tal-Liċeo li dak iż-żmien kien immexxi mill-Mons. Anton Gauċi. Dan il-bust inkixef minn iben Anton, Dr. John nhar is-Sibt, 15 ta' Diċembru, 1984 bħala parti minn programm, li kien jifforma parti mill-Festi tal-Għaxar Anniversarju ta' Jum ir-Repubblika, f'Għawdex. L-Iskola Primarja tal-Qala li llum tifforma parti mill-Kulleġġ ta' Għawdex iġġib ismu. ■



**Referenza:**


AGIUS, Joseph, *It-Tlieta "Buttigieg",* Leħen il-Qala, Mejju 1988 Ħarġa Speċjali, paġni 28-29.

*L-Arkivji Parrokjali* tal-Qala, ta' Santa Venera, tal-Parroċċa ta' San Lawrenz (il-Birgu) u tal-Parroċċa ta' San Ġiljan.

BUTTIGIEG, Anton (1945), *Mill-Gallerija ta' Żgħożiti – Damm ta' Poeżija*, Lux Press, Malta.

BUTTIGIEG, Anton (1949), *Fanali bil-Lejl*, Lux Press, Malta.

BUTTIGIEG, Anton (1952), *Il-Għaxqa tal-Madonna*, Poeżija miktuba il-Belt Victoria nhar it-28 ta' Marzu 1952, Leħen il-Qala, ir-Raba' Sena, Marzu 1977, Dolmen Press, Qala, paġna 10.

BUTTIGIEĠ, Anton (1964), *Ejjew nidħku ftit*, Lux Press, Malta.

BUTTIGIEG, Anton (1965), *Ejjew nidħku ftit ieħor*, It-Tieni Damma, Lux Press, Malta.

BUTTIGIEG, Anton (1968), *Il-Muża Bil-Kimono*, Union Press, Malta.

BUTTIGIEG, Anton (1970), *Fl-Arena*, Il-Ħames Damma ta' Poeżiji Liriċi miktuba 1958-1866, Union Press, Malta.

BUTTIGIEG, Anton, (1972), *Il-Ballati Maltin*, Klabb Kotba Maltin, Malta.

BUTTIGIEG, Anton (1973), *Il Mare di Malta*, Klabb Kotba Maltin, Malta.

BUTTIGIEG, Anton (1973), *Messaġġ mill-Onorevoli Dr. Anton Buttigieg*, Leħen il-Qala, Ħarġa Nru.1, paġna 2.

BUTTIGIEG, Anton (1974), *L-Għanja tas-Sittin*, Klabb Kotba Maltin, Malta.

BUTTIGIEG, Anton (1977), *Qasba Mar-Riħ* – It-Tielet Damma ta' Poeżiji Liriċi miktuba 1949-1952, Union Press, Malta.

BUTTIGIEG, Anton (1977), *The Lamplighter*.

BUTTIGIEG, Anton (1978), *Poeżiji Miġbura – L-Ewwel Volum*, Klabb Kotba Maltin, Valletta, Malta.

BUTTIGIEG, Anton (1978), *Qabs el Moshah*.

BUTTIGIEG, Anton (1978), *From the Balcony of my Youth*.

BUTTIGIEG, Anton (1978), *Lamps in the Night*.

BUTTIGIEG, Anton (1978), *Żibeġ u Boċċi*.

BUTTIGIEG, Anton (1980), *Mill-Album ta' Ħajti Anton Buttigieg - L-Għażla tat-Triq*, It-Tieni Ktieb, Klabb Kotba Maltin, Valletta, Malta.

BUTTIGIEG, Anton (1981), *Mill-Album ta' Ħajti Anton Buttigieg - Fil-Morsa tal-Gwerra*, It-Tielet Ktieb, Klabb Kotba Maltin, Valletta, Malta.

GRECH, Karmenu (1985), *Anton Buttigieg u l-Ġuri tal-Ħaddied*, Printwell, Malta.

THEUMA, Lawrenz (2010), Il-*Qala matul iż-żminijiet*, A&M Printing Ltd., Il-Qala, Għawdex.

*Unur Kbir … Għalih … Għalina*, Leħen il-Qala, ir-Raba' Sena, Jannar 1977, paġna 13.

# GĦAQDA TAN-NAR SAN ĠUŻEPP QALA GĦAWDEX FESTA 2011

**Kumitat Għaqda tan-Nar San Ġużepp – Qala Għawdex.**

Il-Membri tal-Għaqda tan-Nar San Ġużepp – tal-Qala Għawdex, jixtiequ javżaw lill-Qalin kollha li kif sar fi snin preċedenti, anke din is-sena ser jipprovdu spettaklu ta' kwalita' ta' Logħob tan-nar tal-Art u tal-Ajru mill-aqwa. Huma dejjem emmnu fil-kwalita' u mhux fil-kwantita' u l-ordni tagħhom dejjem tkun ibbażata fuq il-moderazzjoni. Wara kollox festa mingħajr nar hija festa mejta u 'l bogħod mill-kultura u t-tradizzjoni tagħna l-Maltin u l-Għawdxin. Għalhekk waqt li jistiednu u jawguraw lil kulħadd festa sabiħa, pjaċevoli u ta' sodisfazzjon, jitolbu l-koperazzjoni sħiħa ta' dawk kollha preżenti matul il-jiem tal-festa, mal-awtoritajiet tal-pulizija u mad-diriġenti tal-Għaqda tagħhom.

L-Għaqda kompliet tfakkar li l-ispejjeż ta' dan il-mestier huma kbar u qed ikomplu jikbru minn sena għall-oħra. Dan kemm minħabba l-periklu li jikkawża waqt li jkun qed jiġi maħdum kif ukoll minħabba l-prezz tal-materjal li fil-maġġoranza tiegħu jiġi mpurtat minn barra. Però jżidu jgħidu wkoll b'sodisfazzjon kbir, li l-ġenerożita' tal-Qalin hija waħda kbira u kontinwa. Fil-fatt il-ġbir għan-nar tal-festa mhux biss isir matul l-istaġun tal-festa imma huwa mifrux matul is-sena kollha. Għal dan, l-għaqda tirringrazzja lill-Qalin kollha tal-għajnuna u l-koperazzjoni tagħhom.

Hawn huma jiehdu din l-opportunità sabiex minn qalbhom jirringrazzjaw lill-Arċipriet maħbub tagħna Fr. Joe Zammit li matul is-sena jpoġġi għad-dispożizzjoni tagħhom iċ-Ċentru Parrokkjali sabiex fih jiġu organizzati diversi serati ta' 'High Teas', li jservu ta' 'fund raising' sostanzjali għall-Għaqda tagħhom. Huma jgħaddu ringrazzjament ieħor lin-numru ta' 'helpers' li jmexxu dawn l-attivitajiet – numru ta' nisa mpenjati li b'sagrifiċċju joffru ħinhom u xogħolhom b'risq din il-Għaqda u għaqdiet oħrajn.

Fl-aħħarnett huma jixtiequ jirringrazzjaw ukoll lill-familjari tal-membri tal-għaqda tagħhom li huma nies tal-familja u jinsabu mpenjati wkoll kważi matul is-sena kollha. Apparti dan, mhux kulħadd huwa dispost li jagħti s-sehem tiegħu f'dan it-tip ta' xogħol, minħabba t-tip ta' materjal li huwa magħmul minnu. Ma ninsewx li dawn il-membri daħlu għal dan ix-xogħol b'mod voluntarju li tiegħu jitħallsu biss permezz tal-ħarsien spiritwali u materjali tal-Protettur u Patrun tagħna San Ġużepp li huma tant iħobbu.

Huma jixtiequ l-Festa t-Tajba lill-Qalin kollha, tal-Qala u ta' barra mill-Qala, lill-Emigranti tagħna mxerrdin mad-dinja u lill-Ġużeppini kollha. ■

**VIVA SAN ĠUŻEPP - VIVA L-MANJUS.**









*Paġna Armar*

# Minn l-Għaqda Armar San Ġużepp

Bl-għajnuna ta'Alla reġgħet waslet festa oħra ad unur il-Kbir Patrijarka San Ġużepp u dan iż-żmien iġib miegħu ħafna xogħol rigward l-armar. Bħal kull sena, l-Għaqda Armar San Ġużepp thejji xi opri ġodda kif ukoll tagħmel xi manutenzjoni li tkun meħtieġa lill-armar. Bl-għajnuna ta' ħafna nies, kemm żgħażagħ u kemm kbar, għall-festa Ġużeppina ta'din is-sena, l-Għaqda Armar San Ġużepp ser toħroġ sett ta' ħames pavaljuni tal-liedna għal Triq San Ġużepp u bidu ta' proġett ta' sett pavaljuni tal-liedna għal Triq il-Wardija kollha maħdumin minn voluntieri. Għal Triq 28 ta'April 1688, ser jiżżanżnu żewġ bandalori ġodda, bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-40 sena mill-inkurunazzjoni tat-Titular ta' San Ġużepp.

L-Għaqda Armar bdiet restawr estensiv fuq il-pedestall tal-pjazza li fuqu jittella' San Ġużepp u kif ukoll bdiet l-iskultura tal-istess pedestall. Dan il-proġett huwa mifrux fuq tlett snin fejn fis-sena 2013 ser jiġi inawgurat b'tifkira tat-325 sena mit-twaqqif tal-Parroċċa tal-Qala. L-Għaqda Armar San Ġużepp tixtieq tifraħ lil Dun Krystof Buttigieg, għad-don nobbli ta' Saċerdot moghti lilu minn Alla u fl-aħħar u mhux l-inqas l-istess Għaqda Armar tixtieq tagħti il-festa t-tajba lill-Qalin kollha. ■

**Viva l-Kbir San Ġużepp!**






# Ta' Nisju

## The Curtain shop

*We change your house into a home*

**43A, Palm Street, Victoria - Gozo**
**Tel: 2156 3900**
**E-mail: rosanis@maltanet.net**



# Id-Devozzjoni ta' Dun Ġorġ Preca lejn San Ġużepp



**Mis-Superjur Paul Grech.**

Sa mit-twaqqif tas-soċjetà tal-Museum, Dun Ġorġ minn dejjem ried isir studju speċjali fuq il-ħajjiet tal-qaddisin, fil-laqgħat li ta' kuljum is-soċji jagħmlu bejniethom. Dawn il-laqgħat jissejħu "Assenjatur".

Fil-qaddisin, Dun Ġorġ kien jara persuni li għamlu kull sforz possibbli biex jagħżlu lil Alla f'kollox għax għalihom Alla kien jiġi qabel kulħadd u qabel kollox anzi saħansitra qabel ħajjithom. Għalhekk Dun Ġorġ ħaseb li bl-istudju tal-ħajjiet tal-qaddisin is-soċji jkollhom mudelli fuq min jistgħu jfasslu ħajjithom, l-ewwel huma stess u wara jkunu jistgħu jgħinu lil dawk ta' madwarhom biex kemm jista' jkun kulħadd ikun jaf x'jista' jagħmel biex isalva ruħu. Minn fost il-qaddisin Dun Ġorġ għażel xi uħud minnhom li għall-festa tagħhom hejja programm biex isir fil-kappella tal-Museum mhux biss fost is-soċji iżda mat-tfal il-kbar li jattendu fil-Museum.

Wieħed minn dawn il-qaddisin huwa l-qaddis tagħna, San Ġużepp. Tajjeb li wieħed jinnota li għal San Ġużepp, Dun Ġorġ mhux biss li hejja l-Programm ta' San Ġużepp, iżda tant San Ġużepp kien qaddis speċjali għal Dun Ġorġ li meta ġie biex jagħti isem għal dan il-programm, sejjaħlu "Programm speċjalissimu ta' San Ġużepp". Huwa impossibbli li wieħed jgħid fiex jikkonsisti dan il-programm fi ftit kliem. Tajjeb li wieħed ikun jaf li dan il-programm huwa miġbur fi ktejjeb ta' 51 paġna mqassmin fit-tliet laqgħat: waħda fid-disgħa ta' filgħodu, l-oħra fit-tlieta ta' wara nofsinhar u l-aħħar waħda fil-ħamsa ta' filgħaxija. Dan kollu pprogrammat għal nhar il-festa fid-19 ta' Marzu.

Għal-lum se nieħdu t-tieni waħda li skont l-opinjoni tiegħi hija fost l-isbaħ tal-programm. F'dan il-programm Dun Ġorġ iqiegħed lil San Ġużepp bħala mudell ta' diversi kategoriji ta' nies biex fuq l-eżempju tiegħu jagħrfu jimxu dejjem iżjed f'għaqda waħda ma' Alla. Għax Dun Ġorġ dejjem hekk fehem li dak għandu jkun l-iskop uniku tal-festi biex jgħinuna nersqu iżjed lejn Alla.




F'din il-parti tal-programm Dun Ġorġ jgħidilna li San Ġużepp għandu jkun mudell għall-insara kollha iżda b'mod speċjali huwa mudell għas-saċerdoti. Dun Ġorġ jispjega għaliex huwa mudell speċjali għas-saċerdoti għax is-saċerdoti bl-idejn ikkonsagrati tagħhom jittrattaw l-istess Ġesù Kristu li hu (San Ġużepp) b'tant qima kien iqim fuq id-dirgħajn kastissimi tiegħu.

Wara s-saċerdot, Dun Ġorġ iqiegħed lill-ġenituri li għandhom ukoll iħarsu lejn San Ġużepp bħala mudell tagħhom. Il-ġenituri għandhom jagħtu lil uliedhom edukazzjoni fir-ruħ u fil-ġisem kif San Ġużepp ħa tant ħsieb lil Kristu Ġesù, l-Iben putattiv tiegħu. Fil-miżżewġin, Dun Ġorġ, ikompli jgħidilhom li San Ġużepp ma għandux ikun biss bħala mudell tagħhom fit-trobbija tat-tfal iżda għandhom iżommuh bħala mudell għalihom fl-imħabba ta' bejniethom u tal-għajnuna sinċiera lejn xulxin, bħalma San Ġużepp kien jirrispetta b'tant qima tal-qalb lil martu Marija Santissma.

Wara l-ġenituri, Dun Ġorġ iqiegħed lill-ħaddiema u jgħidilhom li għandhom iħarsu lejn San Ġużepp u jimitawh għax San Ġużepp kien ħaddiem u ma kienx jobgħod ix-xogħol anzi bl-onestà kollha tiegħu kien jaħdem ta' maxtrudaxxa biex jaqdi lill-oħrajn u b'hekk imantni l-familja.

Dun Ġorġ idur ukoll lejn il-morda u l-batuti u jgħidilhom biex iħarsu lejn San Ġużepp u jitgħallmu minnu biex jerfgħu is-salib li Alla fil-ħniena infinita tiegħu u fil-providenza tiegħu jiddisponi fuqhom, għax San Ġużepp ukoll ġarrab duluri tassew ħorox fil-qalb tiegħu għal dak li kellhom jgħaddu minnhom Ġesù u martu Marija.

Dun Ġorġ jispiċċa din il-parti billi jgħidilna li San Ġużepp huwa mudell għal kull min irid iservi lil Alla għax fih (San Ġużepp) kien hemm kull xorta ta' virtù u ma jistax jonqos x'ħin l-Ispirtu s-Santu fil-Vanġelu espressament sejjaħlu, "bniedem ġust".

B'din l-ispjega wieħed jista' jifhem x'kien jixtieq Dun Ġorġ mill-festi. Għalhekk is-soċjetà tal-Museum trid li anke fil-festi l-Museum jiftaħ ukoll u jsiru lezzjonijiet relatati fuq il-qaddis/a partikolari tal-festa biex fost it-tfal u ż-żgħażagħ li jattendu fil-Museum ikun hemm min jersaq iżjed lejn il-qdusija u lejn Alla b'eżempju li jieħu minn dak il-qaddis/a. ■

# AZZJONI KATTOLIKA - FERGĦA OMMIJIET

Minn: DORIS CUTAJAR

Qegħdin ngħixu f'realtà ta' appuntamenti, stediniet u programmi. Fejn ser immur? Liema l-aktar jgħodd għalija? Wisq inqas fil-parroċċa tagħna. Fl-aħħar ġimgħa ta' Settembru, ta' kull sena nirċievu fi djarna l-programm tal-parroċċa b'sensiela ta' laqgħat għal matul ix-xhur tax-xitwa. Fost dawn il-laqgħat insibu dik tal-Azzjoni Kattolika fergħa ommijiet. Kull nhar ta' Tnejn eżatt fil-ħin li uliedna jkunu d-dutrina, jiġifieri ħin tax-xitwa mill-5.00pm sas-5.45pm u ħin tas-sajf mis-6.00pm sas-6.45pm. Il-laqgħa tiġi mmexxija minn Fr Charles Buttigieg. Xi drabi ukoll tkun immexxija mill-Arċipriet tagħna Rev. Kan. Dr Joe Zammit. Matul iż-żmien tas-sena jkollna ukoll esperjenzi ta' presidenti fl-Azzjoni Kattolika minn barra r-raħal li jiġu apposta fil-ħin tal-laqgħa.

Il-laqgħa tibda dejjem bit-talb. Naqraw il-qari u l-Vanġelu tal-Ħadd li jkun imiss. Is-Saċerdot preżenti jfisser il-lezzjoni u flimkien niddiskutu kif napplikaw dan it-tagħlim bibliku fil-ħajja tagħna ta' kuljum b'mod speċjali fil-familja. Il-laqgħa tispiċċa bit-talb. Jiena bħala membru fl-Azzjoni Kattolika għal bosta snin, nemmen li dawn il-laqgħat huma ta' għajnuna fil-ħajja tiegħi kif ukoll għal ta' madwari. Mixja ta' tagħlim nisrani li japplika għal kull żmien. Nixtieq nieħu l-opportunità sabiex nirringrazzja lil kull min jgħin biex ir-realtà ħajja fil-parroċċa tagħna ssir possibbli. ■

Konna niltaqgħu nhar ta' Tnejn, fil-ħin li uliedna jkunu d-dutrina. Kont nistenna jasal il-ħin, biex flimkien ma' ommijiet oħra nisimgħu l-Kelma t'Alla. Fr Charles kien jispjega tajjeb ħafna u bil-paċenzja kollha, wara li xi waħda mill-ommijiet kienet taqra l-Evanġelju tal-Ħadd li jkun imiss. Qsamna esperjenzi sbieħ u inqas sbieħ li għaddejna minnhom, u tgħallimna minn dawn l-esperjenzi. Kont insib ħin għall-Azzjoni Kattolika, għax li titgħallem qatt mhu ħin mitluf, u dan it-tagħlim irrid ngħaddih lil uliedi. *Mary Rose Buhagiar.*

Jien nattendi l-laqgħa tal-Azzjoni Kattolika tal-ommijiet li ssir darba fil-Ġimgħa kull nhar ta' Tnejn fil-ħin tad-dutrina. Minkejjja l-impenji li għandi fil-familja xorta nsib ħin biex nattendi.

Fil-bidu jinqraw il-minuti. Wara jinqraw l-ewwel, it-tieni lezzjoni u fl-aħħar l-Evanġelju. Fr Charles Buttigieg jispjegah tajjeb ħafna. Ikollna ħin insaqsu u niddiskutu. Jien inħeġġeġ lill-ommijiet biex bħali u l-membri l-oħra jekk jistgħu jattendu. *Angela Cini*

Jien omm ta' żewġt itfal u nattendi laqgħa darba fil-ġimgħa tal-Azzjoni Kattolika li tkun immexxija minn Fr. Charles. F'din il-laqgħa naqraw il-vanġelu tal-Ħadd li jkun imiss u wara Fr. Charles jagħmel spjegazzjoni u anke niddiskutu bejnietna l-ommijiet. Jien din il-laqgħa nsibha ta' għajnuna ħafna kemm spiritwalment u kemm moralment għax mit-tagħlim li nieħu nkun nista' ngħaddih lil uliedi. Jien ħa nkompli nħares 'il quddiem biex kemm u meta nista' nibqa' nattendi din il-laqgħa u nħeġġeġ biex min jista' jitħajjar jibda jattendi. *Pauline Xerri.*

Esperjenza ta' omm u binha. Għodwa waħda tifel ta' sitt snin flimkien ma' ommu daħlu l-knisja. It-tifel liebes l-uniformi tal-iskola deher fuq ix-xwiek u min kien fil-qrib seta' jisma' l-kelmiet bil-mod tat-tifel: "Ma ejja noħorġu 'l barra għax sar il-ħin.'' L-omm ippruvat tipperswadih li kien fadal ħin biżżejjed sabiex jieħdu sehem fil-quddiesa li kienet ser tibda. Iżda t-tifel baqa' jinsisti li ser imur l-iskola tard. L-omm wieġbet : 'Ibni emmen fija, emmen fi kliemi u fil-ħin ser tasal l-iskola''. It-tifel malajr siket u t-tnejn ħadu sehem fil-quddiesa. Wara l-iskola t-tifel mar lura d-dar ferħan jgħannaq lil ommu, filwaqt li taha kartolina kollha tpinġija mħallta b'kuluri differenti ta' 'glitter' ileqq. L-omm malajr qrat il-kelmiet: 'Inħobbok Ma. Jien nemmen fik.''*Agatha Vella*

Jiena omm ta' tfajla ta' sittax-il sena u tifel ta' ħdax-il sena. Jien ilni membru fl-Azzjoni Kattolika għal dawn l-aħħar tmien snin u nattendi b'mod regolari. Inħoss li hi laqgħa tassew importanti għax dejjem nitgħallem aktar kif għandi ngħix il-ħajja Nisranija tiegħi. Huwa ta' ġid ukoll għal uliedi għax dak li nitgħallem inkun nista' ngħaddih ukoll lilhom għax jgħodd għal kwalunkwe ċirkostanzi fil-ħajja. *M'Grace Haber*

Jiena omm ta' żewġ ulied u għal dawn l-aħħar tliet snin sibt il-ħin li nattendi għal laqgħa tal-Azzjoni Kattolika waqt li uliedi jkunu fil-klassijiet tad-dutrina tagħhom. Naqraw il-Vanġelu tal-Ħadd li jkun imiss u wara jsiru xi ħsibijiet. Din il-ħaġa tgħinni biex nieħu sehem aħjar fil-quddiesa. Ikollna l-ħin nitkellmu dwar xi esperjenzi jew sitwazzjonijiet li ngħaddu minnhom u hekk nitgħallmu minn xulxin. Inħeġġeġ ommijiet oħra biex jingħaqdu magħna.

# Il-Leġjun ta' Marija - sezzjoni Rġiel fil-Qala

minn: Michael Debono




Is-sezzjoni tal-irġiel tal-Leġjun ta' Marija bdiet fil-Qala fi Frar 1962. L-ewwel Direttur spiritwali kien Dun Ġużepp Buttigieg. Il-Presidium, kif jissejjaħ grupp ta' membri leġjunarji, ħa l-isem ta' "Madonna taċ-Cintura".

L-ewwel laqgħat kienu jsiru fis-sala ta' fuq ir-riħ tas-sagristija tal-knisja parrokkjali. Damu jsiru f'dan il-post għal madwar għoxrin sena. Għall-bidu n-numru ta' membri kien ta' xi għoxrin jew aktar, xi wħud minnhom imdaħħlin sew fiż-żmien. Maż-żmien l-entużjażmu beda jonqos hekk ukoll il-membri. Minkejja dan in-nuqqas ta' membri, il-laqgħat baqgħu jsiru u l-*Presidium* baqa' dejjem jiffunzjona. Għal tul ta' żmien kien baqa' żewġ membri biss u kellna bżonn l-għajnuna ta' membri minn *Presidiæ* oħra. Fis-snin tmenin in-numru ta' membri kien kiber sew iżda wara xi snin erġajna nqasna fil-membri. Fil-preżent il-*Presidium* fih sitt membri.

Wara l-mewt ta' Mons. Ġużepp Buttigieg domna ftit mingħajr Direttur Spiritwali. Xi drabi kien jiġi jmexxi l-laqgħa l-Arċipriet preżenti l-Kan. Dr. Joe Zammit. Id-Direttur Spiritwali preżenti huwa l-Mons. Dun Lawrenz Xerri li jmexxi wkoll il-*Presidium* l-ieħor tan-nisa fil-parroċċa tagħna.

Matul is-sena jsiru żewġ irtiri għall-irġiel li għalihom ikunu mistiedna l-irġiel kollha tal-parroċċa. Dawn isiru fis-Santwarju tal-Kunċizzjoni. Min ma jkunx jista' jattendi għal xi rtir ta' ġurnata jew tnejn jista' jiġi f'dawn l-irtiri biex igħinuh spiritwalment. Tajjeb li wieħed jitħajjar isir membru attiv u jattendi l-laqgħa li ssir darba fil-ġimgħa u ddum madwar siegħa. Il-laqgħat isiru fid-Dar Parrokkjali fi Triq San Franġisk. Jista' wieħed isir membru awżiljarju billi jgħid kuljum xi talb leġjunarju u b'hekk ikun jgħin lil-Leġjun kif ukoll jissaħħaħ spiritwalment. ■

DAILY (from Monday to Friday)
Transport of goods between Gozo
& Malta and Malta & Gozo

**Contact: Joseph Spiteri**

**'Villa Loreto' Bishop Buttigieg Str., Qala**
**Tel: 2155 4929 / 2137 6193**
**Mobile: 9944 6521**




IMPERIAL EAGLE
Gozo Truck Transport

# O ŻMIEN ĦELU...

## L-Importanza tal-Ful fid-Dieta tal-Imgħoddi

■*Riċerka, kitba u ritratti minn:*
**Dr. Raymond C. Xerri**

Għal missirijietna, x'kien l-ikel tal-fqir? X'kien l-ikel irħis, jimlik u sostanzjuż aktar mill-ħobż? Tafu kemm kien importanti l-ful fid-dieta ta' missirijietna? Tant kien importanti għalina, li l-Qala għandna leġġenda fejn il-ful mogħti importanza kbira u jagħti saħħa liema bħala.

**Minn fejn ġej il-ful u kif nużawh mal-ikel**



L-ewwel ftit informazzjoni fuq il-pjanta stess li tissejjaħ bil-Latin, - *Vicia faba,* bl-Ingliż tissejjaħ, *Broad Bean, Fava Bean, Field Bean, Bell Bean* jew *Tic Bean*. Il-ful jikber l-aktar fl-Afrika ta' fuq, fil-Mediterran u fil-Lvant Nofsani. L-ewwel li nafu li kien jittiekel il-ful kien madwar 6000 Qabel Kristu.

Il-fula hija waħda mill-ftit pjanti indiġni ta' Malta u nafu li kienet teżisti f'pajjiżna sa mill-qedem u minn dakinhar inkorporajniha f'ħafna mill-ikel tagħna: ful ħadar waħdu; ful aħdar ma' ikel kiesaħ, ful mal-minestra; ful mal-kosksu; torta tal-ful bil-ġobon; mazzalza ta' kull xorta; ful mat-timpana; ful niexef waħdu; fid-*dip* tradizzjonali tal-bigilla; jew mgħolli fit-tursin u t-tewm u tant platti oħra li nafu sew insajru.

Il-fula hija pjanta li tikber bejn 50 ċentimetru sa metru u 80cm b'fergħat ħerġin b'weraq ta' bejn 10-25 1cm twal u l-miżwed jikber skont l-angolu għax-xemx u l-kwantità tal-ilma. Il-ful jinżara' taħt l-art fix-xitwa u jinqala' fir-Rebbiegħa.



**Fiex jintuża l-ful madwar id-dinja**

F'ħafna pajjiżi bħaċ-Ċina, il-Kolombja, il-Peru, il-Messiku u Tajlandja, il-ful jintuża bħala *snack* bil-melħ jew mingħajru, insomma biex in-nies ikollhom xi jqarmċu. Fil-Messiku wara li jissajjar il-ful dan jiġi mgħaffeġ u jintuża bħala mili f'ikla bl-għaġina li tissejjaħ *antojito* fi *snacks* msejħa *tlacovos*. Fil-Kolombja l-ful l-aktar li jintuża hu mas-soppa tal-ħaxix, bħall-minestra tagħna. Fl-Italja l-ful anke jisserva bħala *pureè*. F'pajjiżi oħra l-ful jitħallat mas-*soybeans* u mal-bżaru li jaħraq. Fil-Portugall, il-ful jintuża f'kejk tal-Milied msejjaħ *bolo-rei*, bl-Ingliż, *king cake*, jew il-Kejk tal-Milied għall-Portugiżi. F'pajjiżi Għarab il-ful l-aktar li jintuża fi platt imsejjaħ *ful medames*. F'pajjiżi bħal Pakistan u l-Iran, il-ful hu kultivat f'meded kbar ta' art u jiġi esportat fit-*tankers* lejn madwar id-dinja. Fl-Iran il-ful jissajjar fil-branju u jżidulu l-ħall u ġieli jsajruh mar-ross fi platt li jissejjaħ *bagħalee polo*. L-Eġizzjani jieklu l-ful eżatt bħalna iżda l-ful mal-basal jittiekol bħala kolazzjon u hu l-platt nazzjonjali. Fil-Ġreċja l-ful jittiekol mal-qaqoċċ, bil-meraq tat-tewm msejjaħ *skordalia*. Fil-Ġżira ta' Kreta l-ful jittiekol ma' xarba alkoħolika bl-isem ta' *tsikoudia*. Il-Ġriegi wkoll jsajru l-bigilla bħalna.

Il-ful huwa wieħed mill-aktar sorsi ta' ikel sustanzjużi li jista' jsib il-bniedem. Dan narawh fil-kwalitajiet li għandu l-ful. Dan il-fatt kienu jafuh ukoll missirijietna fl-ammont ta' ful li kienu jużaw fid-dieta tagħhom kif ukoll fil-folklor tagħhom kif ser naraw.

**Il-ful fil-leġġenda tal-Ġebla l-Wieqfa tal-Qala**

Hemm diversi verżjonijiet tal-leġġenda tal-Ġebla l-Wieqfa però f'kollha nsibu l-ful fiċ-ċentru tal-istorja. Fil-ktieb tal-leġġendi Maltin – *il-Ġebla l-Wieqfa* nsibu dan ir-rakkont.

"Lejn il-Qala l-art kienet minn dejjem għammiela. Ħarrub u tin kullimkien. U x-xgħir, il-qamħ, u t-tgħam l-ieħor kien jikber bla xkiel fuq kull roqgħa ħamrija f'dak ix-xagħri wiesa' tax-xlokk tal-gżira. Darba

Ġganta f'dawk l-inħawi qalet lix-xiħ: "Qed nibża' mill-għajn!" "Jgħajjen min igħir," weġibha. "Jekk taħseb li hawn xi ġara li tgħir għalik jaqbillek iġġib il-ġebla tar-riżq," kompla wissiha. Ma għaddiex wisq żmien li l-għawġ ma wasalx. Xita ma għamlitx, il-wiċċ intmess u kollox marad u miet. Tnikktu n-nies jaraw dik il-qerda kollha. 'Inbaħħru biż-żraġen taż-żebbuġ,' qal ix-xiħ. "Morru ġibu l-ġebla tar-riżq u waqqfuha fil-misraħ!" Il-ġganta fehmet it-twissija. Marret Ta' Ċenċ, sabet il-ġebla tar-riżq u ġarritha fuq daharha lejn il-Qala. Waqqfitha fil-misraħ, ferrxet mal-qiegħa l-ħsad ta' dik is-sena u raxxet bl-ilma l-ħxejjex madwarha. Imbagħad, żifnu ż-żifna tar-riżq u għannew l-għanja ta' ġieħ lill-allat."

"Għal jiem sħaħ iż-żfin u l-għana tagħhom ma waqaf xejn, la binhar u lanqas billejl. L-allat ma damux ma semgħu t-talb tagħhom! U niżlet xita bil-qliel u l-wiċċ reġa' għamel bħal qabel. U kellhom qamħ, xgħir, ful u kull xorta ta' ġid ieħor. "L-allat iseddqukom bil-barka tagħhom!" qallhom ix-xiħ xħin ra dak il-ġid kollu. "Qisu, iżda, li millum 'il quddiem tgħożżu dik il-ġebla bħala għelm qaddis. Biha maġenbna l-għajn ħażina ma tersaq qatt lejna. Irridu ngħassu imma, issa u dejjem!" Il-ġganta t-twajba ferħet tisma' dan il-kliem. "Noqgħod jien għassa!" qabżet qaltlu mingħajr ma ħasbitha darbtejn. U dak il-ħin stess il-ġganta ħarġet il-ħorġ, imlietu bil-ful, u nxteħtet bilqiegħda fuq il-quċċata tal-ġebla tfasdaq u tiekol fula waħda wara l-oħra. "Hawn issa tagħna!" qalet f'qalbha. "L-għajn ħażina ma tersaq qatt lejn din in-naħa." U minn dak inhar minn fuq il-ġebla l-ġganta ma tħarrket qatt. U la fis-sħana u lanqas fil-bard. In-nies, għalhekk, ħadmet l-art bla xkiel u l-bhejjem tħallew jirgħu l-art mingħajr ebda biża' li jistgħu jġarrbu xi hemm jew tiġrilhom xi ħsara. Lejl wieħed, iżda, bla ma ħadd ma jaf kif il-ġganta t-twajba għebet. In-nies tħassbet."

"Fittxewha mal-inħawi kollha, fl-irdumijiet tal-bogħod u fil-widien tal-qrib. Daru kullimkien. Imkien iżda', ma nstabu ħjiel tagħha. "Żgur inbelgħet minn xi magħmul," qalu xi wħud. Ix-xiħ tnikket. Qatt ma basar li seta' jiġri dan. U qalbu sewda ma tkellem xejn. Imbagħad, wara li ħaseb ftit, qallhom: "Ġibuli ftit ħatab." U ġabulu z-zkuk niexfa tal-ful li minnu kienet kielet il-ġganta. Ix-xiħ rabathom qatta qatta u waqqafhom ħemel ħemel madwar il-ġebla l-wieqfa. L-għada mas-sebħ il-miġemgħa, ħiemda u donnha tittallab ħniena, inġabret madwar il-ġebla. Imbagħad resaq ix-xiħ, saqajh tqal ikaxkru maż-żrar tal-qiegħa. Dak il-ħin ix-xemx dehret tielgħa minn taħt xfar il-baħar. Ballun tan-nar aħmar! Ix-xiħ għolla jdejh bil-qima u b'leħen maħnuq lissen b'saħħtu kollha: "Spirtu għassies ta' din il-Qala għammiela aħna nqimuk. La twarrabx minna ħarstek ħanina. Imla 'l artna bil-ġid u s-sliem bla tmiem!"

"Dak il-ħin waqa' skiet kbir u leħnu dewa mal-erbat irjieħ. Imbagħad, tqabbad in-nar. U z-zkuk ċaqċqu u nbidlu f'ilsna ta' nar, ilebleb 'il fuq qalb id-duħħan iswed, qishom snien f'ħalq bhima bla rażan, lrsta tibla' f'ġufha l-ispirti tal-hemm li jbeżżgħu u żergħu tant semm. Intemm il-leġġenda: "Il-ġganta minn dak iż-żmien ma dehret qatt iżjed. Ħalliet, imma, flokha l-ġebla l-wieqfa wens dejjiemi għal min igħix madwarha. U sakemm il-ġebla tibqa' hemm, wieqfa sultana, ir-regħba ma tersaq qatt u n-nies tgħix fis-sliem, il-Qala tibqa' dejjem, kif xtaqet il-ġganta, art saħħarija ta' ġmiel bla tmiem!"

Il-leġġenda tal-Ġebla l-Wieqfa tal-Qala, hija ftit mill-istejjer folkloristiċi li salvaw iż-żmien u għadna nirrakkontawhom sal-lum. Rakkont li rrnexxielu jsalva. Għaliex salva? Għaliex l-ingredjenti li bihom il-leġġenda hi magħmula. Is-superstizzjoni, iż-żonqor u l-ful. Kollha huma affarijiet li jagħmlu parti mill-ħajja ta' kuljum tal-Qalin. Ilum, il-ful għandu parti ntegrali mid-dieta tal-familji tagħna, però ħafna żgħażagħ jippreferu l-ikel proċessat u jevitaw il-ful, l-aktar imħabba r-riħa tat-tewm. Xi żball għandu min jaħseb hekk, għaliex forsi l-għarus jew l-għarusa xxomm ħalqek riħa ta' tewm. Is-sustanzi tal-ful u l-ikel li nħawru miegħu huma ħafna iżjed importanti mir-riħa. Inżommu l-ful parti mid-dieta tagħna u ma nirrinunzjawx għal xi ħaġa tal-passat. Imbagħad ikollna bilfors ngħidu, O Żmien Ħelu...Fejn int? ■

Referenzi:


BEZZINA, Joseph (2003), *Qala – The Village with Valleys and Views*, Gaulitana 24, A & M Printing Ltd, Il-Qala, Għawdex.

BUTTIGIEG, Anton (1971), *Il-Qala*, Orphan's Press, Għajnsielem, Għawdex.

PARSONS, Russ (1996), *The Long History of the Mysterious Fava Beans*. http://archive.southcoasttoday.com/daily/05-96/05-29-96/c01li096.htm

RODEN, Claudia (2000 ), *The Book of Jewish Food: an Odyssey from Samarkand to New York,* Alfred A. Knoph Publishers, New York.

SAMMUT, Julian (2003), Il-Ful, The Malta Independent on Sunday, 8th June 2003.

THEUMA, Lawrenz (2010), *Il-Qala matul iż-Żminijiet*, A & M Printing, Ltd., Il-Qala, Għawdex.

WRIGHT, Clifford A., *A Mediterranean Feast: The Story of the Birth of the Celebrated Cuisines of the Mediterranean from the Merchants of Venice to the Barbing Corsairs, with more than 500 Recipes'.*

# Il-Qala ta' żmien ilu

Dun Ġużepp Camilleri

Iż-żmien itir, eħfef minn sħaba li jtir mar-riħ, iżda warajh, iħalli tifkiriet li ma jitħassru qatt. Għaddejt tfuliti l-Qala. Niftakar lill-Patri Ġużepp Portelli, saċerdot twil, b'nuċċali rqiq, il-lasti tiegħu bilkemm kienu jżommu fuq widnejh, kellu leħja sewda li kienet taħbi ż-żmien fuq wiċċu. Kont tarah quddiemek, titkellem miegħu u tinduna li kien bniedem ta' Alla. Għadda ħajtu bħala missjunarju fl-Indja. Niftakru jgħidilna: "Tridu tibqgħu żgħażagħ, morru fil-missjoni".

Saċerdot ieħor, ħabrieki, kien Dun Anġ Camilleri li għadda ħajtu f'Marsilja jgħin lill-emigranti Maltin. Kull meta kien jiġi jżur il-familja tiegħu l-Qala, kulħadd kien jammira ż-żelu tiegħu bl-għajnuna u pariri li kien jagħti lill-emigranti Għawdxin u Maltin. Żmien ilu f'Malta kien hawn faqar kbir. Wieħed mill-portijiet li kien jilqa' ħafna Maltin kien il-port ta' Marsilja fejn kien missjunarju Dun Anġ Camilleri. Fuq stazzjon tat-telviżjoni f'Malta, dan l-aħħar deher programm li jismu "Baqgħu Maltin". F'din is-silta dehret familja, fejn semmew lil Dun Anġ Camilleri li kien hu li għenhom meta rifsu fi Franza. Iż-żmien itir iżda jħalli warajh sinjali ta' mħabba li ma jitħassru qatt.

**L-IMĦABBA LEJN IL-KNISJA**

Il-ħeġġa tal-Qalin u l-imħabba tagħhom lejn il-knisja qatt ma naqset, għada sħiħa sal-lum. Niftakar lil Ġanni Vella, pittur Malti minn Birkirkara jżejjen dan it-tempju b'pittura mill-isbaħ: "Tfal, oqogħdu hemm" kien jgħidilna, "Titħarkux, nixtieq inpitter wiċċ ta' tifel ma' San Ġużepp". Ilkoll konna nersqu lejh iżda lil dawk li kellom wiċċ ikrah, kien jgħidilhom: "Intom fl-aħħar". Ħafna drabi kienet tmissni x-xorti li nkun wieħed minn dawk tal-aħħar. B'xorti tajba qatt ma kont ma' dawk tal-ewwel. Illum meta nħares lejn l-uċuħ li pitter huma kollha xjuħ, koroh bla snien u nofshom mejtin.

Ġużepp il-"Paġella", sal-lum għadni ma nafx min laqqmu hekk, kien skultur, ftit kien jaf jikteb, iżda meta kien jieħu f'idejh martell u skalpell kien joħroġ kull espressjoni li tista' tinqara u tinkiteb. Kellu ħuh jismu Karmnu, għax-xogħol tal-injam ma kien jgħaddih ħadd.

**MELLU JIBŻA' MINN DELLU**

Inwarrbu ftit minn dawn in-nies kbar bit-talenti tagħhom, kien hemm ukoll nies ikbar fl-istatura tagħhom. Mellu, konna ngħidulu tal-"pitrolju", kien joqgħod fid-daħla tal-Qala, bniedem kbir iżda kien jibża' minn dellu. Ommu Pietra kienet mara kbira li b'dellha kienet tbeżża' lil kulħadd. Kull meta kienet tersaq lejja, bħala tifel żgħir, kont nitrekken ma' ġenb in-nanna tiegħi Marija tal-Furnar. "Le" kienet tgħidli: "Dik Pietra, Omm Mellu, mhi se tagħmillek xejn". Minn Mellu ma kontx nibża' għax kont naf li kien jibża' minn dellu, iżda minn ommu Pietra kont nitwerer.

Iż-żmien jgħaddi jtir mar-riħ. Ta' tfal li konna, kull filgħaxija, kont tarana għarkopptejna, ngħidu r-rużarju ma' missier il-mejjet Dun Mikiel Butigieg, nieħdu l-barka u niġru għall-mużew. Hemm konna nixorbu mill-għejun tal-ħajja, it-tagħlim ta' Dun Ġorġ Preca. Għall-bidu kienu jiġu ħafna soċi Maltin fosthom Ġanni Schembri u s-Superjuri Bianco u Willy. Kienet ħajja ferm differnti minn tal-lum. Bilejl kienet taqa' dalma kbira, kont tara lil Bernard bis-sellum imdendell mar-rota u landa pitrolju f'idejh. Kull ma kien hemm ħmistax-il lampa, mal-ewwel żiffa riħ kienu jintfew kollha. Illum biex taqsam minn triq għall-oħra trid tiftaħ seba' għajnejn. Dari kont tista' toqgħod f'nofs ta' triq, attenti biss mill-karozza ta' Ġużepp il-Maxxillar. Ġużepp kien mix-Xewkija, kien jgħidli, "Ara titkellem bil-Ka għax tal-Qala jidħku bina." Għall-bidu kien ftit diffiċli biex nikkoreġi lili nnifsi iżda kont nigdem ftit ilsieni u l-kelma kienet tinstema' tajjeb f'widnejn il-Qalin.

Iż-żmien jgħaddi u jtir, iżda l-memorji ta' tant snin ilu ma jħassarhom ħadd. L-eżempju ta' Patri Ġużepp Portelli missjunarju fl-Indja u l-enerġija ta' Dun Anġ Camilleri f'Marsilja, wassluni sabiex immidd riġlejja fuq il-passi tagħhom, bħala missjunarju fil-Gwatemala. ■



# In-Nar tal-Qala fil-Festa ta' San Ġużepp

F'Ajru, f'arja fi smewwiet Qalija,
Jinstemgħu jidwu wieħed u għoxrin murtal maħdumin minn idejn għaqlija
Imbagħad tara sfejjer, b'ilwien dehbija.
U tismagħhom jirbumbjaw minn kull irdum u blata żonqrija!

Ukoll wara dan sfejjer tad-daħna kulur;
L-ewwel li dehru l-Qala meta kont għadni żagħżugħ
Iktar tard l-Innu "A San Giuseppe'',
Kaxxa nfernali bil-bomba jgħidulha 'l-Ispagnola'

Din l-ewwel waħda f'Għawdex, qatt ma konna rajna bħalha.
Wara dan, minn ħin għal ieħor waqt li l-Magnus tagħna
Jserrep ferħan ser itir mat-toroq tagħna;
Serpentelli jidhru jserrpu f'sema ħuġġieġa nar waħda.

Sadattant lampjuni jkomplu jixgħelu n-natura Qalija.
Ma jaqtgħu xejn refgħat u baraxxijiet;
Beraq pront u kkulurit fid-dalma sfiqa tal-lejl
Qisu ara s-sema iżraq qabad, kollox lampjun

Tara ukoll blalen tan-nar u kull xorta ta' disinni u għamliet
Li l-eku tagħhom jidwi fuq orizzonti, infiniti, bla qies, bla tmiem
Isbaħ mill-warda tal-qronfol hemm il-warda tax-xemx;
Isbaħ minn nar tal-Qala m'hemmx!

*Joe Cutajar*
*28-5-2011*

# Il-QALA

Sabiħ il-Qala
Raħal twelidna;
Fih ħadna l-ħajja,
Fih aħna kbirna.

Bil-Belveder,
Bil-Kunċizzjoni,
B'tant xeni mlewna
Li jgħaxxqu l-viżjoni.

Fil-knisja tagħna,
Wirt missirijietna
W'frott xogħol idejna
Hawn m'Alla ltqajna.

U fraħna, u bkejna
Ma' Kristu ltqajna,
U ma' Ġużeppi
Kbir Patrun tagħna.

Lilu ħabbejna,
M'ommna Marija,
Sa minn ċkunitna
Għeżież għalina,

Għalina l-ewwel
W'għal kull barrani.
Ferħ iġib ismek
Sew fqir, sew għani.

Familja tajba,
Nies mill-aħjar,
Każin tal-Banda
U tant għaqdiet…

Int ferħ għal ġensna,
Int QALA tagħna
Hekk ibq' għalina,
Hekk ibqa' magħna!

**INT IL-FERĦ TAGĦNA**

*Patri Ġużi Mifsud OSA*
*19 ta' Marzu 2011*
*Festa ta' San Ġużepp.*



## Jien kont u għadni Inħobbok Missier!

Qisu l-bieraħ Missier meta jien kont ngħum f'baħar t'inkwiet;
Int kont providenzjali biex jien ħriġt minnu b'wiċċ il-ġid!
L-anqas nista' ninsa dik il-paċenzja ta' Ġob li int ħadt bija fis-skiet.
Kemm kont tħobbni mhux ser jirnexxili niddeskrivi bl-ilsien.
Kont inti bħal Anġlu li waqa' mis-smewwiet għalija.
Min iħobbok fih xi tħobb;
Verament int kont raġel twajjeb, raġel rari.
Ix-xbieha tiegħek għadha tidħaqli bħal dari, imma ajma!
Meta sikwit niġi ħdejn qabrek bil-ward tal-Madonna u x-
Xemgħa, biex inkellmek, u nipprova nmidd idejja biex
Ingħannqek; ma nsib xejn ħanini!
B'nostalġija li ma nistax infisser ngħid f'qalbi:
Fejn marret Missier daqshekk qawwa ta' spirtu u ġisem?
Taħt xorok u rħam, tqal u kiesħa hemm għadmek jistrieħ,
U jaħraq bl-imħabba, "Għadu mhux mirbuħ''
Xorta waħda int kont tintilef f'estasi x'ħin tara qassis.
Dlonk kont titbissimlu u tbuslu s-suttana jew il-qmis!
Ruħek titla' bħal sħaba lejn is-sema pajjiżha.
Għażiż Missier int doqt mill-frott qares ta' gwerra, kiefra.
Għalina, int seffaqt wiccek ma' kulħadd anke ma' dawk ta' qalb xierfa
Ekku l-ħajja; tkun imqit jobogħduk; tkun ħelu jiekluk.
Missier ħanin, int issallabt biex tarani fit-triq id-dritta għaliex jien din kont tliftha!
Int għamilt minn kollox biex tarani raġel matur fil-futur.
Ħaġa waħda tikkonsolani; fil-preżent ruħek qiegħda mal-qtajja' tal-Anġli.
Għalkemm f'din id-dinja mhux kollox ward u żahar u frawli.
Jien kont inħobbok b'imħabba kbira f'ħajtek
Minkejja li din l-imħabba ġie li ttappnet ħarira,
Jien għadni nħobbok, int anġlu li ġejt mibgħut mis-sema għalija.
Int ġilju ta' San Ġużepp li jfewwaħ din l-Art Maltija!
Dan li għedna għidnieh b'qawwa smewwija mhux mewwetija!
Int Ta sellili għal Ommi, din m'għandix kliem biex infaħħarha
Isbaħ minn tal-qronfol Alla ħalaq lil tax-xemx!
Warda bellusija aqwa minnek m'hemmx.
Tiftakar Missier kemm għannejt fuq il-mandolina u l-wâtar
Int raġel għaliex lil Ommi ħabbejtha sa lil hinn mill-qabar!

Joseph Cutajar - 18 ta' Mejju 2011

## Lil-Bilbla

Għaliex m'għadniex narawk għasfur tas-sema.
Ta' meta kull filgħodu mis-sħab 'il fuq,
Kont titlaq 'l-għanja tiegħek bla waqfien,
Għanja li tferraħ, lil qlub it-triq.

Jiena kont tfajjel żgħir bik kont nissaħħar
Inxuf warajk biex infittex bejtietek
Mibnija u moħbija b'għaqal fl-art
Il-frieħ imxennqa jisimgħu għanjietek.

Ħondoq hemm għadu jistenna għanjietek
X'kien dak li ġralek għasfura smewwija
Jien hawn ukoll għadni nistenna l-għanja
Tferraħni kienet dik l-għanja dewmija.

Fiss erġa' lura għasfura ta' qalbi
Imxennaq jien qiegħed, fiss isma' talbi.

**Jos Portelli.**
**22.05.2011.**

## Lil San Pietru

Kbira tassew xortik ja Xmun bin Ġona
Ta' meta tak id-don tal-għerf f'idejk
Għemilek kotru u l-ġemgħa għarfitek
U r-raġġi ta' Kristu dehru f'għajnejk.

U int faħħart 'l Alla bid-dmugħ f'għajnejk
Kbira l-kotra l'inġibdet warajk
Twal kienu t-toroq li inti terraqt
U kbar l-insulti u x-xkiel f'saqajk.

Jien miegħek ja Pietru, miegħek sa nibqa'
Miegħek sa nibqa' lil Alla nfaħħar.
Għenni ja Pietru f'dan il-ftit li fadal
Biex hekk jien nibqa' tul jiemi sa l-aħħar.

L-għerf tiegħek hemm għadu msammar magħna
Fiss xerrdu fuqna ja Pietru ismagħna.

**Jos Portelli**
**09.05.2011.**

## San Ġużepp u l-Familja

Lilek Kbir Qaddis Ġużeppi,
Aħna nsellmu f'dan il-jum
Li fih Lilek qed inqimu,
Hawn fil-Qala, wisq meqjum.

Hawn f'riġlejk aħna nintefgħu,
Fejn minn qalbna ħajr nagħtuk,
Ta' dak kollu l'għamilt magħna,
Tul iż-żmien, w għal dan nagħrfuk.

F'Jum il-Festa ta' kull sena,
Fi triqatna tiġi ddur,
U l-familji jsellmulek,
B'talb u kant u tant fervur.

Itfa' ħarstek fuq familtna,
U magħquda żomm fis-sod,
Il-gwaj biegħed mid-djar tagħna,
Mit-telfien żomm lilha 'l bogħod.

Għax id-dalma riesqa lejna,
Id-dawl donnu qed inin!
It-tfixkil bil-bosta kiber,
Qalbi nħossha tnin fin fin.

It-tagħlim li tagħna Ibnek,
Donnu qdiem, u m'għadux moda.
Antikwati, qed jgħidulna,
U l-ħażin iżid fid-doża.

Nitolbuk għalhekk Ġużeppi
Illi tagħna Int Patrun,
Quddiem ibnek interċedi,
U għalina kun bastun.

Int Patrun tal-Knisja kollha,
Il-Qaddis tagħna l-Qalin,
Ibqa' żommna bħala wliedek,
Bik kburin u ferħanin.

Euchar Mizzi.
7 ta' Ġunju 2011.





## "Ġużeppi" il-Magħżul mit-Trinità Qaddisa

San Ġużepp Missier tiegħi
Mindu ċkejken ħabbejtek
U meta sirt naf dwarek
Mix-xejn tiegħi faħħartek.

Rajtek tilma fuq kollox
Għaraft il-kobor tiegħek
Bħalek mhu ħadd Ġużeppi
Int tgħajjat fis-skiet tiegħek.

Int kbir, għax lilek Alla
Għażlek biex fuq din l-art
Tkun floku l-Missier t'Ibnu
Li trabbih fuq din l-art.

U bħalkom Ruħ il-Qodos
Ried li l-Għarusa tiegħu
Tgħammar b'imħabba safja
Bħal Martu fid-dar tiegħu.

Inti O Kbir Ġużeppi
Monument fl-Eternità
Magħżul mit-Tliet Persuni
Alla fit-Trinità.

*Ġuże Agius Bonello*
*5.02.2009*

# Kronaka tal-Parroċċa



miġbura minn
JOSEPHINE XUEREB

**Ġimgħa mal-Ġemgħa**

*Mixja mas-Sagrament tal-Penitenza* – Din kienet it-tema tal-Programm-Stedina għall-Mixja tar-Randan sal-Għid il-Kbir. Kull nhar ta' Ġimgħa saret il-Meditazzjoni tal-Mixja tal-Passjoni mmexxija minn membri ta' diversi għaqdiet fil-parroċċa tagħna. Wara tmexxiet Konċelebrazzjoni bit-talb tas-Salmi minn predikaturi differenti.

**Tifħir ta' Sbieħ il-Jum**

Matul il-Ħdud tar-Randan, inġbarna lkoll flimkien fil-Knisja għat-Talb ta' Tifħir ta' Sbieħ il-Jum.

**Eżerċizzi**

Matul dan iż-żmien għażiż tar-Randan, saru bosta korsijiet ta' eżerċizzi li tmexxew minn predikaturi differenti. Dawn kienu indirizzati għall-Adolexxenti u ż-Żgħażagħ, għall-Familji u għal kulħadd.

**27 ta' Marzu 2011 - *Festa tal-Ecce Homo***

Il-Konċelebrazzjoni tmexxiet mir-Rettur tas-Seminarju Dun Daniel Xerri u wara ħadna sehem fil-mixja penitenzjali bix-xbieha tal-*Ecce Homo* li għaddiet mill-inħawi ta' Cini.

**8 t'April 2011**



Saret mixja penitenzjali bis-sehem tal-Fratelli mis-Santwarju għall-Knisja Arċipretali biex infakkru l-Miġja tar-Redentur tal-Qala fostna. Ir-Redentur kien espost fis-Santwarju tal-Kunċizzjoni għall-qima tagħna xi jiem qabel. Wara l-pellegrinaġġ, Dun Charles Sultana mexxa quddiesa li kienet animata mill-adolexxenti u ż-żgħażagħ tal-parroċċa.

**10 t'April 2011**

Filgħaxija ġiet organizzata fil-Knisja Arċipretali s-sbatax-il edizzjoni tal-*'Gozo International Celebration'* bit-tema *'Can we do without God?'*





**15 t'April 2011** - *Festa tal-Madonna tad-Duluri*
Il-Kan. Dun Noel Saliba mexxa l-Konċelebrazzjoni bis-sehem tal-Kor Parrokkjali 'San Ġużepp'. Wara saret il-Purċissjoni bl-istatwa devota tad-Duluri.

**17 t'April 2011** - *Ħadd il-Palm. Is-26 Jum Dinji taż-Żgħażagħ.*





Filgħodu ltqajna ħdejn il-kunvent tas-Sorijiet Franġiskani għall-qari tal-Vanġelu u t-tberik tal-palm u ż-żebbuġ. It-tfal akkumpanjaw bl-ilbiesi tagħhom fuq stil Lhudi. Wara ħadna sehem fil-Konċelebrazzjoni li fiha sar talb partikolari għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ u għall-paċi fid-dinja. Anima l-kant il-grupp tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ tal-parroċċa.

**19 t'April 2011** - *Jum ta' Rikonċiljazzjoni fid-djoċesi.*
Wara nofsinhar saret ċelebrazzjoni penitenzjali u servizz ta' qrar għall-komunità parrokkjali kollha. Wara, tmexxiet quddiesa bis-sehem tal-fratelli.

Dritt wara bdiet il-*Via Sagra fil-beraħ* bl-istatwi tal-Passjoni tal-Mulej. Dis-sena żżanżnet il-Vara l-Ġdida, Ġesu' fl-Ort tal-Ġetsemani, xogħol tal-istatwarju Michael Camilleri Cauchi u ibnu Adonai. Akkumpanjat il-Banda *'Ite ad Joseph'* b'marċi funebri taħt id-direzzjoni ta' Mro. Antoine Mercieca.

**21 t'April 2011** - *Ħamis ix-Xirka* - *Jum it-Twaqqif tal-Ewkaristija u s-Saċerdozju.*
F'Pontifikal Sollenni fil-Knisja Katidrali tbierku ż-żjut imqaddsa u saru t-tiġdid tal-wegħdiet saċerdotali. Ħadu sehem is-saċerdoti flimkien mal-grupp tal-vokazzjonijiet u studenti li ser jirċievu s-Sagrament tal-Konfirmazzjoni u l-Ewwel Tqarbina din is-sena. Il-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin wasslu l-Ewkaristija lill-morda.



Filgħaxija tmexxiet Konċelebrazzjoni Sollenni tat-Tifkira tat-Twaqqif tal-Ewkaristija. Fiha sar il-ħasil tar-riġlejn u t-Transulazzjoni tas-Sagrament lejn l-Artal tar-Ripożizzjoni.
Bħas-snin l-imgħoddija, is-soċji tal-Mużew tas-Subien mexxew is-Seba' Viżti fil-parroċċa. L-adolexxenti u ż-żgħażagħ għamlu s-seba' viżti f'parroċċi differenti.





**22 t'April 2011** - *Il-Ġimgħa l-Kbira* - *Jum bl-obbligu ta' sawm u astinenza, fit-talb u l-ġabra.*
Filgħodu, is-Soċjetà tal-Mużew - Sezzjoni Bniet mexxew il-viżti għat-tfal kollha tal-parroċċa. Wara nofsinhar, saret it-Tifkira tal-Passjoni tal-Mulej. Inqara r-rakkont tal-Passjoni ta' Sidna Ġesu' Kristu u wara ħadna sehem fl-Adorazzjoni tas-Salib.

**23 t'April 2011** - *Sibt il-Għid*
Filgħaxija nġbarna lkoll flimkien għall-Velja Kbira ta' Sibt il-Għid li kienet tinkludi t-Tberik tan-Nar, Qari mill-Kotba Mqaddsa, it-Tberik tal-Ilma u t-Tiġdid tal-Wegħdiet tal-Magħmudija u l-Ewkaristija.

**24 t'April 2011** - *L-Għid il-Kbir*
Filgħodu, l-Arċipriet Kan. Joe Zammit mexxa l-Konċelebrazzjoni Sollenni bil-priedka tal-Irxoxt. Filgħaxija, saret dimostrazzjoni bl-istatwa artistika ta' Kristu Rxoxt. Akkumpanjat il-Banda tagħna *'Ite ad Joseph'* b'marċi reliġjużi taħt id-direzzjoni ta' Mro. Antoine Mercieca. Wara sar it-tberik u t-tqassim tal-figolli lit-tfal.





**1 ta' Mejju 2011**
Il-ħsieb mill-Iskrittura Mqaddsa li mexxiena matul din il-ġimgħa bi thejjija għat-48 Kungress Djoċesan tax-Xirka tal-Isem Imqaddes ta' Alla kien *'Araw il-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnub tad-dinja' Ġw. 1: 29.*

Illum tajna bidu għall-Ġimgħa tal-Kungress tax-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla fil-parroċċa tagħna. Aktar tard wara nofsinhar sar korteo bl-istatwa tar-Ragħaj it-Tajjeb minn ħdejn l-iskola sal-Knisja Arċipretali. Wara, iċ-*Chaplain* Djoċesan, Mons. Ewkarist Sultana mexxa l-quddiesa tal-ftuħ tal-Kungress.





**2 ta' Mejju 2011 -** *Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem*
L-Arċipriet Kan. Dr Joe Zammit mexxa Konċelebrazzjoni Sollenni bis-sehem tal-Kor Parrokkjali 'San Ġużepp'.

**8 ta' Mejju 2011 -** *Jum it-48 Kungress tax-Xirka tal-Isem Imqaddes ta' Alla*
Filgħodu, l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech mexxa Konċelebrazzjoni Sollenni filwaqt li fakkar il-107 snin mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja Arċipretali. Aktar tard wara nofsinhar sar Korteo mis-Santwarju tal-Kunċizzjoni għall-Knisja Arċipretali, liema korteo kien akkumpanjat mill-*Victoria Scouts Group*, bil-banda tagħna *Ite ad Joseph*, bl-istatwa tar-Ragħaj it-Tajjeb, Fratellanzi, membri tal-Għaqdiet bl-istendardi tagħhom, saċerdoti, reliġjużi u poplu Għawdxi. Segwa mbagħad programm ta' talb u tifħir lil Alla fuq iz-zuntier. Animaw il-kant l-adolexxenti u ż-żgħażagħ tal-parroċċa.

**15 ta' Mejju 2011 -** *Festa tal-Madonna tal-Blat*
Matul dan il-jum ġie ċċelebrat numru ta' quddies fil-kappella ħelwa ddedikata lill-Madonna. Filgħaxija l-Arċipriet Kan. Dr Joe Zammit mexxa Konċelebrazzjoni u wara Ċelebrazzjoni Ewkaristika.





**22 ta' Mejju 2011**
Is-saċerdot Dun Karm Xerri ċċelebra quddiesa ta' radd il-ħajr fil-Ġublew tad-Deheb tal-Ordinazzjoni



Saċerdotali tiegħu. Anima l-kant il-kor parrokkjali San Ġużepp.







**27 ta' Mejju 2011** - *Konsagrazzjoni tal-Parroċċa lill-Qalb ta' Marija*
Filgħaxija saret purċissjoni bl-istawa ħelwa tal-Madonna ta' Fatima lejn l-inħawi tal-Wardija fejn wara saret quddiesa fil-beraħ u li fiha għamilna mill-ġdid l-għotja tal-parroċċa lill-Madonna.

**28 ta' Mejju 2011**
Wara snin ta' formazzjoni fis-Seminarju ta' Għawdex, id-Djaknu tagħna Krystof Buttigieg irċieva minn idejn Mons. Isqof Mario Grech l-Ordinazzjoni saċerdotali fil-Kattidral ta' Għawdex. Grazzja kbira għall-parroċċa tagħna li minnha ħareġ, fiha trabba u kiber fl-imħabba ta' Alla li għalih offra ħajtu kollha.

**3 ta' Ġunju 2011** - *Griżma tal-Isqof*
Filgħaxija Mons. Isqof Mario Grech mexxa Konċelebrazzjoni Sollenni li fiha ngħata s-Sagrament tal-Konfirmazzjoni lill-istudenti tagħna.

**15 ta' Ġunju 2011**
Tajna bidu għall-Erbgħat ta' San Ġużepp li jwassluna għall-Festa u li permezz tagħhom nithejjew tajjeb spiritwalment. Kienu magħna s-saċerdoti novelli. Il-*motto* għal din is-sena kien: *"Kif int, o Ġużeppi, kont taħseb f'din l-art għall-Familja Divina u tħarisha, hekk ukoll ħu ħsieb tal-familja maħtura ta' Ġesù Kristu..."* fl-okkażjoni tal-40 sena mill-Inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari ta' San Ġużepp.

**19 ta' Ġunju 2011** - *Il-Ħadd, L-Ewwel Tqarbina*
Saret iċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Ewwel Tqarbina lil 22 tfal mill-parroċċa tagħna fil-quddiesa tal-10.00 ta' filgħodu.





**26 ta' Ġunju 2011** - *Festa tal-Korpus*
Inġbarna lkoll flimkien għall-Konċelebrazzjoni Sollenni tal-Festa tal-Korpus bis-sehem tal-Kor Parrokkjali 'San Ġużepp'. Wara mxejna saċerdoti u poplu wara s-Santissimu Sagrament. Ħadu sehem il-Fratelli u t-tfal tal-Ewwel Tqarbina.

**1 ta' Lulju 2011** - *Sollennità tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù*
Filgħaxija ħadna sehem fil-Konċelebrazzjoni Sollenni mmexxija mill-Arċipriet, il-Kan. Dr Joe Zammit bis-sehem tal-Kor Parrokkjali 'San Ġużepp'. Wara mxejna proċessjonalment wara Ġesù Ewkaristija bis-sehem tal-Fratellanza. Fl-aħħar ngħatat il-Barka Sagramentali.



**Tfal li rċevew l-Ewwel Tqarbina fil-Knisja Arċipretali ta' San Ġużepp - Qala Għawdex, minn idejn l-Arċipriet, Kan. Dr. Joe Zammit nhar il-Ħadd 19 ta' Ġunju, 2011:** Atzori Aaron, Borg Wayne, Buttigieg Cyriel, Buttigieg Martin, Buttigieg Michael, Cauchi Marlon, Cauchi Paul, Debattista Melanie, Fenech Sarah, Grima Melanie, Mifsud Luana, Mifsud Triston, Portelli Nathan, Portelli Nicholas, Saliba Chris, Spiteri Maria, Theuma Amy, Xerri Clyde, Xerri Joseph, Xuereb Amy, Xuereb Roberta.

**Daniel Azzopardi rċieva l-Ewwel Tqarbina nhar il-Ħadd 26 ta' Ġunju, 2011**



**Studenti li rċevew il-Griżma tal-Isqof amministrata mill-E.T. Mons. Mario Grech, fil-Knisja Arċipretali ta' San Gużepp, il-Qala Għawdex, nhar il-Ġimgħa 3 ta' Ġunju, 2011**: Abela Eman, Agius Nirvana, Buttigieg Jacob, Buttigieg Joseph, Buttigieg Mario Angelo, Curmi Daniel, Curmi Jonathan, Curmi Joseph, Cutajar Maria, Farrugia Anton, Galea Maria, Grima Keith,Portelli Abigail, Scerri Brian, Xuereb Ian.

Radju Leħen il-Qala
24, Triq San Franġisk, Qala, Għawdex, QLA 1030

106.3 FM

Tel: 21 558 556 - SMS: 5061 2222

Administration Telephone: 21 569 327
Website: www.radjulehenil-qala.com
Blog: www.radjulehenil-qala.blogspot.com
Facebook: www.facebook.com/pages/Radju-Lehen-il-Qala/76031783122
Email għal kuntatt mal-amministrazzjoni: info@radjulehenil-qala.com
Email għal kuntatt mal-preżentaturi: request@radjulehenil-qala.com

# Programmi
# 1996 - 2011 RLQ
# 15-il sena għas-servizz tiegħek

**Mill-Arkivji ta' Radju Leħen il-Qala**

**BIJOGRAFIJI**
- L-Istorja kif Għextha Jien
- Mill-Album ta' Ħajti
- Profil

**DISKUSSJONIJIET**
- Il-Barrani f'Raħalna
- Leħen il-Kunsill Lokali
- Sirt Nafek Aħjar

**GAMESHOWS**
- Aqta' d-Diski
- Aqta' l-Leħen
- Aqta' t-Tisliba
- Aqta' Pajjiżi
- Naqblu Jew Ma Naqblux?
- Nofs Siegħa Kollox

**INFORMATTIVI**
- Avviżi
- Dawk li Għamlu lil Malta
- Do You Remember
- Il-Qala fl-Awstralja
- Isma' u Nforma Ruħek
- Konċiż
- Mill-Kċina ta' Ġannina
- Taħdidiet fuq l-Agrikultura u l-Ortikultura
- Nitkellmu mal-Arċipriet
- OASI.com
- Taħlita Informativa
- The Beauty Corner
- Tletin

**KULTURALI**
- Wirt Għawdex
- Illum il-Qala fl-Imgħoddi
- Leħen il-Banda
- Mill-Istaġun tal-Festi
- Siegħa Għana mal-Basli

**LETTERATURA**
- Rumanz - Belt ta' Qalbi, Bint il-Ħlewwa b'kitba ta' Joe Galea
- Stejjer Qosra ma' Victor

**SPORTIVI**
- Sports Connection

**MAGAZINE**
- Għodwa ta' Festa
- Mal-Bidu tal-Weekend
- Qomna Jew?!

**GĦAT-TFAL**
- Il-Mistoqsija Oħt il-Għerf
- Qalinu

**MUŻIKALI**
- 60's Afternoon
- 106.3 Italia
- All Time Favourites
- Delirium
- Eurovision Time
- Highlights
- Ilwien Mużikali
- Implosion
- Irrid Infaħħrek
- Melange
- Mar-Ritmu tal-Banda
- Monday Night Dance
- Music Mania
- Music Matters
- Music Menu
- Mużikomania
- Number 1
- Only Country
- Rewind
- Romantiċi
- S&I
- Spotlight
- Tagħna f'Tagħna

**RELIĠJUŻI**
- "Ejja Warajja"
- Il-Ħsieb tal-Jum
- Il-Knisja Tfakkar Illum
- Il-Lezzjoni ta' Toni
- Il-Mirakli Ewkaristiċi
- Maż-Żerniq fit-Talb
- Mid-Dlam għad-Dawl
- Mil-Leġjun ta' Marija
- Niftakru fl-Erwieħ tal-Purgatorju
- Nirriflettu Ftit
- Nitolbu bl-Evanġelju
- O Ġużeppi Missier Tagħna
- Quddiesa
- Rużarju
- Xhieda Qaddisa

**PROGRAMMI BL-INGLIŻ**
- Scandal of the Cross,
- Pope Fiction
- The Ten Commandments
- Swear to God

## L-ilħna li jagħmlu l-leħen

- Arċ. Fr Joe Zammit
- Abela Josef
- Abela Rodiann
- Attard Alfred
- Assoċjazzjoni tal-Qala fl-Amerika
- Assoċjazzjoni tal-Qala fl-Awstralja
- Bajada Josianne
- Bartolo Diana
- Bartolo Michael Carol
- Bonnici Matthew
- Borg Dun Mikiel
- Buttigieg Fr Charles
- Buttigieg Clayton
- Buttigieg Fr Krystof
- Buttigieg Dylan
- Buttigieg Karl
- Buttigieg Loren
- Buttigieg Michael
- Buttigieg Patricia
- Buttigieg Raymond
- Caruana Christopher
- Caruana Toni
- Cassar Sr Lauretana
- Cefai Angelica
- Cefai Chelsi
- Cefai Glorianne
- Cefai Ivan
- Cefai Jacqueline
- Cefai Jessica
- Cefai Johan
- Cefai Sem. John Paul
- Cefai Joseph Michael
- Cefai Malcolm
- Cefai Melanie
- Cini Antoine
- Cini Joseph
- Cremona Aryton
- Cremona Christina
- Cremona Francesca
- Cremona Rossana
- Cutajar Joey (aka DJ JayCee)
- Cutajar Joseph
- Debono Marlene
- Farrugia Antoine
- Gauci Sem. Gabriel
- Ghirxi Frans
- Grech Victor
- Grima Kenny
- Grima Norbert
- Kunsill Lokali Qala
- Leġjun ta' Marija
- Magro Frankie
- Meilak Joe
- Mejlaq Marcell
- Mejlaq Sammy
- Mifsud Gordon
- Mifsud Joanna
- Mifsud Miriam
- Mifsud Noella
- Mizzi Albert
- Mizzi Euchar
- Mizzi Jessica
- Mizzi Karmnu
- Mizzi Manuel
- Mizzi Marinton
- Mizzi Monique
- OASI
- Petricco Stephen
- Pisani Philip
- Portelli Amy
- Portelli Charles
- Portelli Karmnu
- Portelli Lee Ann
- Portelli Nathan
- Portelli Savio J.
- Rapa Marlene
- Said Daniel
- Saliba Frans J.
- Scerri Mary Josette
- Schwaiger Christopher
- Vella Adrian
- Vella Agatha
- Vella Eemer
- Vella Franklin
- Vella Gabriel
- Xerri Anna Marie
- Xerri Dr Raymond C.
- Xerri Nancy
- Xuereb Anglu
- Xuereb Josephine
- Xuereb Roxana

A Whole New Look

Sharmain's
Styling
Salon

1, Triq Ta Kassja
Qala Gozo.
Tel: 2156 6236
Mob: 726 7490

Ta' Vestru
Bar, Restaurant & Pizzeria
Specializing in Local & Italian Food
Open daily for Lunch and Dinner
5, St. Joseph Square, Qala, Gozo.
Tel: 2156 4589, 2155 9090, Mob: 7970 6274



**Ir-Ritratt ta' din il-Ħarġa: (Nru. 2)**

# Il-Pjazza - 85 sena ilu



Dehra oriġinali tal-Pjazza tal-Qala, bl-art tat-torba u b'Tas-Salib għadu mhux mibni. Dan ir-ritratt imur lura għad-data tas-27 ta' Ġunju 1926 (85 sena ilu). Ir-ritratt juri b'mod ċar ħafna tlett idjar li huma:

1. Id-dar fejn kien joqgħod Ġużepp Debono qabel ma nbniet il-faċċata li tagħti għall-Pjazza. Dakinhar il-faċċata tad-dar kienet tagħti għal Triq l-Imgarr. Tidher il-gallerija t-tonda li għadha hemm sal-lum poġġuta fuq il-garaxx u taħtha l-bieb li dakinhar kienu jghidulu "fuq is-cement". Illum din id-dar hija rinnovata u ġġib l-isem tad-"Dar Taz-Ziju".
2. Fuq ix-xellug tagħha tidher l-iskola tas-Subien tal-Gvern bil-gallerija fin-nofs. Illum din id-dar twaqqgħet u minflokha hemm id-dar ta' Joe Cremona 'l-mekkanik'.
3. Fil-fond bejn iż-żewġt idjar tidher u għadha hemm sal-lum il-gallerija tad-dar tal-"Maxxillar", illum rinnovata u hija proprjetà ta' George u Jennifer Grech.
4. Imbagħad jidhru n-nies fuq iz-zuntier kif kien dakinhar bil-fanal tal-pitrolju li minnhom kien hemm tnejn, wieħed fuq kull naħa, li kienu jinxtegħlu minn Bernardu Vella. In-nies qed iħarsu lejn daħna tiela' mir-raba' li aktarx hija daħna ta' xi murtali sparati in konnessjoni mal-Pussess tal-Kappillan il-ġdid li kien għadu kif inħatar fil-Qala, Dun Ġużepp Cassar minn Sannat, is-sitt Kappillan tal-Qala. In-nies jidhru lebsin ilbies tal-knisja u tal-festa, qegħdin jilqgħuh f'atmosfera ta' festa. L-irġiel bil-qmis bajda u s-sidrija sewda, waqt li n-nisa bl-għonnella. Jidhru wkoll il-pulizija lebsin il-'Bombay hats'.
5. Fuq ix-xelluġ tar-ritratt tidher ukoll karozzella bil-kuċċier bil-wieqfa fuq wara tagħha, aktarx li hija l-karozzella tal-Isqof ta' Għawdex li biha twassal fil-Qala l-Kappillan il-ġdid għall-funzjoni tal-Pussess. Hija tinsab imdawra mill-irġiel u t-tfal. Xi wħud minnhom qed ixejru l-weraq tal-palm, waqt li oħrajn għandhom il-bnadar f'idejhom ta' Malta u tal-Papa, u qegħdin quddiem il-karozzella. ■

*Dan ir-ritratt huwa misluf bil-korteżija tal-librerija tal-Knisja tal-Qala.*

LAGA
The Silversmiths

Manufacturers,
Wholesalers, Importers
and Restorers of
Silverware



Laga Co. Ltd.
192, Industrial Estate, Luqa LQA 05
Tel: 21244521 Fax: 21225177
Email: coster@waldonet.net.mt


bringing brilliance to your home
Silhouette
THE LIGHT SHOP
Pope John Paul II Street,
Victoria, VCT 9046, Gozo
Tel: 2155 9048 mail: info@silhouette.com.mt

CVC LTD. BY THE BASTION ROAD, VICTORIA GOZO MALTA TEL/FAX: 2155 1936 E-MAIL: CVC@GOZOTV.COM URL: WWW.GOZOTV.COM
CVC
citadel video communications
www.gozotv.com
audiovisual productions
MIRJA MISTURA TURISTINT GHAWDEX ILLUM TAKE OFF SAHHTEK L-EWWEL LUNAPARK MINN GHAWDEX ZMERALDI FRUNTIERI 22AM GOZO FUQ IL-P
TELEVISION & RADIO PRODUCTION
DIGITAL POST PRODUCTION
3D ANIMATION
STILL PHOTOGRAPHY
DVD / VIDEO MULTIFORMAT DUBBING
WEDDING SERVICES
AWARD WINNING LIBRARY FOOTAGE


D-Bar Restaurant & Bar
St. Joseph Square, Qala, Gozo - Tel: (356) 2155 6242 Mob: (356) 7942 7014
Continental Cuisine & Pan Pizza
We are open for Dinner Tuesday to Sunday
and for Lunch Saturday and Sunday
Pickup Available